| | | |
|---|---|---|
| | Thursday 30th. | **Technical** |
| | Friday 31st. | Act One – Run Through. |
| November | Saturday 1st. | Act Two – Run Through. |
| | Monday 3rd. | Act One Scenes 1 up to 6. |
| | Wednesday 5th. | Act One Scenes 7 up to 12. |
| | Thursday 6th . | Act Two Scenes 1 up to 9 |
| | Friday 7th . | Act Two Scenes 10 up to 15. |
| | Saturday 8th. | Run Through + Choir. |
| | Monday 10th. | Act One |
| | Wednesday 12th. | Act Two |
| | Thursday 13th. | Choir. |
| | Friday 14th. | Act One |
| | Saturday 15th. | Run Through with Costumes. |
| November | Monday 17th. | Act One. |
| | Tuesday 18th . | Act Two |
| | Wednesday 19th. | (Difficult Scenes) |
| | Thursday 20th | Technical. |
| | Friday 21st. | Dress. |

Saturday 22nd and Sunday 23rd. Performance Days.

| | |
|---|---|
| Wednesday 26th | Run Through. |
| Friday 28th | ?????? |

Saturday 29th and Sunday 30th, Performance Days.

# Fejn Marru L-Ulied!

(Ix-xeni u dawk li jiehu sehem.)

Minhabba l-fatt li hemm hafna xeni qosra, li fihom bosta drabi jiehdu sehem cast differenti, hassejt li nohloq "Scene Leader" li j/tigbor il-cast ta dik ix-xena partikolari u jghadu l-parti kif mehtieg. Id-Direzzjoni tiehu hsieb taghmel il-"Blocking" u tghaqqad xena wara l-ohra.

| L-Ewwel Att: | Jiehu Sehem: |
|---|---|
| Scene 1. Ix-Xatt tas-Sliema: Page 5-9 (Scene Leader Direttur) | Crowd, Choir, Sellers, Fons Elizabeta, Roza, Patist, Duminka. |
| Scene 2. Fuq l-art tas-Sur Fons: 9-11 (Scene Leader Michael) | Wenzu, Fons, Elizabeta, Patist. |
| Scene 3. Il-Ftuh tal-kullegg. 11-12 (Scene Leader Direttur u Michael) | Crowd, choir, Wenzu Fons, Gvernatur, |
| Scene 4. Sibt Il-kenn u l-wens. 13-20 (Scene Leader Mario Fava. | Pawlu, Fr.O'Grady, Tfal, Wenzu, Duminku Ganni, Wenzu Kbir, Zeffiena. |
| Scene 5. It-Triq id-Dejqa! 20-27. (Scene Leader Loredana Magro. | Jessie, Fr.O,G. Tfal, Wenzu Duminku, Dolor, Madre, Duminka, Wenzu Kbir. |
| Scene 6. Sirna Rgiel fis-Sette Gunju (Scene Leader Direttur) 27-34. | Crowd, Fr.OG, Wenzu u Duminku (18 yrs old) Fons, |

| | |
|---|---|
| | Elizab, Maria, Rosa, Wenzu Kbir, |
| Scene 7. Fid-Dar Ta Wenzu (Scene Leader Manoel 35-37 | Maria, Wenzu(It-tfal taghhom, Rita |
| Scene 8. Il-Gwerra. Pg 38-43, (Scene Leader Direttur) | Maria, Wenzu, u t-tfal, Gerita , Surmast, Fredu, Carmela, |
| Scene 9. Fl-isqaq. Pg. 44-50. (Scene Leader Joe Bonello) | Maria, Tabib, Sunta, Peppi, Karmenu, Rosa, Fizzjal, Wenzu. |
| Scene 10. Il-Weghda. Pg. 50-57 (Scene Leader Rita.) | Maria, Karmenu, Lina,Gilarda, Wenzu, |
| Scene 11. Twieldu t-tewmien. (Scene Leader Joe Bonello) | Dolor, Lina, Maria, Wenzu, Karmenu, Sunta, Peppi, Rita, |
| Scene 12. Mitt Bniedem Mitt Gidba! (Scene Leader Direttur. | Crowd, choir, Gillarda, Wenzu, Dolor, Lina, |

Tmiem ta' l-ewwel Att.

It-Tieni Att.

| | |
|---|---|
| Scene 1. F'Tas-Sliema fil-hamsinijiet. 1-4<br>(Scene Leader Rita) | Wenzu, John , Lina,<br>Tfal, 12 yrs, Pawlu,<br>Alfred , Iro, Peter. |
| Scene 2. Fl-ghalqa tal-bombu. 4-8.<br>(Scene Leader Rita) | Tfal:Pawlu, Peter, Alfred,<br>Iro, John, Lina, Wenzu,. |
| Scene 3. Fid-Dar Tas-Sur Johnny. 8-10<br>(Scene Leader Paul Debono) | Lina, John, Gillarda,<br>Peter, Wenzu. |
| Scene 4. Il-Bitha Tal-Oratorju. 10-12.<br>(Scene Leader: Paul Debono) | Tfal, Pawlu, Peter, Alfred,<br>Sur Galea, Lina, John, |
| Scene 5. Dina Ohra. Pg. 12-15.<br>(Scene Leader Direttur) | Fr.OG. Wenzu, Anna,<br>Marthese, Zghazagh,<br>Peter u Pawlu (20 yrs) |
| Scene 6. Il-Blugha tal-karnival. 15-18.<br>(Scene Leader Direttur) | Zeffiena, Zghazagh, Paul<br>Peter, Anna, Wenzu, Dolor. |
| Scene 7. It-Tieg. Pg. 18.20<br>(Scene Leader Paul Debono) | Maria, Paul, John, Lina,<br>Tabib, Peter, Anna,<br>Gillarda, Crowd, |
| Scene 8. Id-Dar ta' Marija 20-30<br>(Scene Leader Rita. | Maria, Rita, John, Lina,<br>Pawlu. |
| Scene 9. L-Isptar. Pg 30-33<br>(Scene Leader Mario Fava) | Nurse, Paul, Peter, Wenzu,<br>Tabib, Dolor, Fr.OG. |
| Scene 10. Fl-Oratorju – Il-Club. 33-35 | Fr.Joe, Brian, Sarah, Petra, |

| | |
|---|---|
| (Scene Leader Ivan Debattista) | Zghazagh, |
| Scene 11. Il-Qassis fil-ghaxija. 35-39<br>(Scene Leader Ivan Debattista. | Fr.Joe, Fr.OG.Mrs.Vassallo<br>Wenzu, Brian, Sarah,<br>Zghazagh, Crowd, |
| Scene 12. News Pg. 39-40<br>(Scene Leader Paul Debono) | Crowd, zghazagh, John,<br>Lina, Gillarda, Anna,<br>Xandar |
| Scene 13. Id-Difna Pg. 40-44<br>(Scene Leader : Direttur | Fr.OG, Fr.Joe, Crowd,<br>Zghazagh, John, Anna,<br>Brian, Sarah, Wenzu. |
| Scene 14. Bniedem Gdid. 44-45.<br>(Scene Leader Paul Debono) | John, Anna, Lina, Brian. |
| Scene 15. Il-Bniedem Misteru. 45-48.<br>(Scene Leader : Direttur) | Crowd, zghazagh, zeffiena,<br>All The Cast. |

# *FEJN MARRU L-ULIED?*

Jekk wiehed jieqaf u jahseb ftit, jifhem illi l-hajja hija katina kontinwa, li tghaqqad familja ma' ohra, u tissokta ddomm grajjjiet ta' ferh, u niket minghajr tmiem.

L-iskop tal- kitba ta' dan ix-xoghol, li giet imnebbha mill-esperjenzi ta' zghoziti li ghaddejt fl-Oratorju Salesjan gewwa tas-Sliema, hija li tqanqal xi memorji lil hafna li minn f'xi zmien jew iehor rifsu f'dan il-post, jew li kellhom x'jaqsmu b'xi mod ma' l-ispirtu Salesjan.

Ghalkemm ghaddew ghexieren ta' snin, ghadni niltaqa' ma' hbieb tampari, nies anzjani sew, kif wkoll hbieb ta' generazzjoni ta' warajja u nissuktaw insemmu xi grajja li laqtitna fi zmien l-imghoddi. Ilkoll qabdu t-triq taghhom, xi whud fasslu familja ma' dak is-sieheb jew dik is-siehba li kienu ltaqghu maghhom propjament fl-ambjent Salesjan f'tas-Sliema.

Ghadhom jidwu f'widnejja t-tvenvin tal-ktajjen mal- "passa volante" li ghalkemm kelma mnissla mit-Taljan, kullhadd kien jirreferi ghaliha bhala 'l-passa". Ghadni nisma l-hoss tat-tkaken u l-krakar tat-tfal tal-kullegg ta' St Patricks waqt xi mixja mad-dawra tal-bahar meta jiena kont niddandan hdejhom bir-rota safranija li kien xtrali missieri meta ghaddejt ghal-Liceo! Kont inhares lejhom u xtaqt li nindieghes maghhom u nsir habib tal-qalb.

Din il-kitba tehodna tul medda ta mitt sena, mill- migja ta' l-ewwel Salesjan, f'Malta sas- sena 2003. Grajja li tifrex madwar erba' generazzjonijiet, grajja li tfakkarna f'episodji ewlenin fl-istorja ta' pajjizna. Xi whud mill-episodji li sejrin naraw graw qrib jew kienu midhla mas-Salesjani. Ghalkemm nghaddu flimkien grajjiet ta' ferh u anke qsim il-qalb, ix-xewqa tieghi hija li wiehed ghandu dejjem ihares il-quddiem b'ottimismu minkejja dak kollu li jigi mggarrab fil-hajja, u li fuq kollox niftakru li hemm hajja ohra li tistenniena lkoll!

F'dan il-ftuh nistqarr li huwa kemmxejn difficli li f'erba' kelmiet tad-dahla nispjega dak li ghandi f'mohhi. Ghalhekk nitlob lil dik l-id misterjuza li fl-imghoddi forsi qanqlet xi qlub sabiex tissokta tfassal din il-grajja, u flimkien forsi nifmhu, "Fejn marru l-ulied"!.

# Ix-Xeni……

## L-Ewwel Att.

| | |
|---|---|
| L-Ewwel Xena: | Fix-Xatt Tas-Sliema 1903 |
| It-Tieni Xena: | Fuq l-art tas-Sur Fons |
| It-Tielet Xena: | Il-Ftuh tal-kullegg |
| Ir-Raba Xena: | Sibt il-kenn u l-Wens |
| Il-Hames Xena: | Fi Triq id-dejqa! |
| Is-Sitt Xena: | Sirna rgiel fis- sette Gugnio! |
| Is-seba Xena: | Fid-Dar Ta' Wenzu |
| It-Tmien Xena: | Il-Gwerra 1942 |
| Id-Disa Xena: | Fl-isqaq nilghabu l-passju |
| L-Ghaxar Xena: | Il-Weghda… |
| L-Hdax il-Xena: | Twieldu t-tewmin |
| It-Tnax il-Xena: | Mitt bniedem , mitt gidba! |

## It-Tieni Att.

| | |
|---|---|
| L-Ewwel Xena: | Lura f;Tas-Sliema. |
| It-Tieni Xena: | Fl-ghalqa tal-Bombu |
| It-Tielet Xena: | Fid-dar tas-Sur \|Johnny |
| Ir-Raba Xena: | Fil-bitha ta' l-Oratorju |
| Il-Hames Xena: | Dinja Ohra |
| Is-Sitt Xena: | Il-Bluha tal-karnival |
| Is-Seba Xena: | It-Tieg u l-ahbar kerha |
| It-Tmien Xena: | Lura ghand Marija |
| Id-Disa Xena: | L-Isptar |
| Xena Ghaxra: | Fl-Oratorju fis-snin Tmenin |
| Xena Hdax: | Il-Qassis il-Hadd fil-ghaxija |
| Xena Tnax: | Nisimghu li "news" |
| Xena Tlettax: | Id-Difna |
| Xena Erbattax: | Bniedem Gdid. |
| L-Gheluq: | Imsejken dan il-Bniedem, tahlita ta' sensi! |

## *Jiehdu sehem kif jidhru:*

Folla fix-xatt tas-Sliema li jistghu ikunu l-kor.
Wenzu : Ragel ta' madwar 40 sena
Rosa: Kampanjola
Tal-Hut Sajjied li jarma x-xatt
Tad-Dghajsa: Qaddief
Patist: Bennej
S-Sinjura Gilarda: Mara nobbli omm Lina
Tal-Haxix: Bidwi li jarma x-xatt Sur Fons: Filantropiku
Elizabetta
Bahri: Sid il-Lanca
Duminka: Zaghzugha
Gvernatur:
Mrs FreeMantle: Martu
Pawlu: Purtinar
Fr.Patrick: Rettur
Vuci Ta'Mara Omm Fr. Patrick
Wenzu: Tifel ta' 10 snin }
Ganni: Tifel ta' 10 snin } Tfal li kienu St.Patricks
Duminku: Sieheb Wenzu – 10 snin }
George: Tifel ta' 11 il sena }
Jessy: Mara li toqghod Strada Stretta!
Dolor: Omm Wenzu
Ragel Mibni: Jiehu hsieb l-ambjent fi Triq id-dejqa!
Madre
It-Tfal ta' Wenzu: Rita: 17 il sena
Peppi 15 il-sena
Rosa 13 il-sena
George 11 il-sena
Mario 10 snin
Lina 8 snin
Silvio 6 snin
Ganni 4 snin
Turu: Is-Surmast
Gerita: Girien
Fredu: Girien
Karmena: Girien

It-Tabib Debono:
Sunta: Omm Marija
Guzeppi: Missier Marija
Karmenu: Gar Ta' Wenzu
Fizzjal Tan-Navy
Sinjura Lina
Sur Johnny
Gilarda – Omm Lina
It-Tewmin Pawlu
U Pietru
Alfred
Iro

Is-Sur Karm

It-Tewmin Pawlu
U Pietru (Zghazagh)

Anna
Marthese

Tabib Ingliz
Nurse Maltija
Nurse Ingliza

Brian
Sara
Petra
Matthew

Fr. Joe
Mrs. Vassallo
Xandar

Dak li jdoqq it-tamborlin.

***Fuq il-palk tidher gholja fuq in-naha t' wara, 'platform' li tinbidel minn xena ghall- ohra. Fil-genb, sfond iswed, newtrali. Fuq platform fuq ir-roti b'forma ta' trianglu, naraw tlitt xeni, li f'lehha ta' berqa ddur, u nsibu ruhna f'ambjent iehor.***

## L-ewwel Xena.- Il-ftuh –Il-bierah u llum

***Fuq sfond ta' muzika 'Rachels Song' ta' Vangelis, tinfetah il-purtiera u jidhru hamest itfal, min hu bil-qeghda fuq l-gholja, b'saqajh imdendla, min mindud fl-art b'idu fuq geddumu, min jhares lejn fanal mixghul, filwaqt li fuq sfond hamrani li juri li qieghed jisbah, ic-cpar mad-dawra (dry Ice) il-palk jiehu l-hajja, b'mixi bilmod, Il-folla tidhol minn kull naha li wiehed jista' jimmagina! Naraw xi tfal johorgu minn nofs il-palk, bhal li kieku hergin mill-art, ohrajn mill-gnub, minn fost l-udjenza..... u bil-mod liebsa bil-kostumi tal-bidu tas-seklu, imbaghad matul iz-zmien b'kostumi li juru l-epoka.***

Wenzu: Matul dawn il-ftit sighat flimkien sejrin naqsmu mumenti ta' ferh u nieket. Lili intom ma tafunix, izda jiena nafkom sewwa ghaliex ghext maghkom u ghadni ndur fostkom minghajr ma tarawni!

***Bhal issa m'inthom tifhmu xejn. Fuq ix-xatt hemm bejjiegha ta' kull xorta...tal-hut, tal-kappar, xi bahri li juri bhala simbolu l-Imperu Nngliz fl-aqwa tieghu....xi tfal jigru bic-cirku tal-hadid......)***

Rosa: Kejla kappar.....
Tal-hut: Hajja u friska il-hut
Tad-dghajsa:Ghall- belt sinjur.....sold biss!

***(kulhadd irid ibiegh milli ghandu)***

Rosa: ***(Liebsa bl-ghonella)*** Smajt li waslu xi qassisin minn Sqallija u marru ghand is-sur Fons.

Patist: Imma Roz, kif issir taf kollox int. Dazgur li smajt Roz... u mhux hekk biss, is-Sur Fons qalli biex nigbor erba' haddiema

tal-gebel ghaliex ghandu progett gmielu hdejn it-torri, in-naha l-ohra ta' tas-Sliema.

Rosa: Mela sejjer iddabbar xi sold, ja mnieghel l-int! Il-fortuna tigri warajk. Trid kejla kappar sinjura? ***(lill- mara ghaddejja minn hdejha)***

Sinjura: Aghmilli kejla Rosa. Isma tista' taghmel ftit hall u mhux Ilma bahar f'dak il-barmil.

Rosa: Kappar mill-aqwa sinjura, tista' zzommu ghal sena shiha. Tini skud.

Patist: Lili jigru warajja ghax ragel tas-sengha u ma nidhaqx bin-nies.

***(Naraw tifel jisraq xi frotta minn fuq il-karrettun)***

Tal-Haxix: Hawn ja halliel.. zommuh! ***(jinholoq ftit tal-pandemonju filwaqt li fl-ahhar it-tfajjel jaqbez minn fuq il-palk u jsib ruhu fost l-udjenza u jitlaq jigri fill-kurutur……jiltaqa' mas Sur Fons min qalb l-udjenza….bit-tomna u l-bastun)***

Sur Fons: ***(Jaqbdu minnn idu u jwasslu lura fuq il-palk hdejn il-karrettun***)

U hallina Ros, min jisimghek! Dak jiena tlabtu jgibli laringa ghax mejjet bil-ghatx, u minnflok ha zball miskin u gabli tuffieha. X'ghandi naghtik?

Rosa: Ghalik b'xejn sur Fons. Bil-haqq irrid ingiblek zarmug bhala ringrazzjament talli lit-tifla sibtilha l-post ma' dik s-sinjura ta' Tax-Xbiex. M'ghandekx ideja kemm hi ferhana maghhom.

Elizabetta: Dak il-fenek ghaddieh lil-gar ta' hdejk, ghax dik ghandha hafna tfal u xieraq li ghall-milied jaghmlu ikla tajba.

Patist : L-ghodwa t-tajba sur-Fons. Smajt li xtaqt tkellimni.

Sur Fons: Patist, ejja naqbdu karrozzin u naslu wasla sa' hdejn it-torri u nurik il-lant tax-xoghol. F'idejja ghandi l-pjanti, u nistghu nitkellmu ahjar fuq il-post.

Elizabetta: Zewgi dejjem jara' x'jivvinta. Izda din id-darba, nistqarr li ghandu pjan kbir li ilu hafna jhewden fuqu. Tridu taraw, kif f'nofs ta' lejl, nistenbah, u ninzel isfel u f'dik il-hemda ta' bil-lejl, bil-lampa baxxa, nara lil Fonsu tieghi, mitluf fil-pjanti u karti, ihazzez xi figuri....

Rosa: Sinjura Elizabetta, kullhadd jaf kemm ghandek ragel qaddis. Huwa minnu li l-bambin taghkom hafna gid, izda huwa minnu wkoll, li inthom nies twajba, li taqsmu dak li ghandkom ma' min hu fil-bzonn.

Elizabetta: Rosa, il-hajja taghna hija qasira wisq. Filli hawn, u wara ftit snin, li jgerrbu bhall- lehha ta' berqa, nsibu ruhna fit-tarf tal-mewt. U ghalhekk tajjeb li wiehed jaghmel il-gid f'hajtu.

Rosa: Kemm jiena grata lejk sinjura. Ghaliex Duminka tieghi, qaltli li kont int li ghaddejt kelma tajba mas-sinjuri ta' Tax-Xbiex. M'ghandekx ideja kemm qeghda ghal qalbha maghhom. Nies minn taghna hafna wkoll...

Elizabetta: Inzilna x-xatt ghax ~~Wenzu~~ Fonzu tieghi ried jiltaqa' ma' Patist, u qalli biex nigi ftit mieghu. Fl-istess hin, isservini ta' passiggata....

Fons: Allura Ptist, tahseb li taqdini?

Patist: Habat tajjeb Sur Fons ghaliex bhal issa ghadni kif lestejt bicca xoghol f' Birkirkara u l-haddiema herqana sabiex jergghu imiddu jdejhom ghax-xoghol.

Sur Fons: Hawn ara gej Belindu tal-karrozzin

Patist: Sa' hdejn t-torri Belind

Sur Fons: Sahha Rosa u sellili ghar-ragel....

Rosa: ...L-ewwel fwiedu imbaghad uliedu dak....m'hemmx li jdahhalha f'rasu li l-qatra mhux tajba ghalih....obbligata dejjem Sur Fons

***(Fil-waqt li johorgu........)*** Kejla kappar sinjur......(tasal il-lanca tal-belt)

Bahri: Orbotli wahda habib! ***(jitfa habel mill-genb u minnufih inizzel fallakka)*** Bil-mod sinjura ghax taqa' l-bahar! B'dak il-kappell sejjer jehodulek ir-rih.....

Tal-hut: Friski u hajjin il-hut sinjura......

Duminka: ( ***Li ghada kif waslet bil-lanca mill-belt***) Ma. s-sinjura baghtitni l-belt biex nixtri ftit gobon u mluha mis-suq..... Taf kemm qeghdin ibieghuh il-kappar hemm hdejn is-suq?

Rosa: Ma jimpurtanix....hawn tas-Sliema. Min irid jixtri bl-irhis imur fuq il-monti..... kejla kappar sinjur....

Duminka: Kemm huma minn taghna s-sinjuri li bghatni ghandhom is-sur Fons. Serrah mohhok ma, ghandi kamra ghalija u ma jonqosni xejn. Halli mmur nghid bongu lil pa u nehodha bil-mixi ghal Ta' Xbiex. Berikni ma...

***(Fost dak l-istorbju u l-genn ta' tas-Sliema, il-folla josfru bil-mod...sakemm fuq il-palk jitla hajt tas-sejjieh, u jibqa' ragel li wara li jsib ruhu wahdu jibda jaghzaq l-ghalqa)....***

## <u>It-Tieni Xena –FUQ L-ART TAS-SUR FONS.</u>

Wenzu: U hekk kienet il-hajja fix-xatt tas-Sliema fil-bidu tas-seklu. Minnflok il-lanec tat-Turisti li naraw illum, konna nsibu bastimenti kbar tal-gwerra bil-bandiera Ngliza tperper mar-rih....u lanca gejja u ohra sejra minn tas-Sliema ghal Marsamxett!
Ghal kull sold xi whud kienu jqaxxru qamla, min jistaghna u minn jitbaskat fix-xemx. Id-dghajsa tas-sold taqsam il-port u Kruc ibiegh il-pastizzi tal-irkotta u tal-pizelli......

***(Ninsabu fl-ghalqa fejn kellha tinbena l-ewwel dar Salesjana – St. Patricks. U jidher is- sur-Sur Fons bil-pjanti f-idejh jispjega lil Battist)***

Wenzu: Fid- 29 ta' Awissu 1896 is- sur Sur Fons kiteb ghat- tieni darba lil Don Rua fejn qallu " li minn zmien twil ili nahseb fuq progett bit-tama li narah isehh quddiem ghajnejja. Opra li tkun ta' gid kbir ghal dawk it-tfal l-aktar foqra li jinsabu fil-gzejjer taghna" Ghandkom tkunu tafu li jiena kont wiehed mnhom ...tista tghid delinkwent...

Sur Fons: Sa fl-ahhar il-holma li dejjem kelli sejra ssir realta. Hawn hekk hawn medda ta' erbat elef metru kwadru ta' art. Kollox gie approvat kemm mill-kunsill lokali kif ukoll mill-Ekonomu tas-Salesjani fl-Italja, Don Rocca.

Patist: Allura min huma dawn is- Salesjani li qieghed issemmi?

Elizabetta: Dawn huma qassisin li waqqaf Don Bosco f'Turin l-Italja. Don Bosco huwa bniedem qaddis li hadem hafna ghaz-zghazagh. Ma taqbilx maghna li hawn bzonn xi forma ta' Istitut hawn Malta ghal dawn il-hafna zghazagh li ma ghandhom lil hadd min jghidilhom kelma tajba?

Patist: Kienu qeghdin jghidu l-kazin li l-konti Gerald Strickland ma qabilx ghal kollox fuq dan il-progett. Jaqaw ghaliex is-Salesjani huma Taljani u mhux Inglizi jew?

Sur Fons: L-importanti huwa li fl-ahhar kellna qbil. Ghax ghandek tkun taf Patist, li ma jistax ikun li tbiddel bniedem fi zmien hmistax il- jum jew nghidu ahna , f'xahar jew f'inqas minn sitt xhur, kemm setghet tkun il-kundanna tal-qorti?

Patist: Ghax tghid, issa qed nifhem ghaliex sejra tinbena fergha ohra hdejn ir-Riformatorju. X'temp tiela' sur Fons...

Elizabetta: Hallih ixarrabna ghax ghandha bzonn l-ilma. Ghandek tkun taf li jkun mehtieg il-kunsens tal-genituri li jaghzlu li jafdaw dawk iz-zghazagh delinkwenti f'idejn is-Salesjani. Fihom wiehed kien jara tama li jistghu ibiddlu hajjithom.

Patist: Kemm qed titkellem sewwa sur Fons. Min jaf kemm il zaghzugh sejjer jaghddi minn dan il-post

Sur Fons: Nixtieq li 'l quddiem tiltaqa' ma' Don Bertelli u mal- perit Caselli li gejjin minn Sqallija...u flimkien nippjanaw sew il-bini...

***(Tfaqqa' sajjetta u ftit wara tibda niezla x-xita. Sur Fons jiftah umbrella sewda kbira u jibqghu jitkellmu taht l-umbrella)***

Wenzu: Il-hsieb kien li nitghallmu xi sengha, u fl-istess hin jiehdu hsieb lilna, d-delinkwenti zghazagh. Wiehed jifhem li l-gvern dak iz-zmien kellu aktar ghal qalbu li s-Salesjani jiehdu hsieb iz-zghazagh misjuba hatja mill-qorti u jekk minnflok li jmorru l-habs taht il harsien tal-pulizja naghddu xi zmien tas-sentenza taghna fl-Istitut mas-Salesjani.

***(Sur Fons u Battist johorgu filwaqt li jibqghu jitkellmu mitlufin fil-pjanti... naraw fuq il-palk il-preparamenti ghat- tqeghid ta' l-ewwel gebla)***

## IT-TIELET XENA – IL-FTUH TAL-KULLEGG.

Wenzu: Ix-xoghol mexa gmielu. Wara sirt naf li l-gvern kien ghadda ligi li biha ahna d-delinkwenti, li ma kellniex il-kura mehtiega mill-genituri taghna, kellna nintbghatu r-riformatorju sakemm nispiccaw l-edukazzjoni morali u civili. Xi kliem tqil hux hekk? Fi ftit kliem, kien intlahaq ftehim minghajr ma S-Salesjani kellhom ghax jahsbu ghal Istitut iehor vicin il-kullegg ta' St.Patricks. Ma kienx facli...niftakar li fost l-ohrajn kien hemm certu Spiru, xejn ma kien minn taghna.....fil-fatt m'ghadnix narah, min jaf x'kien sar minnu?

***(Tinstema' l-banda u jingabru n-nies, folla gmielha ghal- ftuh tal-kullegg ta' St.Patricks)***

Gvernatur: (Freemantle) Minn zmien twil ilha tinhass f'Malta l-htiega ta' skola ndustrijali ghall-korrezzjoni u t-taghlim tat-tfal ittraskurati u meta jiena, xi hames snin ilu wasalt Malta laqtitni hafna l-qaghda wisq kerha ta' zghazagh maghluqin fil-habs, post li ma setax ma jhallix fihom jekk mhux impressjoni ta' l-akbar hsara. Il-generosita tas-Sur Fons Galea u l-koperazzjoni tal-kunsill legislattiv taw lill- gvern il-mezz li jinqeda bil-hidma wisq gholja u sabiha tas-Salesjani Taljani meta stedinhom jifirxu sa' Malta l-barka tal-hidma taghhom ghall- gid ta' bosta zghazagh.

***(Wara dan id-diskors, ikun hemm capcip u jinghata bukkett fjuri lil Mrs.Freemantle)***

Sur Fons: Jiena dejjem hlomt flimkien ma' hafna ohrajn li dan il-jum sabih izernaq u ghad juri li fih ix-xoghol tas-Salesjani jinxtered ukoll f'art twelidi ghall-gid taz-zghazagh Maltin. J'Alla d-dar tas-Salesjani fi zmien qasir toghla daqs ggant imdawwla bil-barka t'Alla. J'Ajja dejjem ikollha fuqha l-ispirtu ta' fejda, ta' hegga, ta' xoghol u ta' civilta' nisranija.

***(Filwaqt dawn id-diskorsi naraw xi tfal li jkunu fuq il-parti ta' quddiem. Il-folla tkun qeghda thares lejn il-Platform, b'darhom lejn l-udjenza. It-tfal inkiss inkiss jisirqu xi portafoll u jinqabdu mill-pulizija li jkunu fuq wara.... Jaqbduhom minn widnejhom....***

***(Waqt id-diskors ta'' Freemantle –bil-malti, mbaghad wara tas-Sur Fons,tinstema muzika mehuhda mill- War Theme ta' Pearl Harbour bhala background.....imbaghad il-kor jiehu dawn il-versi fin-nofs tal-muzika)***

Kor: Ejjew ilkoll naqsmu l-gid.....
Ejjew naqbdu 'l xulxin id f'id
Naraw il-gejjieni sabih
Naraw lill-uliedna mitlufin
Isibu t-triq li twassalna lil-hinn...
L'hinn minn kull saram u tilwim.

Etc: To be versed.......

*(Xi suldati johorgu jimmarcjaw fuq il-pass tal-muzika……il-folla thares lejn l-udjenza) ……..*

## IR-RABA XENA: SIBT IL-KENN U L-WENS

***(Ninsabu fil-kullegg ta' St.Patricks u naraw attivita' shiha…xi qassisin jaqsmu l-palk, tfal bl-uniformi……u fil-genb hemm ufficju zghir)***

Pawlu: Ghadni kif nahsel l-art….mela inthom hekk taghmlu jew? Ara ftit kif hammigtu kollox bit-tajn ma' saqajkhom……

Fr. Patrick O'Grady: Pawl, w inti x'tippretendi, jekk it-toroq barra kollha tajn, kif tista' ma thammiggx gewwa

Pawlu: Sewwa qed tghid Fr.Patrick, mela issa mill-lum il-quddiem, ahjar ma nahsilx aktar. Mhux ta' xejn.

Fr.Patrick: Mela jmissek ma tqaxxarx il-lehja kull fil-ghodu, ghax l-ghada terga' titla, mhux hekk Pawl?

Pawlu: Ghax tghid, sewwa qed tghid. Isma kemm sejrin ikunu t-tfal li ha jorqdu hawn?

Fr.Patrick: Kemm ikun hemm bzonn. Ghandna hafna x'naghmlu maghhom. L-imghallem Toni, il-mastrudaxxa rajtu llum?

Pawlu: Lil Toni hallejtu jwahhal il-bieb tal-kamra fejn inzommu l-ikel. Lil dawn it-tfal ma xxebaghhom b'xejn!

Fr.Patrick: Ghandu jigi tfajjel gdid illum….jismu Lawrence jew Wenzu. Kif jasal ghaddih fl-ufficju tieghi.

Pawlu: Kollox sew Fr.Patrick…… Dan xi halliel iehor jew? Minn fejn hu, minn Bormla jew mill-belt?

Fr.Patrick: U int ghalik x'differenza taghmel.....ghandna xitla zghira li rridu nsaqquha, nizbruha, u nittama li taghmel il-frott. Good day Paul.

***(Fr.Patrick O' Grady jidhol fl-ufficju tieghu li jinsab fil-genb tal-palk, in-naha ta' quddiem......)***

***(Tinstema' 'William Orbit – Barber's Adagio bhala back ground music filwaqt li jiftah ittra li jkun irceva minn ghand ommu fl-Irlanda)***

My dear son,

I am writing from your home town Dublin , whilst the winter days are so lonely, now that your dear Father passed away...... Nispera li x-xoghol tieghek maz-zghazagh Maltin itiq it-tama u jispirak li tkun ta' gid ghalihom u ghall- familji taghhom. Ftakar li dawn, ghada, pitghada sejrin isawwru familji godda wara li johorgu minn St.Patricks. Nispera, ghaziz ibni li jkolli x-xorti li nerga narak. Jiena nitlob dejjem ghalik. Patrick ftakar dejjem f'pajjizek......

***(Fuq il-palk jidhol Wenzu tifel zghir...imbezza' ghaliex ma jafx ma' min sejjer jiltaqa')***

Wenzu: Jiena Wenzu, qaluli biex nigi hawn u nistaqsi ghal patri Patrick.

Pawlu: Minn fejn int?

Wenzu: Mill- Belt.

Pawlu: Inti tiekol hafna?

Wenzu: Daqs nofs li tiekol int!

Pawlu: Jidher li jilhaqlek gmielu int. Dak mhux patri Patrick. Dak Fr.Patrick, ghax gej mill-Irlanda.

Wenzu: Inti Patri?

Pawlu: Le, jiena ghazeb, purtinar, niehu hsieb il-post. Ommok hajja?

Wenzu: Isma inti kemm trid tkun taf affarijiet?

Pawlu: Ejja, ejja imxi Wenz ma nibdewx hazin jien u int tafx. Lil Fr.Patrick issibu hemm gew....idhol minn hemm u dur fuq il-lemin, imbaghad habbat il-bieb.

Wenzu: Hekk tajjeb,.....hafi, ma thammigx l-art....kellu bzonn kullhadd ikun bhalek.

***(Jinstema' jhabbat il-bieb ta' l- ufficju ta' Fr. Patrick)***

Fr. Patrick: Yes, come in please.....

***(Jerga jhabbat.......iqum u jmur jiftah il-bieb......)***

Come in my dear boy. What is your name?

Wenzu: ***(jidher li ma fehem xejn!)***

Fr. Patrick: Jiena nitkellem bil-Malti. X'jismek habib

Wenzu: Wenzu tal-Belt.

Fr. Patrick: Wenzu what?

Wenzu: Xi trid tghid m'hinix nifhmek?

Fr. Patrick: Kunjomok x'hinu...... ??

Wenzu: Vella......Missieri ma nafux, u ommi bil-kemm naraha, dejjem rieqda fil-ghodu!

Fr. Patrick: Forsi miskina ghax tahdem bil-lejl.....ma jimpurtax Lawrence , hawnhekk sejra tkun darek, u jiena nixtieq li tqisni bhala missierek. Il-quddiem nistieden lill- ommok tasal s'hawn u nitkellmu ftit flimkien. Ara, itla ftit fuq dil –karta....... (bil-lapes jaghmel il-marka ta' saqajh)

Wenzu: X'qed taghmel?

Fr. Patrick: Xieraq issa li jkollok zarbun….jew ghall- inqas qorq,

Wenzu: Dak ix-xih qalli li ahjar li kullhadd ikun hafi biex ma nhammgux.

Fr. Patrick: Stenna ftit hawn Wenzu…dalwaqt gej…..
***(johrog fuq il-palk filwaqt li Pawlu jidher ghadu jiknes***) Paul, isma ftit…

Wenzu: ***(Filwaqt li jhares lejn ritratt li kellu fuq l-iskrivanija)*** Din xi habiba tieghek?

Fr. Patrick: Le dik il-mama tieghi. Toqghod il-boghod u sabiex niftakar fija nzomm ritratt taghha. Lil mama' taghna , dejjem ghandna nhobbuha ghax li kieku ma kienitx hi, ahna m'ahniex hawn, mhux hekk?

***(Jidhol Pawlu)***

Pawl, hu hsieb xi qorq lill- habib taghna Wenzu, u hudu fid-dormitorju. Bilhaqq, smajt li sejjer tibda toqghod hafi int, jew qaluli hazing?

Pawl: Hafi, dan x'jigifieri? X'kull wahda wkoll, dan min fejn smajtha din?

Fr. Patrick: Imbaghad nghidlek f'widnejk!

**<u>Xena fil-bitha bit-tfal jilghabu:</u>**

***Naraw madwar 12 il-tifel, ta' kull eta', jilghabu u jghaddu z-zmien fil-bitha. Min fuq xi strippi tal-injam, min jigri wara ballun tac-carruta, min jitkellem f'xi rokna….. qassis jidher idur u jkellem lil xi whud…. Wara ftit iwarrab.***

Ganni: Wenz, allura int m' ghandek lil hadd?

Duminku: Din mhux bicca tieghek.

Ganni: Isma jiena qieghed nghidlek ghax nithassrek dejjem wahdek. Minn mindu gejt hawn bilkemm ghadni rajtek tkellem lil xi hadd.

Wenzu: Biex nghidlek, ommi wegheditni li tigi tarani, u f'xahar, kemm ili hawn, lanqas biss resqet b'nemes!

Duminku: Inti min fejn int? Fejn toqghod?

Ganni: Jien Belti, noqghod fi Triq id-dejqa.

Duminku: Missieri ghandu hanut tal-pastizzi Strada Forni….

Wenzu: Jaqaw missierek Duminku?

Duminku: Ghaliex? Tafu?

Wenzu: Min jaf kemm sraqtlu pastizzi!

Duminku: Mela sewwa jghidu li int halliel…

Wenzu: Halliel missierek dak il-werc…..

Duminku: Werca ommok….dik il-……

George: …………u aqtagha ejja…ara ma jisimghekx il-father..

Wenzu: Jiena ma jimpurtani minn hadd.

George: Int kelb ghalik innifsek. Int b'ghemilek taghmel hsara lilek stess u ma tismax minn min jghidlek kelma ghall-gid tieghek

Duminku: Dak kelb ahdar Belti….

Wenzu: ***(ihebb ghalih u jfajjarlu daqqa ta' ponn)***
Kelb int u min ghandek……(***jiggieldu u jitqaghbdu fl-art filwaqt li jinholaq xi ftit tal-pandemonju. Jidhol Pawlu – l-purtinar***)

Pawlu: Hawn x'hinu gej....ejja ejja, naqtawha....Fr. Fr....qed jiggieldu....zommuhom

Fr. Patrick: It-tnejn li inthom fl-ufficju tieghi...issa

Wenzu: Ghax dak.....

Fr.Patrick: Ma rridtx nisma'...

Duminku: Mhux jien, mhux jien...jien....

Fr.Patrick: Ejjew mieghi.....

Pawlu: ***(Iddoqq il-qanpiena)*** Tlaqna ghat –te'.... Te bil-biskutelli llum..... bilmod....bla giri....
***Il-bitha titbattal mit-tfal, u naraw li Fr. Patrick u lil Wenzu u Duminku fl-ufficju ta' Fr. Patrick.***

Fr. Patrick: Mela, jiena nhoss li ghandna niccaraw l-affarijiet. Naf li inthom qeghdin hawn kontra qalbkom. Int, Wenzu nahseb li tinsab xi ftit irrabjat ghax ommok qatt ma giet tarak. U int Dumink, min- naha l-ohra missierek qaluli kemm hu mhabbat il-hanut u ma jsibx hin jigi jara kif int.

Wenzu: Jiena lil ommi lanqas irrid naf biha aktar. Dik, ghaliha, jien haj jew mejjet xorta wahda. X'jimpurtaha minni!

Fr.Patrick: Dumink, u int xi tghid?

Dumink: Jiena ommi mejta. Qaluli li mietet kif twelidt jien, u ghalhekk ma nafhiex. Ma nistax nahsibha bhal Wenzu.

Fr.Patrick: Isimghuni ftit uliedi. Tafu min hi din? (idur lejn ir-ritratt) Dik ommi, illum mhux zghira. Hi tghijx fl-Irlanda, u jiena gejt Malta. Missieri mejjet, u ghandi dispjacir kbir li ma stajtx nattendi ghall-funeral tieghu. Dumink, inti ommok mejta u ma tafhiex. Ma tistax tghid li habbejtha ghax qatt ma rajtha. Missierek qieghed jahdem lejl u nhar biex imantni lil hutek, u jara li n-nanna tiehu hsiebhom tajjeb. U Int Wenz..... missierek qatt ma rajtu....?

Wenzu: Jghidu li missieri Ngliz....bhalek!

Fr.Patrick: Jiena Irlandiz u mhux IngliZ....xejn xejn.....insihha! kont qed nghidlek inti bil-maqlub ta' Duminku. Inti taf lil ommok u lil missierek qatt ma rajtu filwaqt li siehbek lil ommu ma jiftakariex. Uliedi, intom ghadkom zghar u l-hajja mhux daqshekk semplici tafux! It-tnejn ghadkom zghar u min jaf x'ghad jaghdddi minn ghalikom. Din issa hija darkom. Jiena naghmel minn kollox daqs li kieku intom uliedi. Jiena ghazilt li ma jkollix tfal tieghi, izda nhares lejn dawk it-tfal kollha li forsi m'humiex ixxurtjati daqs ohrajn bhal li kieku kienu wliedi. Nixtieq li tkunu kuntenti hawnhekk. Nixtieq li tqisu lil xulxin bhala ahwa. Ghad tikbru u tharsu lura u forsi tiftakru f'dan il-kliem li qieghed nghid illum.

Duminku: Fr.... Jiena lil Wenzu nixtieq li nqisu bhala hija, imma mhux sewwa minn fuq joqghod jghid li missieri werc!

Wenzu: Ghedtlek hekk, ghax meta kien jaqbadni nisraq xi pastizz, kien jghid li haddtlu erba', meta jiena dejjem kont niehu tnejn.... Kien jara' kollox doppju!

Fr. Patrick: Boys, mela .....isimghu ftit. Ghada rrid immur il-belt u nixtieq li tigu mieghi. Kif inkun hemm mmorru naraw lil missierek, forsi jaghtina xi pastizz, u wara nixtieq immur nara fejn toqghod int Wenzu..

Wenzu: Qed ticcajta! Ma tarax...mela qed tiggennen jew

Fr.Patrick: Ghada s-sibt, inbakkru kmieni, naqbdu l-lanca tat-tmienja. Fis-seba'i ejjew ghinu l-quddiesa u wara nibqghu sejrin Flimkien....... Hudu b'idejn xulxin.... Minn issa 'l quddiem intom tassew hbieb....

***(Jitbissmu lil xulxin... bil—mod jiehdu id f'id imbaghad jitghannqu ta' vera hbieb)*** Morru ghat- te issa.....

***(Fr.Patrick jibqa fl-ufficju jara xi karti u jikteb xi ittra....)***

Wenzu Kbir: Nisthajjel tghidu li kont xi naqra mqareb. Minn dak in-nhar, jiena u Duminku bqajna hbieb tal-qalb. Kbirna flimkien u t-tnejn dhlna fin-navy kif tlaqna l-kullegg. Fr. Patrick kien minn taghna hafna. Bil-kemm kien jorqod bil-lejl. Kont narah bniedem hosbien u ta' tifel li kont ma stajtx nifhem x'kien ghaddej minn mohhu. Kien ihobb hafna lil art twelidu u ta' sikwit kien johlom ……Fih sibt lil missieri…tafu xejn li ghadni xi kulltant niltaqa' mieghu u nghidu xi kelma!….

## IL-HAMES XENA: FI TRIQ ID-DEJQA!

***(Naraw lil Fr.Patrick ipoggi fuq pultruna u tmur ghajnu bih….johlom b'art twelidu. Grupp ta' zghazagh jzfnu silta tipika Irlandiza mehudha minn Fire Dance…..loghob ta' dawl u muzika…***
***Imbaghad l-ghada filghodu…..fi Triq id-dejqa. Fuq wara johorgu xeni fuq il-platform li jidhru twieqi li jaghtu ghat-triq id-dejqa…Jidhlu Fr.Patrick ma' zewgt itfal…***

Jessy: Bongu Dun…. Hawn x'gejt taghmel….m'intix sejjer issib in-naghga l-mitlufa tafx.

Fr. Patrick: Bongu lilek ukoll. Gejt infittex lil ommu…

Wenzu: Malajr insejtni Jess…. Dan ghax ghandi zarbun u dabbart black eye…

Jess: ***(Dejjem mit-tieqa)*** Eh! x'wahda din…Wenzu ta' Dolor…. Ommok ghadha rieqda, ahjar tigu aktar tard….

Fr. Patrick: Ma nistghux nigu aktar tard…ghidli fejn toqghod?

Jess: U wara kollox inti taf x'hobz tiekol Dolor, ahna kollha ta' l-istess sena Dun… Idhol minn hemm , it-tielet sular…bieb ahdar…

Fr. Patrick: Dumink, ghax ma tmurx tara ftit lil missierek. Ibqa l-hanut, imbaghad nigu ghalik hemmhekk.

Duminku: Kollox sew Father. Narakom aktar tard……

***(Fr.Patrick jidhol gewwa filwaqt fuq il-palk ikun hemm xi hajja ghaddejja, xi bahri…pulizija….bejjiegha ….il-hajja fil-belt Valletta. Jinstema l-bieb ihabbat minn gewwa u l-kamra ta' Dolor tidher fuq ix-xellug tal-Palk. Kamra mharbta ghall-ahhar. Is-sodda tintrama b'mod li titla fuq cappetti u tigi wieqfa. Il-qiegh taghha jista jinbidel f'xi forma ta' ghamara ohra skond il-htiega biex tintuza f'xeni ohra!***

***Fil-Kamra ta' Dolor.***

Dolor: Mhux issa….il-lejla wara s-sitta!

***(Jerga' jinstema l-bieb ihabbat)***

Dolor: Hawn xi trid kemm int fitt! (Tiftah il-bieb u tinhasad!)

Fr. Patrick: Inti Dolor?….jimporta naghddi?

Dolor: Imma int qassis!

Fr.Patrick: Jiena gejt biex inkellmek fuq ibnek Wenzu

Dolor: Kollox sew, aghddi. Isma' ha nigi ftit f'tieghi ghax ghadni rieqda. Jaqaw gralu xi haga?

Fr.Patrick: Nahseb ghalik seta' gralu…ghax ftit li xejn kont thabbel rasek !

Dolor: Hekk tahseb Dun? Kemm sejjer zball!. Fost ic-corma tfal li ghandi, Wenzu ghandu post specjali f'qalbi. Imma lili hadd ma jifhimni. ( ***Wenzu jibqa' barra bilqeghda taht fanal jilghab b'subghajh u jhares 'l fuq donnu jitlob il-hniena)***

Fr. Patrick: Inti jismek Dolor hux hekk? Jimporta nindirizzak b'ismek ?

Dolor: Tajba din, mela xi trid tghajjatli….il-baronessa, ghax hawn hekk isibuni.

Fr.Patrick: Dolor, nixtieq tifhem li jiena ghamilt bhal mawmettu. Minnflok il-muntanja marret ghandu, Mawmettu mar ghand il-Muntanja....

Dolor: Dun....napprezza li qghaddt tinqala' u tigi tarani, izda rridek tifhem li jiena fil-qaghda tieghi, nisthi nigi l-kullegg biex nara lil Wenzu tieghi. Wenzu huwa l-izghar wiehed, l-ohrajn kollha dabbru rashom. Mhux ghax verament jimpurtani, imma ma kellix triq ohra!

Fr.Patrick: It-triq taghzilha int u hadd izjed. Hu lili. Jiena qassis. Tahseb li xi kulltant ma jkollix ix-xewqa li ninza din is-suttana sewda min fuqi u nkun ragel bhall-ohrajn. Tahseb li huwa facli ghalija li niehu hsieb it-tfal li qatt ma jistghu ikunu tieghi. Tghidli li, mhux int ghaziltha din it-triq? Forsi mieghek nitkellem b'mod sincier.

Dolor: Kullhadd hekk jghidli lili...mieghek ha nkun sincier? Ghax il-mara marida, ghax-miskina kellha hafna tfal, ghax il-bahrin hallew lil marthom in-naha l-ohra, u skuza jew ohra..... jaqaw int gej bid-dghajsa dun ?

Fr.Patrick: Nghidlek is-sew, gejna bil-lanca u mhux bid-dghajsa....

Dolor: (Titbissem) Tista tghidli ghalfejn gejt?

Fr.Patrick: Lil Wenzu ili nosservah xi ftit u fhimt li d-dwejjaq li ta' sikwit jizvoga ma' shabu, huma ghaliex qed ihoss n-nuqqas tieghek. Ghalkemm ftit li xejn kont tiehu hsiebu, inti dejjem tibqa' ommu...

Dolor; Ta' Wenzu kienet it-tqala li xtaqt . Missieru Ingliz... Lawrence
Kemm weghedni affarijiet jahasara. Kemm qalli li sejjer jizzewwigni u mmorru nghixu gewwa pajjizu. Wara li hrigt tqila bih, daqshekk rajtu. Mort nigri warajh u ghedtlu li jiena tqila. 'Qeghda ngorr it-tarbija tieghek'. Kemm kont belha jahasra! 'Lilek min jafek qalli. Ja mahmuga!' Kellu l-wicc jghidli mahmuga.... Ghax vera mahmuga jien...intlaqt ghal ghonq it-triq. Jiena, dan ix-xoghol, kont naghmlu darba f'mitt

sena. Wara li twieled Wenzu, mela, semmejtu ghalih…ghax jiena ghalkemm mahmuga, ghandi qalb bhan- nisa ohrajn. L-gharef missieri, tellaqni ‘l barra. Jiena Rabtija, qalli, ghax jghidu n-nies bih. ….u miskina ommi lanqas biss fethet halqha. Ma tarax. X’riddtni naghmel. Gejt inhabbat il-bibien, u krejt din il-kruha ta’ kamra. Wenzu kien jorqod hemm f’rokna filwaqt li jiena n-naha l-ohra….. Min jaf kemm qam jibki bil-lejl, bid-dagha u bir-riha tas-sakra tal-bahrin li kienu jkunu hawn.

Inhares lejn Wenzu, u niftakar f’missieru dak il-kelb. Tista’ omm ma thobbx lil binha, wara li sawwritu f’gufha…imma, mbaghad inhares lejh u jfakkarni f’missieru. Hlomt li ha mmur nghijx l-Ingilterra, fost il-hdura u l-fjuri li kien isemmi Lawrence. Holm li malajr tar mar-rih, u minnflok fjuri sibt ruhi hawn, qalb il-hmieg li halaq …..

Fr.Patrick: Le binti, l-hmieg ahna hloqnieh. Li jkollok iben bhal Wenzu, huwa don moghti minn Alla nnifsu.

Dolor: U hallini ghax naqa’ fl-gherezijiet! Jiena nahdem bil-lejl, u fil-ghodu nkun irrid norqod. Wenzu jigri ma’ kull triq, u spicca halliel, delinkwent. Mhux ghalhekk qieghed ghandkom?

Fr. Patrick: Jinsab fid-dar taghna, ghaliex id-destin tieghu kien hekk. Wenzu jixtieq jarak….jixtieq jghannqek mieghu….inti wara kollox dejjem tibqa’ ommu, int min int, u taghmel x’taghmel…..

***(Jidhol Wenzu inkiss, inkiss….hadd ma jinduna bih)***

Dolor: Imma jiena ma rridtx narah. Tifhem li ma rridtx naf bih. Lili hlief imrar ma gablix. Lil missieru nirrah taqbdu marda u jinxtehet f’qiegh ta’ sodda u ma jqumx minn hemm….Ara Father, Morru minn fejn gejtu u halluni fil-kwiet

Fr.Patrick: Allura gejna ta’ xejn…lil Wenzu x’seer naqbad nghidlu?

Wenzu: Tghidli xejn Father. Smajt u fhimt bizzejjed, xtaqt li tkun taf min hi ommi. Issa taf min hi!
Ejja mmorru d-dar….hawnhekk mhux dari.

Fr. Patrick: Ghadek ta' l-istess hsieb. M'intiex tisimghu lill- ibnek? Hares lejh ftit, hares lejn ghajnejh, qed jitolbok bil-hniena biex tghannqu minghajr ma jlissen kelma.... Doris hares lejh...

Dolor: **(filwaqt li ddur)** Ma rridtx, halluni fil-kwiet, halluni wahdi, morru morru l-barra minn hawn......

Wenzu: Imxi father.... (bid-dmugh f'ghajnejh). .... Imxi, issa sirt taf min hi ommi. Imxi..... (jigbdu l-barra izda ma jkunx irid jiccaqlaq)

Dolor: (Fost l-ghajjat jidhol Manigold biex jara x'gara)

Ragel: Hawn x'hinu gej...int min int x'qed taghmel hawn? Aqbez il-barra qabel ma niftahlek wiccek.....ejja qabel ma naghmel xi wahda minn tieghi.

Wenzu: Imxi father imxi mmorru.....

Fr.Patrick: Hares lejh hares ftit lejn ghajnejh....

Dolor: ***(Minghajr ma taf kif sabet ruhha vicin binha, iddur fuqu, u tghannqu maghha)*** Ibni, ibni....ghaliex sibt ruhi hawn....ghaliex, Madonna tal-hniena.....ghaliex..... morru morru father.....halluni wahdi fid-dwejjaq tieghi, hu hsiebu father..... dak ibni ....hu hsiebu......(Johorgu mil-bieb tal-genb u jsibu ruhhom fuq il-palk....fit-triq id-dejqa)

Fr. Patrick: ***(Jghannaq lil Wenzu bhal li kieku kien ibnu)*** Nifhmek ibni... Nifhmek..ejja mmorru nsibu lil Duminku, u nieklu xi zewg pastizzi eh...?

Wenzu: Father, jiena ghad ghandi c-cavetta tal-bieb. Halli mmur u naghtijielha!

Fr.Patrick: Le Wenz, li kont minnek,inzommha. Forsi xi gurnata tigi tarak'!

***(Madre tiltaqa' ma Jessy waqt li tkun hierga )***

| | |
|---|---|
| Madre: | L-ghodwa t-tajba sinjura, kif qed ihossok illum? |
| Jessy: | Kif tarani pingini! Xejn ma qeghda nhossni tajba. |
| Madre: | Jiddispjacini hafna. Imma, mill-ahhar darba li rajtek Mort tara' xi tabib? |
| Jessy: | U x'tabib, tabib. Dawk lilna lanqas biss ikunu jridu jharsu Lejna. Ghax ahna nisa tax-xoghol. Mhux bnedmin bhal Haddiehor. |
| Madre: | Sewwa qeghda tghid. Halli nghidlek haga. Jiena naf tabib twajjeb hafna, u naghmillek appuntament, halli tkun tista tmur tarah. Xi tghid? |
| Jessy: | Madre, naf kemm inti gentili. Hawnhekk, kullhadd jirrispettak. Jiena ghamilt gabra specjali minn ghand kull wahda minnha. Ha nkun Sinciera wkoll!<br>Hemm xi haga li gbart minn ghand xi fizzjali tan-Navy. Ghall-ewwel ma riedux jemmnuni, izda mbaghad, giet Dolor u qalet l-istess kliem. |
| Madre: | Nista nkun naf x'ghedtu? |
| Jessy: | Ma qaghadniex induru mal-lewza tafx. It-tfal taghkom, ghax wara kollox, hafna minnhom huma wliedhom. Ghednilhom, li ahna ma nistawx niehdu hsiebhom u ghalhekk ghamilna Arrangament specjali mieghek. Izda xieraq li kull tant naghtu xi kontribut zghir. Hawn ha madre… |
| Madre: | Grazzi hafna. Wara kollox taht kull qalb ta' qoxra iebsa hemm dejjem dik it-tjubija tal-omm. |
| Jessy: | Tieghi kif inhuma sejrin.? Qeghdin bil-ghaqal jew le. Fil-kaz ejja u ghidli u tara kif inqeghdhom f'posthom. |
| Madre: | M'hemmx ghalfejn. B'xi mod jew iehor ahna dejjem naghddu kelma ghall-gid. Bil-kelma t-tajba tasal kullimkien. Tinsiex, habiba tieghi, li mnejn tohrog il-kelma tohrog ir-ruh. |

Jessy: Tibdiex bil-priedi tafx....

Madre: Le ruhi qalbi. Izda ftakar ftit kemm hi haga tajba li titkellem dejjem biex taghmel il-gid. Ftakar li minn fejn tohrog kelllmtek Ghad xi darba tohrog ruhek!

Jessy: Isma wara kollox jiena qatt ma nitkellem hazin. Forsi vera, naghmel affarijiet ohra mhux tajbin....

***(JINSTEMA' XI HORN TA' VAPUR FIL-BOGHOD.... IL-PORT)***

Sor, ha jkolli nhallik ghaliex dalwaqt jittrakka dak il-bastiment u ghandi bzonn ftit xoghol!

Madre: Imma possibli, ma tistax issib xi xoghol iehor?

Jessy: Mela nsejt xi jghid il-Malti. Hu l-fama u mur orqod.... Sahha ghalik..

Madre: Kif naghmlu ghat-tabib?

Jessy: Ghidli fejn joqghod u jpoggi imbaghad mmur narah.

Madre: Ghidlu li baghtitek il-Madre..... Il-bambin mieghek ruhi...

Duminka: Madre, ma nistax nifhem. Dik il-mara marida, u tibqa' tigri Bhal li kieku qisu m'hu qed jigri xejn. Imma jehtieg li naghamlu xi haga ghalihom. Inti taf li ommi s- sur Fons. Kien hu li sabli xoghol ghand is-sinjuri hdejn il-Villa ta'l-Imsida. Fil-fatt kien qed jahseb biex jibni xi dar ghal dawn in-nisa li jigu 'abbuzati . Madre, jiena ghadni zghira, u forsi l-hazen tad-dinja ma nafux bizzejjed! Nixtieq bl-ikbar sincerita, li nghjn lil dawn in-nisa tturufnati. Li kieku kullhadd jghix fil-paci, minghajr hadd ma jabbuza mill-iehor, li kieku, dawn it-tfal kollha jkun hemm xi hadd li jiehu kura taghhom, li kieku....

Madre: Duminka, ieqaf binti, ieqaf. Jiena bhalek darba wkoll kelli dawn il-vizjonijiet kollha, izda mal-medda taz-zmien, fhimt ir-realta' tal-hajja. Dak li wiehed johlom, mhux dejjem jista' jsir

verita'. Izda wara kollox, il-holm huwa nofs il-pjan. Ejja Duminka ghax ghandna hafna x'naghamlu. Tlaqna....

***(jitbaxxa d-dawl……. U fuq spot light jidher Wenzu Kbir)***

Wenzu: Minn dak in-nhar qatt ma rajtha aktar lil ommi fil-hajja l-ohra. Fhimt li ma kienx facli li thares f'ghajnejja u tghidli dak kollu li qalet fuqi.
Il-ferita li kelli f'qalbi bilmod il-mod bdiet tinghalaq, ghax sibt il-wens, sibt il-paci fid-dar fejn kbirt u sirt ragel. Qaluli li ommi mietet zghira, u sirt naf wara hafna xhur. Kienu haduni fuq il-qabar taghha, izda lanqas ritratt ma kien hemm. Qieghed nistenna biex nerga' niltaqa maghha issa, u nittama li ma ndumx! Sejrin inharsu lejn xulxin minghajr ebda misthija, u sejrin nitghannqu u ngeddu dik it-tghannieqa li ghadni nhoss sal-lum.

Iz-zmien tat-tfulija malajr ghadda u bejn praspura u ohra, fost tifkiriet mill-isbah, wasal iz-zmien li nhalli dik id-dar fejn trabbejt u sirt ragel:

***(Lura fl-ufficju ta' Fr. Patrick – ghaxar snin wara. Wenzu u Duminku issa ghandhom 18 il-sena.)***

## IS-SITT XENA: SIRNA RGIEL FIS-SETTE GUGNIO.

Fr. Patrick: Ghadni niftakar dik il-gurnata meta kontu ggeliddtu fil-bitha, ghadni qieghed narak bil-black eye li tak Duminku! Mela, hbieb tieghi, issa wasal iz-zmien li thallu din id-dar . Meta tasal din il-gurnata, ghemmnuni, nhossni bhal li kieku qieghed nitlef tnejn minn uliedi stess. Nittama li z-zmien li qattajtu hawn kien ta' gid ghalikom. Issa intom it-tnejn irgiel u nitlobkom biex izommu gholi dak kollu li jaghmilkom irgiel. Min jaf kemm ghad tghaddu minn burraxki matul hajjitkom? Duminku, smajt li bi hsiebek temigra lejn l-Awstralja. Nixtieqlek dak kollu li tixtieq qalbek. U int Wenz?

Wenzu: Jiena sejjer nahdem it-tarzna ma l-Armiral, imbaghad forsi nithajjar insalpa fuq il-bahar, man-navy Ingliza

Fr.Patrick: Tajjeb, donnu d-demm dejjem jigbed....

Wenzu: .....x'jigifieri? Xi trid tghid biha din?

Fr. Patrick: Xejn Wenz, xejn habib tieghi, forsi xi darba 'l quddiem tifhem ghal x'hiex qieghed nghid.

Duminku: Wenzu gej joqghod mieghi, fid-dar ta' missieri ghal ftit zmien, sakemm imbaghad idabbar rasu.

Fr.Patrick: Hekk hi l-hajja, min hu gej u min hu sejjer. Illum waslu xi tfal ohra, halli naraw jekk ikollhomx xi jghidu ma' Pawlu mill-ewwel?

Wenzu: Pawlu ragel sew u tassew minn taghna. Halli mmorru nsellmulu u nibqaw sejrin. Fr.Patrick, grazzi ta' kollox. Int ghalija kont qisek missieri.

Fr.Patrick: Wara kollox missierek mhux Ingliz kien!

Wenzu: Min jaf forsi xi darba ghad niltaqghu mieghu. Bless Father

Duminku: Grazzi Fr. Nigu narawk.

***(Filwaqt li johorgu mill-ufficju ta' Fr.Patrick, jidhru dehlin erbat itfal ohra u jiltaqghu ma' Pawlu, il-purtinar..... )***

Pawlu: Minuta , minuta ftit......ha nara z-zarbun. Imshu saqajkom hawn, u ftakru li kull meta tidhlu minn barra dejjem imshu saqajkom sew.

***(Wenzu u Duminku jaraw din ix-xena, min jaf kemm il-darba rrepetiet ruhha, jitbissmu u jsellmu lil Pawlu)***

Wenzu: Qed niftakar meta gejt l-ewwel darba hawn.... Sahha Pawl u hu hsieb sahhtek.

Duminku: Missek tingabar ghand tax-xjuh issa Pawl….

Pawlu: Ghand tax-xjuh imur Nannuk. Jiena sakem ghadni niflah, hawn nibqa… morru morru, kunu mberkin u ejjew arawna tafux…Bilmod, issa ejja mieghi ha nehodkom ghand Fr. Patrick….

***(Wenzu u Duminku jitilqu barra…. It-tfal jidhru jidhlu fl-ufficju ta' Fr.Patrick, jitbaxxa d-dawl fuq in-naha tal-lemin – fl-ufficju u tinxtghel spot fuq in-naha l-ohra fil-kamra ta' Dolor. Insibu lil Wenzu kbir)***

Wenzu: Kif tlaqna mill-kullegg, morna x-xatt tas-Sliema, u qsamna ghall-belt bil-lanca. Kif wasalna x-xatt, rajna li kien hemm battaljun suldati..donnu beda jberren xi nkwiet. Il-folla bdiet tingabar u bdew jinstemghu l-ghajjat gejjin min- naha ta' Putirjal.

***(Sa dan it-tant, il-palk jiehu l-hajja u jingabru n-nies……ir-rewwixta tal-1919……)***

Kif hallejna l-kullegg tlajna t-tela' ghal hdejn il-knisja ta' Stella Maris. Is-Sur Fons kien fil-Villa tieghu u xejjrilna mit-tieqa u baqa' sakemm nizel u gie jkellimna. Jiena u Duminku, morna wara l-kancell u sellimnilu. Imbaghad, inzilna n-nizla u sibna ruhna x-xatt tas-Sliema.

Sur Fons: Wenzu, Duminku, isimghu ftit. Kif ahna, hbieb tieghi?

Wemzu: Ahna spiccajna mill-kullegg. Illum sejrin nibdew folja gdida

Duminnku: Ilek ftit ma tigi tarana sur Fons

Sur Fons: Iva sewwa qed tghid. Ma kienx mument li webbluni ghall-politika. Imma x'taghmel. Kollox irid ikun. Forsi nasal biex nghaddi xi kelma ghall- gid. U ma tafux intom, fil-hajja kullhadd jahseb li ghandu ragun. Izda jekk kemm il-darba wiehed ikun lest biex icedi xi ftit, igbed minn hemm u igbed minn hawn sa fl-ahhar tasal! Allura fejn sejrin?

Duminku: Ha mmorru noghqodu ghand missieri ghal issa. Imbaghad wiehed idabbar rasu.

Elizabetta: Ghandkom tkunu tafu li bhall-lum, meta naraw liz-zaghzagh hergin mill-kullegg, lesti biex jaffrontaw il-hajja, jiena u Fonzu tieghi, inkunu fis-seba' sema. Naraw li dak li bnejna ma kienx ta' xejn. Naraw li ta l-frott. Kemm kbirtu Wenzu. Jahasra, filli tfal, filli kbar…irgiel henjin. J'Alla l-Mulej izomm idu fuqkom, u li ssibu wens u barka dejjem .

Wenzu: Grazzi hafna sinjura Elizabetta. Jiena ghadni niftakar meta kont izghar u kont tigi tisma' l-quddiesa mas- Sur Fons. Imbaghad kontu ttuna xi helu, specjalment fil-festi…

Duminku: U tiftakar fil-Milied…..kemm konna niehdu gost nilghabu b'dawk il-gugarelli….

Elizabetta: Duminku, intom dejjem kontu hbieb. Ibqaw irrispettaw lil xulxin. Iz-zmien li ghaddejtu l-kullegg jibqa' f'qalbkom. Meta tridu ejjew arawna. Ejjew oqghodu, niehdu gost hafna bikom

Sur Fons: Xejn ma nghidilkom uliedi. Zommu f'mohkom dak kollu li tghallimtu fil-kullegg. Jiena ghandi fiducja kbira fikom. Kunu imberkin…bil-haqq li kont minnkom, aharbu l-folla llum gol-belt ghax qed tigri x-xnieha li sejjer jinqala' xi nkwiet.

Wenzu: Issa ahna m'ghadniex tfal Sur Fons. Nafu ndabbru rasna. Sahha ghalik u grazzi ta' kollox.

Sur Fons: Sahha hbieb tieghi, u j'Alla l-Mulej dejjem izomm idu fuqkom.

***(Jinstema hoss ta' Vapur li juri l-attivit'a li kien hemm fil-port ta' Marsamxett.)***

Wenzu; Ghadni niftakar, li t-toroq kienu kollha tajn, ghax ghalkemm konna fix-xahar ta' Gunju, kienu ghamlu xi halbiet tax-xita, bhal li kieku biex it-temp jinbixna qabel ix-xhur shan tas-sajf. Izda kien hemm ir-rih tal- bidla jonfoh! Minn ghalina li sirna rgiel…bil-kemm kellna sittax il-sena, u morna fl-ewwel hanut li

sibna. Hadna tazza nbid kull wiehed, u bejn kelma u ohra ma' dak u ma' l-iehor, malajr daqq nofs in-nhar....

***(Tinstema' l-qanpiena ta' nofs in-nhar...... u naraw xi nies li ssa ngabru fuq il-palk irroddu s-salib...)***

Imbaghad issuktajna biex nirkbu l-lanca tal-belt. Minn jinbotta minn hawn u min jinbotta min hemm, fl-ahhar sibna ruhna naqsmu l-port. Ghadni niftakar, qisu l-bierah, dawk il-bastimenti kbar tal-gwerra, wiehed wara l-iehor, u l-lanca taghna riesqa lejhom donnha biex tgharraxhom! Kif wasalna l-belt sibna ruhna mexjin mal-folla resqin lejn Strada Rjali. Suldati kullimkien. Hassejt li donnu kien gej xi nkwiet.

Malajr fhimt li mill- kenn tal-kullegg sibna ruhna fost il-marmalja tan-nies u morna nisimghu it-tixwix mal-kotra.

***Lehen minn gewwa:***

Nibqaw mexjin l-ahwa, ilkoll ghal-palazz...ha nuruhom li hadd ma jaghddi z-zmien bina....Ghall-ufficju tal-Chronicle, ...ghalihom, Hruq, hruq......

***(Xi hoss ta' ksur ta' hgieg,.....passi mghaggla tas-suldati, ghajjat tan-nisa u tfal, f'kelma wahda, pandemonju shih. Il-folla taqsam tigri l-palk... jghaffgu fuq xulxin..... tinstema' xi suffara tal-pulizija..... u sparar fil-boghod...***

Marija: ***(tfajla zaghzugha tigri bid-demm fuq wiccha, tistordi u taqa' fl-art.. hdejn Wenzu)....*** Hawn sinjorina....qum minn hemm, igri ghax gejjin is-suldati....igri... (jerfaghha u jidhol jistkenn f-dik il-kamra tal-genb fejn kien iltaqa m'ommu ghaxar snin qabel!)

Wenzu: Kollox sew issa, hawn hekk ghall- inqas qeghdin fil-kenn. Inti X'jismek?

Marija: Marija .... Agius. Ommi qaltli biex ma nersaqx lejn il-belt illum, ghax kellhom jidhlu tat-tarzna u jahbtu ghal xi ufficini tal-gvern. Inti min int? X'jismek.

Wenzu: Jiena Wenzu , Wenzu Vella. Ili ma nigi l-belt, nahseb il-fuq minn ghaxar snin. Ghadni hiereg mill-kullegg ta' St.Patricks,.... Filli dak il-kwiet Tas-Sliema, u filli ghajjat u sparar. Hallini nara x'ghandek..... qasma zghira..... Halli mmur inxarrab il-maktur fil-ghajn...dalwaqt gej... stennieni hawn....

***(Sa dan it-tant.... Jidhol Duminku sabiex iffittex lil siehbu....)***

Duminku: ***(Jghajjat minn gewwa)*** Wenzu, Wenzu....

Wenzu: Hawn hawn qieghed Duminku.... Qieghed indewwi wahda tfajla... tghidx kemm hi helwa...

Duminku: Hadd hsiebek, ghax qed jghidu li mietu xi tlieta min- nies....

Wenzu: Ejja mieghi,.... Issa xieraq li nwassluha sad-dar..

Wenzu: ***(Jidhol fil-kamra...)*** Hawn Marija, xarrabt il-maktur...halli nara x'ghandek......

Duminku: ***(Jibda jsaffar....donnu ried jaghti xi messagg)..*** Wenz, jiena ha mmur sal-hanut ta' missieri, ghax kien maghluq l-ewwel u nara x'qed jigri. Imbaghad niltaqghu aktar tard..... Sahha ghal issa. Ghandi pjacir li ltqajna sinjorina....

Wenzu: Sahha Duminku... narak aktar tard.... Taf xejn li hawnhekk kienet tghix ommi, u jiena meta kont zghir kont norqod hemm f'dik ir-rokna.

Marija: Allura ommok x'sar minnha? Fejn marret toghqod?

Wenzu: Ommi miskina mietet. Kienet verament thobbni. Int kemm ghandek zmien?

Marija: Jiena ghandi tmintax il-sena....

Wenzu: ***(Li fil-fatt huwa sentejn izghar malajr ikompli...)*** Anki jien ghandi tmintax. Qed inkabbar il-mustacci ....ara....issa hallejthom!

Marija: Nahseb li jixirqulek. ***(jidhqu t-tnejn flimkien u jidhru li hadu grazzja ma' xulxin.....)***

Wenzu: Isma, donnu l-inkwiet waqaf,...mhux ahjar inwasslek id-dar issa.

Marija: Ejja mmorru, u nlaqqak m' ommi. Nghidilha li int salvajtni minn halq il-mewt...

Wenzu: ***(Li beda jhossu bhal xi eroj)...*** u le haga zghira... tlaqna.. x'jisimha ommok..

Marija: Sunta.

Wenzu: U missierek....

***(johorgu waqt li qed jitkellmu...)***

Wenzu Kbir: Nahseb li tiftakru lil min jghid, li l-ftira shuna tajba! Nghidilkom is-sew, jiena kont mill-ewwel haddt grazzja ma' Marija. Mort ninkiteb ma' tan-navy u kont kburi mhux hazin meta lil Marija tlabhta biex tizzewwigni. Ghamilna festin zghir bejn il-hbieb, u fost ghanja u ohra, il-lejl malajr tgerbeb. Dak il-lejl stess morna fil-post taghna, terran li kien krielna iz-ziju ta' Marija.

***(Xena tat-tieg...... xi Ghanja maltija.....)***

Il-Mistednin ghal festin.... Ejja ghannilna wahda Rosa

Rosa: Mela isimghu ftit din fuq l-imhabba....

Xi tkun qatt dina l-imhabba
Li gol-qalb tigri u ddur?
Sew bhas-shab illi x-xemx jaghtti
Tigi f'daqqa u malajr tmur.

Ghalkemm il-qalb hija ckejkna
Donna qalba tad-dulliegh

Hadd ma jaf kemm xewqat tesa
Qisha bahar minghajr qiegh

L-imhabba qisha bhal vlegga
Li migruh f'qalbek thallik
Jew bhal balzmu jroxx if-fwieha
L-ghola xorb biex iddewwik.

Jekk zaghzugh ihobb xi tfajla
Jinsa kollox jinsa d-dar
Ghaliex qalbu bhal huggiega
Tara kollox ward u zahar

Mma jekk qatt ma' salib jahbat
Taht riglejk il-ward jitbiel
Ghax ma sabx l-ghana li fittex
Ma riedx slabeb u lanqas xkiel

L-imhabba ghandha tkun Gilju
Li jilqa kull m'Alla jtih,
Sew jekk tolqtu ziffa helwa
Jew fih jonfoh qawwi r-rih.

***Ghana: Silta mill-ktjejeb ta' Carmelou Galea SDB li titratta fuq l-imhabba***

Wenzu Kbir: ***(Filwaqt li jfaqqa r-rghad, malajr tfaqqa' x-xita u f'lehha t'a berqa l-festin thassar u kulllhadd dabbar rasu l-gewwa...)***

Vuci mill-folla: Ir-Risq Wenz…i.x-xita ggib ir-risq.

Awguri Marija…..

Wenzu: Kemm konna ferhana dak in-nhar tat- tieg. Niftakar il-gurnata,. l-ghaxra ta' Frar, il-festa ta' San Pawl 1923. Lil Marija qatt ma ghedtilha li jiena kont sentejn izghar minnha. Ghamilna festin zghir bejn il-familjari taghha. Min- naha tieghi ma kien hemm

hadd, hlief siehbi Duminku. Fr. Patrick kien zewwigna u jien xtaqt li jkolli t-tfal daqs kemm hemm ramel fil-bahar.. ….ghax hekk kienu jghidulna dak iz-zmien.

## IS-SEBA' XENA: FID- DAR TA' WENZU.

***(Issa naraw li ghadda z-zmien…… u ninsabu fis-snin tal-gwerra . Il-familja ta' Wenzu u Marija issa kienet imdaqqsa mhux hazin. Kellhom tmient itfal… l-ikbar fosthom…17 il-sena.)***

Rita: 17 il-Sena
Peppi: 15 il-sena
Rose: 13 il-sena
George: 11 il-sena
Mario: 10 snin
Lina: 8 snin
Silvio: 6 snin
Ganni: 4 snin

***(Imbaghad twieldu t-tewmin: Pietru u Pawlu …….)***

***(F'kamra madwar mejda… bejn Marija u Rita)***
Rita : ***( Waqt diskussjoni li turi li Rita tixtieq tidhol soru)*** Ma, jiena nifhem li ghandek bzonni. Il-familja kbira imma jiena ili zmien intella u nnizzel jekk ghandix immur fil-kunvent.

Marija: Ruhi Binti…. Jiena lil missierek ghadni m'ghedtlu xejn. Taf li ninsabu fi zmien ikrah.

Rita: Lill-madre diga' kellimtha, u ghedtilha li ma nistax niehu d-dota mieghi.

Marija: Rita…. Jiena bil-kemm ghandi biex naghti lil hutek ahseb u ara kif nista naghtik id-dota,

Rita: Ma jimpurtax ma….. Il-madre tifimha s-sitwazzjoni. Ma tistax timmagina kemm hawn min hu fil-bzonn aktar minna. Kulljum

insibu trabi godda.... Jitilquhom wara l-bieb, fis-sajf u fix-xitwa. Il-bierah sibna tarbija sewda. Tara kemm hi helwa.... Taf x'semmejniha? Rose...ghax dan huwa x-xahar tar-ruzarju....

Marija: Kemm int tifla sew Rita. Hutek kollha ghadhom zghar u hadd minnhom ma jista jmur jahdem biex immantnu ftit il-familja. Miskin missierek jaghmel li jista, izda taf kemm ninsabu fi zmien l-ghaks. Din il-gwerra hlief qerda ma gabitx.

Wenzu: ***(Jidhol Wenzu kbir..dak li kien qieghed jirrakonta,liebes tan-navy. Filwaqt li qabel hu kien il-vuci misterjuza, issa jidher haj u parti mix-xena)*** Marija,....aghmilli bela' te' shuna. Akkwistajt bott halib maghqud. Ghaddijuli l-kaptan...miskin kemm hu minn taghna. Qalli, 'Lawrence' you have to be careful my friend...8 kids are more than enough." U jiena ghedtlu: " You too be careful sir, be careful with that whisky.....!!" It-tfal ilhom li raqdu....?

Marija: Il-bierah harbatna l-lejl. Ma kienx air raid li faqqa fis-saghtejn ta' fil-ghodu. M'hemmx li jhalluna fil-kwiet.

Wenzu: Tehodiex bi kbira li l-lejla jerga, jfaqqa iehor tafx, ghax halfu li jeqirduna. Il-bastiment taghna dalwaqt isalpa biex forsi nwasslu xi konvoy lejn Malta. ***( Imur biex jaghti bewsa liz-zghir u jinduna li ma kienx liebes il-hwejjeg ta' barra)*** Isma Marija, jiena m'ghedlekx biex jorqdu bil-hwejjeg ta' barra..hekk iddoqq is-serena ma jkollokx hin biex tlibbishom kollha... jahasra isma minni ftit.

Marija: Wenz, l-ohrajn kollha libsin bil- lest. Sewwa qed tghid. Jekk ifaqqa air raid ikollna genn shih. Isma,..... Rita xtaqet tghidlek xi haga!

Wenzu: Jaqaw, ghandek xi namrat jew? Ara hallik mil-inglizi tafx.

Rita; Le pa, l-gharus tieghi mhux Ingliz imma lanqas m' hu Malti tafx!

Wenzu: X'wahda din mela biex ser nghabbu.... Mela Amerikan?

Rita: Le mhux Amerikan......

Wenzu: Mela Malti m'huwiex, Ingliz l-anqas u m'ghandekx grazzja ma' l-Amerikani. Nispera li m'huwiex xi iswed minn tal-Kongo. Dan fejn iltqajt mieghu.?

Rita: Pa, kieku kien iswed mhux ser taqa' d-dinja, imma biex inserrahlek rasek, huwa Lhudi.....

Wenzu: (Waqt li jkun qed jixrob it-te'...jobzqu!) Lhudi,.... Dan kif iltqajt mieghu? Lhudi, mela Malta hawn il-Lhud?. Sa fejn naf jien, l-Inglizi gabru lill kull nisel, suwed, indjani, torok, imma mhux Lhudi....

Rita: Pa, qeghda niccajta. Imma vera ghandi gharus specjali. Hekk qaluli biex nghid.

Wenzu: (Fil-waqt li jrodd is-salib) Qed nifhmek binti. Mhux ta' b'xejn narak tidawwar il-kunvent tas-sorijiet. Imma inti certa minn dan li qed tghid?

Mariija: Wenz jiena u Rita ilna nitkellmu fuq din il-vokazzjoni taghha. Imma rajt li mhux il-waqt. Ma tafx int, zmien il-gwerra u dak li jkun forsi jahseb li fil-kenn tal-kunvent il-hajja tkun mod iehor

Rita: Ma, Pa, issa, jiena ghalaqt sbatax il-sena. M'ghadnix xi tifla.

Wenzu: Binti, x'nista nghidlek.... Inbierkek b'idejja t-tnejn. J'Alla ssib dak kollu li tixtieq qalbek. Ghada nitkellmu bil-kwiet. Mari, xieraq li mmorru nitkellmu ftit mal-madre mhux hekk. Imma issa nahseb li ahjar immorru nimteddu xi ftit ghaliex ghada rrid inbakkar kmieni....

Ejjewi nroddu s-salib binti....

***(Jghidu t-talba tradizzjonali ta' bil-lejl...biex l-angli jiehdu hsieb it-tfal. Kif appena jitfu l-lampa..... tinstema' s-sirena tkarwat....attakk iehor tal-ghadu...pandemonju shih.....kullhadd ghax-'Shelter'.)***

# <u>IT-TMIEN XENA: IL-GWERRA 1942.</u>

Marija: Wenz, kulhadd dahal?

Wenz: Nahseb…..qbadt lil Ganni u lil Silvio…..

Marija: Lina u Mario qeghdin hdejja…..

Wenzu ***(Jghajjat lil George)*** George…fejn qieghed…George Kellimni

George: Hawn Pa' qieghed ma' Rose.

Rita: Peppi hawn qieghed wkoll…..

Gerita: ***(Mara mdahhla fiz-zmien)*** M'hemmx li jhalluna bil-kwiet ja bghula!!!

***<u>(Jaqsam ix-xena s-surmast bil-kaxxa tal-vjolin f'idejh)</u>***

Surmast: Bil-genn insejt il-vjolin warajja u mort ghalih. Gejt bil-girja u qtajt nifsi.

Gerita: U int il-vjolin qatt ma titilqu minn idejk surmast.

Surmast: Tajba din, jiena mhux b'hekk naqla x'niekol. Ha naraw kemm ser jibqaw postijiet fejn wiehed jista' jdoqq xi nota. Ma rajtux it-teatru rjal. X'herba ghamlu minnu x'wahda din. Il-bierah ingbarna t-teatru f'tas-Sliema, u ghamilna kuncert bil-mandolini…..tghidx xi hlew ta' muzika harget. U kemm ingabru nies!

Fredu: Ghandek tghid li allura fit-Teatru rjal, il-belt, mn'glla ma kien hemm hadd gewwa ghax kienet tkun xi tragedja mill-kbar.

Surmast: Qed jiddispjacini ghaliex kont ghadni kif spiccajt nikteb bicca muzika helwa hafna u hallejtha mal-legiju fejn inpoggi mal-

orkestra. Kienet bicca tal-widna hafna…. Tmur xi haga
hekk…isimghu ara

***(Is-surmast jibda jintona l-melodija u f'kemm ili nghid, kull min ikun fix-shelter ikompli mieghu…..) To be versed….mehuha min Via del conservatorio)***

Surmast: Jiena niftakar it-triq, li wasslitni lil-hinn
Sa fuq l-ghatba tas-Salesjani,
Hemm Niltaqaw likel flimkien, hbieb tal-qalb
Naqsmu kelma u nghidu c-cajt.
Hekk il-hajja habib!

F'din id- Fid-dinja ghad hawn nies
Li b'ghemilhom isahhruk,
u Go qalbek balzmu jixhtulek il-balzmu
u Il-hajja mill- gdid dawn jaghtuk. Qalb l-inkwiet u tbatija li ssofri
Hekk il-hajja habib

Il-bniedem jaf sa fejn jiflah ggorr!
Id-destin taghna lkoll, dan huwa ga miktub
Inharsu l-fuq u flimkien nittamaw
Ghall Hajja hafna ahjar u minghajr imrar. bla ebda

La,la ,la……la la

Imma jekk int mejjet tarani
Ghid li tlift l-akbar habib
Ghax jekk jien id-dinja nhalli
Qalbi f'qalbek int issib
Hekk il- hajja habib.

Ritornello:

Kif dal-wied tad-dmugh inhalli
Weghda w kelma se naghtik
Jekk b'xorti lil Mulej nara
L-ewwel talba tkun ghalik…..

La la la la ......

**Fredu:** Prosit surmast kemm hi muzika helwa....issa mhux malajr terga tharbat in-noti?

**Surmast:** Jekk ikolli xi dubju, nigi ghandek u nergghu inkantawha flimkien....

***(Tfaqqa bomba fil-vicin....... U kullhadd jinhasad....)***

**Fredu:** Ma jistax ikun li nibqaw il-belt Gerit.... Ghada naqbdu kull m'ghandna u mmur ghand hatnek il-Wardija. Ilu jghidli...

**Gerit:** Imbaghad biex trid tinzel mill-Wardija biex tmur ghax-xoghol?

**Fredu:** Tajba din.... Bil-mixi. Sakemm ghandi saqajja kollox sew, jekk jigrili bhal Karmenu imbaghad tkun problema ohra.

**Karmena:** Karmenu tilef saqajh miskin....meta ggarraf is-saqaf. Ja bahnan li kien. Mar jidhol taht il-mejda...bhal li kieku l-mejda ha zzomm il-piz tas-saqaf. Ghandu xorti li ghadu haj.

**Gerit:** Baghtuh Bighi.... Imma t-tifla tieghu qaltli li dalwaqt jibghatuh

**Fredu:** Ma nafx kif ser jitla t-tarag..... ghax bintu toqghod fir-raba sular.

**Karmena:** Is-siggu tar-roti lanqas idur....

**Wenzu:** B'daqshekk ikollna nerfawh bhas-siggu bambin...

**Gerit:** Int Alla jbierkek Wenz.... Mimli sahha. U issa daqshekk tafx Hallih jghid il-kapillan!!!

**Fredu:** U ghalaq halqek Gerit. Il-kapillan x'ghandu x'jaqsam!

***(Tfaqqa. bomba fil-vicin)***

Karmena: X'wahda din..... nahseb li mhux il-boghod din...

Gerit; l-Ahwa mhux ahjar nghidu posta Ruzarju jew.... Fl-isem tal-missier u tal-iben...... Marija santissima uri li inti ommna, isma t-talb taghna ehles ghinna u ieqaf maghna.....nikkontemplaw...

Marija: Wenz....qed ihossni hazin u qed naqta nifsi... irrid naqla. *(Sinptomi t' tqala'ohra!)*

Karmena: Tghidlix li ergajt ghamiltha Wenz...mela m'ghandekx kwiet

Wenzu: Ghajnejk f'ghajni, ghax kont ser nghidlek ghajnejk f'sor....

Wenzu: Imma mhux xieraq ghax hawn it-tfal.....

Gerita: Hu nifs il-gewwa Marija....

***(Filwaqt li t-tfal jghjajtu lil ommhom, iqum ftit tal-Pandemonju)***

Marija: Halluni ha nohrog, halluni ghax ha taqbadni fernesija....

Fredu: Imma ma tistax tohrog issa Mari...mela qed tiggenen jew

Wenz: Iva kkalma ftit Marija, dalwaqt jaghddi kollox ....

Marija: Ma rridx naf, warrbu ftit...aghtu daqqa t'ghajn lit-tfal..
Rita hu hsieb....

**(Wenzu u Marija johorgu barra........ u jistkennu fil-genb. Bejn air raid u iehor jghidu xi kelma)**

Marija: Wenz, nispera li m'hiniex tqila mill-gdid

Wenz: U kif jista jkun...mela lanqas nista' mmissek jiena...

Marija: Imma ma nafx kif qed inhossni. Il-bierah fil-ghodu l-istess grali

Wenz: Imbaghad wara kollox mhux ser taqa' d-dinja. Minnflok tmienja jkollna disa' fuq il-mejda....hekk jew hekk, Rita mhux dalwaqt tmur il-kunvent?.

Marija: U l-kaptan ikun irid jahseb ghal xi bott halib iehor mhux hekk?

***(L-Air Raid jaghddi u bil-mod kullhadd johrog barra, izda Gerita u Karmena jibqghu fix-shelter)***

Gerita: Isma' Carmela, jehtieg li noghqodu attenti ghax qeghdin b'seqer fuq il-black market

Karmena: U jien ghandi mitrah fuq iehor. Jekk jigu ghandi ma jsibu xejn.

Gerita: Isma' r-ross kemm qed tnehhih?

Karmena: Dik mhux bicca tieghek!

Gerita: Tridtx inpartu ftit tqieq maz-zokkor?

Karmna: Mela hsibtni belha?

**(Minn barra Wenzu...)**

Wenzu: Rita t-tfal kollha hargu?

Rita: Le pa , jiena haddt hsieb lil Rose u lil Mario...

Marija; Wenzu, Peppi u George hawn qeghdin.... Mela nahseb li z-zghar baqghu gewwa.....

Wenzu: Halli mmur nara..... (Jidhol fix-Shelter)
Carm....it-tfal fejnhom?

Karm: Hawn Lina u Ganni ..... l-ohrajn hargu barra.
**(Filwaqt li Silvio jidher rieqed fil-genb u hadt ma jinduna bih)**

Wenzu: Hawn Marija, nahseb li kullhadd hawn.. Rita, Peppi Rose, George, Mario, Lina, u Ganni...

Marijia: Madonna tal-hniena, Silvio fejn hu? Silvio….

Wenzu: **<u>(jerga jidhol jigri fix-shelter filwaqt li Carmela u Gerita jkunu hergin</u>)** Silvio….silvio…… **<u>(Jinstenbah)</u>**

Silvio: Hawn Pa…. Hawn pa…. Kont qed nohlom bil-bombi…

Wenzu: Ejja ibni, issa l-bombi marru….. **<u>(johrog)</u>**

**<u>(Kullhadd idabbar rasu u jerga jaqa' s-skiet ta' bil-lejl)</u>**

Wenzu: (min gewwa) Dak in-nhar bil-kemm ghalaqt ghajn m'ghajn. Bdejt nhewden kif sejjer nitma dawk it-tfal kollha….u issa ghandi halq iehor.
Lil marti Marija, kont naduraha…kienet mara sewwa. Xogholi, hafna drabi, kien ibeghdni mill-mahbubin tieghi. L-ghada l-kaptan qalli li sejrin insalpaw ghal bicca xoghol kemmxejn skabruza…. U min kellu jghidli minn x'hiex kelli naghddi. Tlaqt fil-ghodu kmieni u niftakar bhal li kieku kien il-bierah….Marija giet twassalna sal-ghajn tal-ilma ……

Wenz: Qaltli," Hu hsieb sahhtek Wenz u j'Alla jzomm dejjem idejh fuqek. Minn dak in-nhar ghaddew madwar xaghrejn u l-gwerra kienet fil-qilla taghha. Sibna ruhna f"Tobruk u ta' kulljum konna nixtru l-mewt b'idejna. Il-kerrejja fejn kienu joghqodu omm u missier Marija ggarfet bil-bombi u tilfu kull ma kellhom. Marru jogqodu gewwa Had-Dingli, ghaliex in-nannu ta' marti, kellu xi ghelieqi u razzett f'dawk l-inhawi. Carmenu, gie lura mill-isptar u kullhadd kien jaghtih daqqa t'id, igorru bis-siggu tar-roti minn hawn u minn hemm. U d-dinja ddur, u l-bombi nezlin, u l-inkwiet ma jieqafx. Kemm xtaqt li kont nista' nqatta' aktar zmien ma' wliedi u marti, imma d-destin tieghi kien diga nkiteb….

**<u>(L-ghada fil-ghodu t-tfal jilghabu tal-passju, l-bniet b'xi pupi tac-carruta, u s-subien tas-suldati….. iz-zmien ghaddej u issa Marija tidher tqila….)</u>**

## ID-DISA XENA: L-ISQAQ......

***(Minn hin ghall- iehor tidher Dolor, fuq in-naha ta' wara, siekta ghal issa)***

Marija: Ejjew tfal halli niehdu platt shun. Ghamilt minestra tajba u bnina. Rita hu hsieb gib ftit ilma....Illum ghandha tigi n-nanna Sunta u tqatta' ftit hin maghna.

It-Tabib: L-ghodwa t-tajba Marija

Marija: Ara t-tabib Galea, Bongu ghalik. Inti gejt tarani.

It-Tabib: Nghidlek is-sew, il-kapillan qalli biex nittawwallek wahda kif kont f'dawn l-inhawi. Gejt nara lil Karmnu. Alla jbierku . Qatt ma jaqta' qalbu, dejjem biz-zufjett. Int , kif qed thossok?

Marijia: U mhux kif qed tarani Dot. X'taghmel, issa ormaj nafu x'nistennew,

It-Tabib: Nidhlu gewwa Mari. Halli nisimghu ftit.... It-tahbit tal-qalb.... U hawn il-familja gmiela. Wenzu kif inhu?. Ili ma narah hafna. Sellili ghalih imma rrid inkellmu ftit f'widnejh......

Marija: Wenzu issa ilu nieqes madwar xaghrejn. Fredu ta' hdejna sema' li resqin Malta ma' xi konvoy. Nitlob 'l Alla kull filghodu u fil-ghaxija.

It-Tabib: (Johorg speci ta' Tromba u jissemma....) Oj....hawn x'qed nisma...?

Marija: Tghid mhux xi orkestra Dot, x'kull wahda wkoll!!

It-Tabib: Nahseb li l-orkestra ghandha zewgt ittnabar tafx..

Marija: x'jigifieri dot?

***(Jidhlu n-nanna Sunta u n-nannu Peppi)***

| | |
|---|---|
| **Sunta** | ***(Tidhol ftit bla nifs )*** Wasalna ahna Mari. X'wahda din. X'herba ghamlu hdejn il-knisja tal-Karmnu. Ara t-tabib. Bongu Dot. Kif sejrin l-affarijiet? |
| Peppi: | Bongu Dot. Jekk ma jimpurtax ha npoggi ghax il-pompa baghtuta xi ftit. |
| It-Tabib: | Dawk is-sigaretti m'ghandekx xi tridhom. Kull darba li narak nerga nwissik. |
| Peppi: | Le jahasra Dot. Is-sigaretti qtajthom il-gimha l-ohra. |
| It-Tabib: | Mela nahseb li ghandek xi gimgha ohra biex tnaddaf il-kanali Peppi |
| Peppi: | U b'xi haga mhux kullhadd irid imut. Jekk ma jmutux bis-sigaretti sejrin immutu bil-bombi. |
| It-Tabib: | Nahseb li ghandi ahbar xi ftit importanti x'nghidilkom. |
| Sunta: | Jaqaw? X'gara dot. |
| It-Tabib: | Jekk qed nisma tajjeb…..Marija ser ikollha tewmin! |
| Marija: | Tewmin…. U le Dot …kif jista jkun..? |
| Sunta: | Mela dalwaqt ser tkunu daqs il-mejda tal-appostli? |
| It-Tabib: | Mhux kollox jista jkun Mari…. Ara isma minni, issa Jehtieg li tistrieh. Ma jistax ikun tibqa tqandel u tigri minn post ghall- iehor bla nifs. |
| Marija: | Imma jahasra billi mmur naghti daqqa t'id lis-sinjura mhux ser taqa d-dinja. B'hekk inkun nista' ndahhal xi haga zghira u nghin ftit il-familja. |
| It-Tabib: | Marija, xejn ma nghidlek, hu hsieb sahhtek. Rita kif inhi sejra l-kunvent? |

Sunta: Rita 'ssa libset il-libsa. Trid taraha kemm hi helwa, ckejkna ckejkna. Peppi tieghi kien mar jaraha' xi gimghatejn ilu.

It-Tabib: Selluli ghalija, u naturalment ghal Wenzu wkoll.

Peppi: Mari ahna gejna bit-tram mir-Rabat, imbaghad irkibna karrozzin. Il-lejla nqattghu il-lejl hawn imbaghad, ghada fil-ghodu, jehtieg li tigi maghna flimkien mat-tfal ghal Had-Dingli. Il-bombi tal-ghadu izjed ma jmorru izjed jizdiedu. Hawn hekk mhux postkom.

Marija: U ma tarax Pa. Kif tridni mmur Ta'Xbiex ghand is-sinjura?

Sunta: Ghall- inqas niehdu t-tfal iz-zghar maghna. Il-kbar jafu jfendu ghar-rashom.

Marija: Issa naraw.....

Peppi: Hawn ftit arja helwa l-lejla, ghax ma nehdux bukkun hawn barra, imbaghad nghidu posta Ruzarju flimkien.

Sunta: Ha niehu hsieb naqleb jien. Poggu tfal ......

***(Sunta tidhol gewwa ma' Marija biex jiehdu hsieb l-ikel. Jidhol Karmenu fuq ir-roti)***

Karm: Hawn Peppi, meta trid intellqu! Issaffar issa u taghddini!

Peppi: Siehbi Karmenu. Kif int habib?

Karm: Kif tarani tpingini! Imma ghandi xorti li ghadni haj.

Peppi: Issa hu platt maghna Karm. Ha nghidilhom izidu ftit mishun, biex inkattruha naqra. Sunt, Sunta hawn Karmenu ha jiekol platt maghna...

Marija: ***(Minn gewwa)*** Kollox sew Pa.....

***(It-tfal ipoggu fl-art, u l-kbar johorgu xi siggu maghhom filwaqt li kullhadd jghin ruhu)***

Peppi: Talba zghira wliedi. Fl-isem tal-missier u .....
Bierek dan l-ikel li sajjret il-Mamma u aghmel li ma jaghmlilnix deni, fil-gisem u fir-ruh!

Sunta: u kemm thawwad int. Dan it-talb jivvintah. Alla hares jiehu ghalih il-Mulej!!

**(Bejn cajta u ohra jaghddi z-zmien u jitbaxxa d-dawl. Tinstema' karrozza tieqaf u jidhlu zewg fizzjali tan-navy b'karta f'idejhom)**

Rosa: Isimghu din hbieb tieghi.... Il-bierah kont fil-pjazza u tawna salib tal-fidda biex jitqieghed fuq il-bandiera...
Kienet cerimonja helwa, u jahasra ftakart f'dawk l-ulied kollha
Li tilfu hajjithom, ghalina u ghal uliedna......

**(Versi ta Carmelo Galea S.D.B.)**
**(Forsi ta' min dawn il-versi jinqasmu bejn Rosa u Marija)**

Bajda u hamra ghamlek Ruggieru,
Lewn il-gilju lewn il-ward
Zewgt ilwien nizlu mis-sema
Biex izejjnu dina l-art

Fl-ahmar jixghel demm l-imhabba
Bl-abjad fidi w dawl
L-arblu li jghannaqhom mieghu
Huwa d-driegh minn ta' San Pawl,

Izda kemm int aktar sbejha
Bl-ghelm sabih li inti ggib
L-ghelm qaddis illi tak Pawlu,
Is-sinjal minn tas-salib.

Meta r-re Gorg dan l-ghelm tana,
Kien hsieb kbir ta' qima u gieh,
Sabiex il-bandiera taghna
Aktar tikber u tisbieh.

O bandiera xi gmiel tigbor
Bis-Salib fuq dawk l-ilwien
L-isbah gawhra taht is-sema
Mar sejjahlek kull ilsien.

Kemm il-darba ja bandiera,
Bkejt il-hsara li garrabt,
Vlegeg bombi garrbu l-qalbek
B'demm uliedek ixxarabt!

Imma ghalkemm irwiefen qamu
U carrtuk ghamluk bicciet,
Dejjem bqajt tperper sabiha
Taht dak l-ikhal tas-smewwiet

Ghandna biex nuru lid-dinja
Li ahna nies qalbenin
Ghaliex bl-ghelm li Kristu rebah
Ahna hrigna rebbihin,

Perper, tkellem ja bandiera,
Hu dil-bxara lill-Maltin,
Bis-Salib li r-re Gorg tana
Inhossuna bil-wisq kburin.....

Fizzjal : Skuzawni, qieghed infittex lill- familja Vella. U qaluli li toqghod xi mkien hawnhekk, wara l-kantuniera.

Peppi: Hawn sinjur, il-familja Vella hija t-tifla tieghi, mizzewga lil Wenzu li jbahhar.

Silvio: Nannu, halli mmur nghid lil ommi, li hawn xi hadd irid ikellimha..

Peppi: Jaqaw, Alla tal-hniena, qed inhoss l-gharaq ixoqq ghalija.... X'inqala Sir?

Fizzzjal: Ghandi ahbar li xtaqt naghti lis-sinjura Vella, - Marija Vella.

Marija: Iz-zghir qalli li staqsejt ghalija. Gibtli xi posta minn ghand Wenzu?

Fizzjal: Marija, ghandi nifhem li dawn jigu minnek?

Sunta: Iva sinjur, jiena Sunta, ommha u dan Peppi tieghi.

Karm: Ha nwarrab ftit, jimporta Silvio taghtini mbuttatura…

Peppi: Karm ibqa' maghna……

Fizzjal: Sinjura,…

Marija: Hallik mis-sinjura,…jiena Marija jisimni..

***(Tinstema l-muzika mit-Track City of Angels no 13)***

Fizzjal: Tajjeb Marija, poggi ftit…. Qieghed nara li int tqila wkoll. Izda ghandi d-dover u d-dmir li nwassallek ahbar li xejn m' hi sabiha.

Marija: X'inqala' sinjur. Jaqaw Wenzu tieghi…. Ghidli…

Tfal: Ma x'gara. Xi gralu l-pa?

Fizzjal: Marija, zewgek kien qieghed fuq il-bastiment, (Name of ship to be determined) u kif kienu gejjin lejn Malta,intlaqtu mill-ajruplani tal-ghadu. Nibza li hemm hafna minn shabu mejtin. Lilu ghadna ma sibnihx…..forsi hemm tama li b'xi miraklu seta' salva!

Peppi: Kemm hu kiefer ix-xitan….. Karm…. Ahjar tlift ghajnejja u riglejja u lil Wenzu hallih haj…. Imma ghaliex jahasra Dawn l-ulied , fejn ser imurru dawn l-ulied…?.

Marija: Le (***<u>tghajjat b'mod esterika u jingabru n-nies tad-dawra. Il-girien b'xi mod jissuktawi isabbruha imma kollu ta' xejn.</u>*** )

Fizzjal: Jiddispjacini ….. ***<u>(idur lejn Peppi izda ma jafx x'jismu)</u>***

Peppi: Peppi jien sinjur.... Grazzi kullhadd jaghmel dmiru mhux hekk?

***(Il-gisem ta' Wenzu jidher idur fosthom izda hadd ma jarah. Hu jhoss in-niket u s-soghba taghhom. Jixtieq li jghannqhom izda ma jistax......)***

Wenzu: ***(jitkellem ma' l-udjenza)*** Kif tirt minn fuq il-gverta tal-bastiment hassejt deghxa ma' gismi meta waqajt f'dak il-bahar kiesah.
Rajt id-demm jithallat maz-zejt u fl-lehha ta' berqa... sibt ruhi ghad-dawl. Qeghdin tifhmu min jiena ssa? Wenzu ta' Marija, missier dawk l-ulied kollha u issa naf li tajt il-frott ghat-tewmin. Nghidilkom is-sewwa, kellimtu,(Lil Mulej!) u haddtha ftit mieghu. Ghall-ewwel rajt li mhux sewwa izda mal-medda taz-zmien fhimt id-destin taghna lkoll. Sejjer nara lil uliedi jikbru u jsiru rgiel u nisa. Kullhadd ghal ghonq it-triq tieghu......kullhadd bil-grajja mistura minn tieghu. Minghajr ma jafu li jiena ha nkun vicin taghhom......

## L-GHAXAR XENA – IL-WEGHDA.

***(Filwaqt li Wenzu jkun qieghead jindirizza lill-Udjenza il-palk jitbattal u jsib ruhu wahdu. Tidher Marija sejra ghand is-sinjura...)***

Karmenu: Idur bir-roti, jittallab xi sold .....

***(Fuq in-naha tal-lemin insibu l-kamra tal-ikel ta' Marija, filwaqt li fuq in-naha l-ohra hemm is-salott tas-sinjura)***

Marija: Silvio hu hsieb qajjem lil hutek u morru l-quddies tas-sebgha. Jiena nipprova ma niddawwarx illum

Karm : Bongu Marija.... Ghal ghand is-sinjura?

Marija: X'taghmel Karm.

Karm: Smajtu xi ahbar fuq Wenzu jew?

Marija: Le Karm….. Wenzu ilu mejjet.Inhoss in-nifs tieghu kull fejn immur, bhal li kieku qieghed hdejja! Dawk qaluli hekk biex iqawwuli qalbi. Izda l-qalb tehber. Nitolbu ghalih.

Karm : Dak hu jitlob ghalina Mari. Kien ragel sew u minn taghna. Hudha bilmod ghax fl-istat li int, jiena tghaggibni kif tkampa…..

Marija: Iz-zghar marru ghand ommi gewwa Had-Dingli. U l-kbar jafu jdabbru u jfendu ghal rashom. Karm taghmilli pjacir jekk izzomm ghajnejk fuqhom.

Karm: Tajba din…. Jiena huma jridu jkunu ghalija jekk kemm il-darba jerga jfaqqa xi air raid. Imma dan l-ahhar, nirringrazzzaw lil hanin Alla kull hin u mument li hallewna bil-kwiet.

Marija: Sahha Karm…..

***(Taqsam il-palk u d-dawl jinxteghel fuq il-kamra tas-sinjura)***

Sinjura Lina: Ara m' mhux imbilli tghid int. Jiena nibqa nsostni li qed taghmlu hazin li mortu toqghodu Ghawdex.

Nanna Gilarda: M'ghandekx ideja kemm hemm kwiet. Toqtol u tidfen, imbaghad kif tinzel ix-xemx izjed u izjed…..

Lina: John tieghi qalli li skond informazzjoni li ghandu jekk kemm il-darba l-Germanizi jfettlilhom li jhebbu ghalina bis-serjeta l-ewwel li jinzlu fil-gzira t' Ghawdex.

Gilarda: U fejn sejra b'rasek….. x'jinzlu jaghmlu hemm, imbaghad jigu x-Xaghra. Ruhi qalbi, ghidli ftit x'jigu jaghmlu hemm?

Lina: Imma m'intix tifhem ma? John qalli li jekk jinzlu r-Ramla l-hamra, m'hemm hadd li jzommhom. F'hakka t'ghajn jitilghu it-telgha u ssibhom wara l-bieb.

Gilarda: U wara kollox fejn iridek isibek! Brava hej! Mela hekk tajjeb, tilghab xortik, mal-bombi hawn Malta. Tigri minn post ghall-iehor. Mhux izjed hemm cans li tintlaqat hawn , milli jigu wara l-bieb tar-razzett fix-Xaghra!

| | |
|---|---|
| Lina: | Naghmillek ftit te' Ma? |
| Gilarda: | Iva grazzi......taghmillix zokkor ghax it-tabib qalli li ahjar nibda nbaghti ftit.... Iz-zmien qed jaghmel tieghu! Kemm ilu nieqes John? |
| Lina: | John issa kwazi ilu tlett xhur. Sikwit jikteb, meta jaslu l-ittri ***(Iddoqq il-qanpiena)*** Halli mmur nara min gie. |
| Marija: | Ha npoggi ftit ghax dan it-toqol qed jaghmel bija! Ara s-sinjura Gilarda. Kif int Sinjura? |
| Gilarda: | Mhux hazin grazzi. Smajt li Alla jbierek sejjer jerga jkollok iz-zrameg! |
| Marija: | L-ulied huma l-barka t'Alla sinjura. L-ahhar tifkira ta' Wenzu tieghi qabel ma salpa lejn l-Ingliterra. |
| Gilarda: | Kemm ilu nieqes issa? |
| Marija: | Ser jaghlaq tlett xhur. |
| Gilarda: | Hsibt li ghandek izjed biex nghid is-sew. Jiena meta kelli lil Lina tieghi, ta' tlett xhur kont ghadni nilghab it-tennis. Lanqas hadd ma kien jaf. Dan jiddependi x'tiekol ruhi qalbi. |
| Marija: | Nieklu li jipprovdi l-bambin. Mela dan iz-zmien tista' taghmel mod iehor. Anzi dan l-ahhar il-Victory kitchen qeghdin idawwru ftit it-toghma! |
| Lina: | Ma ftit ilu m' ghedtlix li sejra sal-belt biex tixtri xi haga qabel ma terga tmur Ghawdex? |
| Gilarda: | Iva dazgur. Halli nilbes ftit il-kapell. Jekk niddawwar xi ftit tiehux hsiebi. Ahjar taghmilli l-is-splengun ghax milli jidher illum ir-rih.... |
| Lina: | Hawn ma..... kemm ghadek sabiha ma! Ara thallihomx jittantawk il-fizzjali jekk tmur il-Vernon Club. |

Gilarda: Isma inti xi hsibtni? X'kull wahda wkoll. Marija hu hsieb sahhtek u thallihiex thaddmek iz-zejjed! Sahha ....

Marija: Sahha sinjura.

Lina: Marija llum nixtieq li naqla ftit il-fajjenza li ghandi fil-kamra ta' l-ikel ghax ghada ghandi xi mistednin gejjin ghall-ikel.

Marija: Kif tghidli sinjura. Allura wasal biex jigi s-sinjur?

Lina: Le mhux ghalissa. Qed jaghmel xi negozju l-Ingilterra. F'dawn iz-zmenijiet ahjar qieghed hemm ghax kieku kien ikollu jingabar bil-lieva.

Marija: Ma kontx naf li wiehed jista' jaghmel hekk. Kieku jahasra Wenzu tieghi forsi ghadu maghna llum.

Lina: Qaluli li ser ikollok tewmin!

Marija: Dan fejn smajt sinjura?

Lina: Nghidlek is-sew it-tabib habib taghna hafna . Bejnietna taf x'qalli?

Marija: Jaqaw..mela t-tabib...

Lina: .. le le , ma tarax, konna qed nitkellmu ta' hbieb. Qalli ma nafx kif sejra tkampa Marija issa b'zewgt itrabbi ohra. Kieku halq wiehed forsi tara kif tkampa, imma biex titma zewgt itrabi ohra f'dawn iz-zmenijiet, mhux haga facli

Marija: Sinjura l-Mulej mhux dejjem ipprovda. Vera li hawn l-ghaks imma hadd ma miet bil-guh tafx.

Lina: Imma John tieghi mhux hekk baghat jghidli. Halfu li joqtluna bil-guh. Jiena ghalhekk ghandi xi hazna zghira ghaliex ma tafx x'jista jinqala' fil-futur...

Marija: Jekk ghandek xi troxx mhux sewwa taghmel sinjura

Lina: Kont qed nahseb bejni u bejn ruhi…ta …ma nafx kif ser naqbad nghidlek…

Marija: Tkellem tkellem sinjura…. Issa ahna wara dan iz-zmien kollu nistghu nifthu qalbna ma' xulxin mhux hekk?

Lina: U mela Marija, mhux hekk. Kemm ilek tigi hawn issa?

Marija: Mhux ftit wara li twieled iz-zghir Sinjura?

Lina: Inti taf li sa issa l-bambin ghadu ma seddaqx iz-zwieg taghna b'xi wlied. Lil John kemm nixtieq li naqtalu xewqtu. Issa ilu msiefer kwazi tlett xhur…

Marija: Tajba din, kif tista taqtghlu xewqtu jekk huwa msiefer!

Lina: Kont qed nahseb Marija, min jaf kieku kif twelled lit-tewmin, hemm…..kif naqbad nghid? Kieku jiena nibda nehodlok hsieb wiehed minhom?

Marija: Kieku jahasra taghmilli pjacir kbir.

Lina: Allura ma ssibx oggezzjoni li kieku wiehed mit-trabi jitrabba hawn. Ibqa zgur li ma jkun jonqsu xejn. Jitghallem l-iskola, u jikber fin-negozju ta' Missieru.

Marija: Qisek taf li sejjer ikolli subien x'kull wahda wkoll!

Lina: Mhux il-kelma ggib hekk. Ha nghidlek ta, jiena ghalija mmut wara s-subien. Nara fihom dik l-imqarbezza, xjafek zghar!

Marija: U le min jisimak. Tfal huma, mela nsejtu zmienek?

Lina: Isma jiena qeghda nghidlek bl-ikbar serjeta. Ikun sigriet bejnietna. Kif jitwieldu, nigi narak, imbaghad ghaddi wiehed minnhom lili. Daqs kemm imutu trabi jahasra, min tridu jkun jaf.

Marija: Sinjura mela qed tiggennen? Dawn l-affarijiet ma jsirux!

Lina: Min ghalik Marija. Kemm naf nies li ghamlu hekk.

Marija: Ara jekk hux qed nifhmek sewwa ta? Int qed tghidli li kif jitwieldu nibghat nghidlek imbaghad tigi int, friska friska u naghtik tarbija minnhom. Lanqas li kieku kien xi fenek...

Lina: Marija, imma inti kif sejra tiflah trabbihom dawk l-ulied kollha. Jiena lesta li naghtik kumpens xieraq.... Imbaghad wara kollox dejjem tkun tista' tigi tarah, inti mhux hawn ser tibqa tahdem?

Marija: Minn daqshekk vera. Kieku ghandi bzonn indur dawra mieghi innifsi u nixtri xi affarijiet ghall –ohrajn.

Lina: Nwighdek li ma jkun jonqsu xejn. Mhux ibnek jibqa. Taf x'naghamlu? Ara jiena nikteb lil John tieghi u nghidlu li jiena tqila izda ma ntarraflux qabel minhabba l-fatt, kif taf inti Marija, kont diga korrejt darbtejn qabel. U issa nghidlu li peress li ghandi tlett xhur tqala, kien jaqbel li nghidlu. Min jaf kemm sejjer jiehu gost meta jisma l-ahbar.

Marija: Mela kollox sew. Kontra qalbi ser naqbel mal- pjan tieghek. Imma int ma tidhirx?

Lina: Il-mama kienet tilghab t-tennis meta kelha tlett xhur bija! Issa bilmod intarrfilha xi haga imbaghad meta nohrog nibda nitfa xi haga ..... mhux malajr jaghddu sitt xhur ohra?

Marija: Jiena kull tqala rajtha ttir..... lanqas naf kull darba kif tgerrbu d-disa xhur?

Lina: Ara Marija, llum erfa kollox, u mur strieh id-dar. Hawn ara bhal li kieku ghamilt il-gurnata tax-xoghol. Minn issa l-quddiem nibqa nhallsek xorta wahda. Importanti li tibza ghall-sahhtek..... mur ruhi qalbi..... izda mportanti li nibqghu niltaqghu.Tajjeb?

Marija: Mela Grazzi sinjura Lina. Nispera li Wenzu tieghi ma jiehux ghalih!

Lina: Wenzu qieghed fis-sema ruhi, jitlob ghalina. Mur u ngabar id-dar.... Sahha...

Marija: Mela grazzi mill-gdid.

***(Marija tohrog u Lina tibqa wahedha u tibda sabiex tikteb ittra)***

Lina: Kemm sejjer jiehu gost John tieghi...meta jircievi l-ahbar . Kemm jiena ferhana....

Wenzu: ***( Li kien il-hin kollha jisma' d-diskussjoni bejniethom)*** Mhux hekk, Wenzu qieghed fis-sema jitlob ghalina. Mur ghidilha fejn kont jien.Inhuf madwarha! Qed tikteb ittra lil zewgha. Mhux hekk? ***(Johrog mill-kamra u jmur fin-nofs tal-palk u tkun gejja lura Gilarda)***

Ghandi aptit naghtiha xi gambetta lis-sinjura Gilarda. Rajtiex, baqghet tilghab it-tennis ja xiha li hi. Ghadha ggibhom tajjeb ghal-eta' li ghandha. Imma ghiduli ftit , li kieku l-azzjonijiet li taghamlu , tkunu tafu li hemm xi hadd dejjem ikun jaf bil-pjanijiet taghkom, xorta tibqghu ghadejjin bhal li kieku ma jaf hadd? Ma nahsibx! Li kieku min ihaddimkom ikun il-hin kollu hdejk, nahseb li ma tiskartawx daqshekk........ li kieku l-mahbuba tieghek tkun tista tisma' l-hin kollu xi kummenti li taghddi ma' shabek, xorta titkellem b'dak il-mod? Jiena, xi kull tant indur dawra ma' wliedi. Nipprova nissokta nzzomilhom idejhom u naghti xi parir tajjeb. Mhux dejjem jirnexxili, izda xi kull tant nghid kelma lil siehbi u donnu ghandu xi mezz kif itarraf xi haga f'widnejhom

Gilarda: Kont ha niehu wahda ghal wicci jiena u gejja. Kien hemm xi haga fl-art lanqas biss rajtha. Mn'Alla kont nilghab it-tennis ghax bqajt hafifa . ***(Din tkun sejra titgerbeb f'Wenzu li kien fin-nofs, naturalment minghajr ma ntebhet bih!)***

Qed tikteb lil John?

Lina: Ma, ghandi ahbar sabiha xi nghidlek.

Gilarda: Jaqaw gej lura?

Lina: Le ma, jien tqila….

Gilarda: Tqila,.. tqila kif Lina…mela gej l-anti- krist?

Lina: U fejn sejra b'rasek ma. Inti taf li diga korrejt darbtejn u ma xtaqtx naghti ahbar lil John, imbaghad jerga jigrili l-istess.

Gilarda: Allura kemm ghandek?

Lina: Kwazi tlett xhur.

Gilarda: Mela daqs Marija, x'kumbinazzjoni.

Lina: Isma ftit ma…."Ghaziz John, meta rcevejt l-ahhar ittra tieghek, xtaqt li kieku kont hdejja biex naqsam mieghek il-ferh li kelli hekk kif hassejt il-hajja fiha. Ghandi pjacir nghidlek li jiena tqila u ghandi issa madwar tlett xhur –sewwa sew kemm ilek imsiefer. Jiena naf li ghedtli li ma tistax tigi Malta qabel sitt xhur ohra mill- inqas. Jiena nkun qeghda nistenniek bla sabar sabiex flimkien nghixu l-weghda u x-xewqa li ghamilna lil xulxin.

***(Black out fil-kamra tas-sinjura) (Spot fuq Wenzu)***

## IL-HDAX IL-XENA: IL-FROTT TAT-TEWMIN.

Dolor: Qeghdin tagharfuni mhux hekk? Dolor, omm Wenzu. Ghaddejt ftit zmien imwarrba izda issa ninsab kuntenta hafna. Xi kull tant niltaqa' ma' ibni Wenzu u nghidu kelma flimkien. Ahna kollu li tlaqna diga, nkunu nduru hawn hdejn dawk li huma ghal qalbna.

Marija kien jilhqilha mhux hazin .. Rita kienet ingabret fil-kunvent u maghha hadet lil Ganni. Kellu erba' snin. Filwaqt li George, Mario , ~~Lina~~ u Silvio marru ghand n-nanna gewwa Had-Dingli. Kont immur ninbixhom xi ftit bil-lejl minghajr ma jindunaw! Peppi ghalaq sittax il-sena u malajr sab ruhu fil-Militar. Rose kellha erbatax il-sena. Kienet tfajla helwa …… marret tahdem ghand xi sinjuri fl-Imdina, u ghalhekk Marija baqghet wahedha.

Sitt xhur malajr gerrbu u s-sinjura Lina ghamlet minn kollox biex tara' li l-pjan taghha ma jfalllhiex. Meta wasal iz-zmien, ix-xwejha Marija li kienet gara taghna , taghtha daqqa t'id, u f'kemm ili nghid, fl-lejliet l-Imnarja, twieldu zewg ulied ohra. Ghal daqs tant, kien xieraq li nsemmuhom Pawlu u Pietru. Ghal l-ewwel Marija kienet qisha xi regina, tohrog bi Pram mill-isbah li kienet baghatitilha s-sinjura Lina. Is-sinjura rat li ma kien jonqosha xejn izda lejla wahda, meta kellhom xi ftit gimghat Lina ma setghext tistenna izjed ghaliex John taghha kien wasal biex jigi lura.

***(Tidhol Lina u tiltaqa ma Marija)***

Lina: Marija, ghaliex m'ghedtlix li kienu twieldu. Kelli nisma' minn ghand xi hbieb. Subien kellek hux hekk. Ghandi pjacir. John wasal biex jigi u ghalhekk gejt biex naghamlu l-patt taghna.

Marija: Le ma jistax ikun. Rega bdieli. Milli ghadna m' hemm xejn.

Lina: Imma inti hliftli li zzomm kelmtek. John qed jistenna li meta jerga jigi lura, sejjer isib tarbija d-dar.

Marija: Diga ghedtlek, kif nista naghtik il-frott tieghi…qisu…

Lina: Imma tinsiex li int hliftli li zzomm kelmtek. Ghaliex webbiltni b'haga bhal din. Kif nista issa naffronta lil zewgi. Ghaliex Marija ghamilt hekk. Mhux bizzejjed ghandek dawk it-tfal kollha , wiehed kull ma tlabtek… nitolbok Marija, jekk joghogbok, zomm kellmtek. Wara kollox mhux ibnek ser jibqa….

Marija: Imma kif nista niddeciedi li wiehed ser naghtik?

Lina: Ma jimpurtax, ikun liema jkun……

Marija: Kollox sew…. Mela hu wiehed minnhom!

Lina: ***(Bla sabar ta' xejn, terfa tarbija u tghannaqha maghha u tohrog tigri . Karmenu li kien fil-genb izzebbeg ir-ruzarju ra kollox, izda ghamel ta' bir-ruhhu li ma ntebah b'xejn.)***
Grazzi Marija, hawn ha dak li weghdtek!

Marija: Le marridx nehodhom....

Lina: Ruhi Marija, dak mhux biex inhallsek, Grazzi, grazzi hafna.

***(Lina titfa l-flus fil-pram u tlebbet il-barra. Marija tidhol fil-kamra tal-genb....id-dar taghha. Karmelu johrog ftit lejn in-nofs sabiex jifhem ezatt x'xkien gara!***

Wenzu: U b'hekk Pietru tieghi sab ruhu ghand il-familja Decelis. Kienu tat-tajjeb. Ghednilkom li Marija kien jilhqilha hafna.

Marija: Karm, qed ninkwieta ghaliex Pietru jahraq hafna u nibza li ghandu d-deni.

Karmelo: Ghaliex ma taghmillux gbara shuna.

Marija: Gbara jekk ikollu xi wgiegh ta'zaqq. X'ghandu x'jaqsam? Jiena nnizzillu d-deni rrid u mhux.....

Karmenu: Jiena ommi Alla jahfrilha, dejjem xi gbara kienet taghmilli. Sew jekk ikolli d-deni u anki jekk inqum b'xi wgiegh tar-ras. It-tfal ghali u nkwiet. Hekk kienu u jibqghu! Illum kullhadd mar ghall-festa ta' San Duminku. Kemm hawn kwiet fil-kerrejja Mari. Tidfen u toqtol.... Tbiegh u tkarwat!!!

Marija: X'inti thawwad Karm il-lejla.

Karmenu: Jiena ma tantx inhawwad Marija. Xi kull tant nghid kelma ma' Wenzu tieghek, issa d-dawl beda jonqosni wkoll. Minghajr saqajn, bil-kemm nara, izda ghadni nisma' mhux hazin.. Xi kull tant inhoss li nkun qed nohlom.

Marija: Il-lejl it-tajjeb Karm. Halli ningabar.

Wenzu: Imma x'taghmel? Min jaf kemm il- tarbija mietet f'dawk iz-zmenijiet tal-ghaks. Kemm kont tara rgiel ghaddejjin b'xi kaxxa zghira bajda. Jitfawha taht ghabthom u arahom sejrin biha lejn ic-cimiterju. Bla kliem u bla sliem. Ftit biki u qisu qatt ma kien xejn.

L-ghada filghodu Marija xerrdet il-kelma li Pietru taghha tatu taqliba u l-Mulej ha hsieb il-kumplament! Kieku Pietru kiber ma' Pawlu taghna, forsi Brian qatt ma kien jitwieled. Tafu min hu Brian? Le, ghandkom ragun. M'hiniex sejjer nghidilkom issa, il-quddiem tkunu tafu.

***<u>(Waqt li Wenzu qed jitkellem, fil-hmura ta' filghodu ragel jidher hiereg minn ghand Marija b'kaxxa bajda u jaqsam il-palk.....jingabru n-nies fil bitha....b'Marija bit-tarbija f'idejha. Jigu lura t-tfal taghha flimkien ma' zewg sorijiet, wahda minnhom Rita. Ikun hemm Karmenu u martu u xi girien ohra.....Jitfaccaw ukoll Peppi u Sunta.)</u>***

Sunta: Allura ma tibghatx tghidilna li Pietru kien ma jiflahx?

Peppi: Risposta, stajt b'xi mod tara kif twassalha. Toni mhux ta' Qali jahdem. Erba' passi ohra u jitla' Had Dingli.

Marija: Kien kollox ghalarrieda. Bil-lejl telaghlu d-deni u kien jahraq hafna. Bdejt inxarrablu wiccu u sidru imma kien kollu ta' xejn. F'daqqa wahda zammlu n-nifs u f'kemm ili nghidlek miskin imbaram. Imma issa jiena certa li jinsab kuntent fejn qieghed. Nahseb li ltaqa' ma' Wenzu, missieru!!

Rita: Ma, it-toroq t'Alla ma jafhom hadd. U mhux hekk, hadd ma jista jifhimhom!

***<u>(Rita liebsa ta' soru flimkien ma sehbitha, jintunaw, il-kanzunetta'lirika bil-malti fuq versi ta' Vent Anni – Massimo Ranieri.</u>***

-"Hajti nibtet bhala xitla ta' warda hamranija, Ommi tatni bewsa u wrietni it-triq u l-hajja. La, la lala , la la lala , Jiena nemmen li hemm fuq, hemm post hafna isbah minn hawn. Jien nemmen li hemm fuq, hemm hajja ohra minghajr imrar. .... Ghalhekk inharsu ftit lil hinn u nissuktaw naqbdu id f'id.... ( TO BE VERSED...)

***(Jitbaxxa d-dawl u spot tmur fil-kamra ta' Lina u Johnny. Fuq il-palk il-folla li issa ngabret tibqa' siekta minghajr muviment)***

## IT-TNAX IX-XENA: MITT BNIEDEM, MITT GIDBA!

Johnny: Kemm jiena ferhan Lina. Fl-ahhar qtajt xewqti . Jiena ghedt li qatt ma kien ser ikollna wlied! X'fettillek, m'ghedlix mill-ewwel li int tqila.

Lina: U ma tafx Johnny, ruhi, kont diga weggajt darbtejn. Ma xtaqtx li tqawwi qalbek u jerga jigri l-istess. Din id-darba sakemm inti kont qieghed Londra taghmel xi negozju, hallejt f'idejn il-Mulej. U qed tara' fl-ahhar ix-xewqa taghna saret realta'.

Gilarda: Fl-ahhar sirt Nanna. Taf x'kellha l-wicc tghidli Lina? Ma, ara jfettillek tigi d-dar tieghi. Kitbitli u qaltli li kulljum bil-bombi nezlin fuqna u kien ta' periklu kbir jekk tersaq ' l hawn. U ghidli ftit, Marija, s-seftura, kellha tarbija?

Lina: Ma nafx, lanqas resqet aktar 'l hawn! Sirt naf minghand Rosa, s-seftura tas- Sa Terez. Min ghalija semmietu Paul jew insomma Pawlu. Kemm hu helu Peter taghna. Twieled fl-Imnarja u kien xieraq li nsemmuh hekk.

Johnny: Imma jiena nghidlek is-sew, qed niskanta kif |Marija ma resqitx aktar ' l hawn. Daqs kemm kienet tirrisspettak!

Gilarda: U min jaf, forsi bdiet tghir ghalina.

Johnny: Ghada, nasal wasla sa l-isqaq fejn joqghodu u xieraq li nara ftit kif qed tkampa. Smajt li Wenzu taghha qatt ma nstab.

Gilrda: Forsi harab x'kull wahda wkoll. Seta' mar l-Amerka.

Lina: Mhux kollox jista jkun!

***(Fuq in-naha l-ohra tal-palk, naraw mara xwejha, hdejha qassis li qed jaghti l-ahhar sagramenti. Hija omm Wenzu , fl-ahhar mumenti t' hajjitha!)***

***(Tinstema fl-isfond il-muzika tal- War Theme minn Pearl Harbour u d-dawl jerga' joghla bil-mod fuq il-palk waqt li jingabru n-nies)***

**Wenzu:** U halli lil kullhadd jivvvinta minn zniedu. Ahna li morna konna ta' sikwit niltaqghu flimkien u nhufu ma' dawk li hallejna warajna. Kieku tistghu tifhmu ftit il-ferh li ghandna f'qalbna. Induru mal-hajjin minghajr ma jintebhu! Harsu ftit minn taht il-ghajn u taraw l-ispirti ta' dawk li telqu qabilkom . U jien inhares lejn dan il-bniedem li jissokta sabiex jaghraf u jifhem …… dan il-bniedem, x'misteru!

***(Din hija mehuda mill-Przsa ta' Dun Gorg Mercieca – Ex – SDB u li issa qieghed jaqdi d-dmir ta' Sacerdot f'Ghawdex. Proza li f'zoghziti habbejt u li biha forsi fhimt ahjar il-misteru ta' hajjitna.)***

***Dolor:*** B'elf ghagna , elf lemha u fehma. Misteru ta' mhabba u mibgheda. Il-bniedem li jaghraf u jitbissem, jithabbeb. Misteru ta' waqa' ta' ndiema, ta' fidwa; tahlita ta' mhabba u sensi.

***Wenzu:*** Jitwieled, jixxettel u jikber, jithenna jithabbeb, iwelled, ikabbar, idakkar, isebbah u jseddaq u jkattar.

Imbaghad, narawh, jintilef fil-gholi tas-sema u jkasbar lil ghajru, lil hbiebu, lil hutu.

***Dolor:*** Ifittix dinja ohra sabiha, imbeghda mill-hazen u l-qerda, u jinzel fil-hama. Jinxtara, jitnitten, jiccappas u jinten, jibki u jisthi!

***Wenzu:*** Imsejken dan il-bniedem x'misteru ta' dnewwa, ta' hena, biza' u kruha. Jitwieled biex jifrah u jibki, jitghaxxaq, jithabbeb, jinfired, jintilef, jindifen u jintesa.

***Wenzu u Dolor:*** Mitt bniedem, mitt ghagna, mitt lemha mitt fehma,
Elf grajja, elf bikja, u mhabba,
Elf mewta, elf qabar, elf ta, elf xewqa, elf qawma…….

Imsejken dal-bniedem……

***(Issa kullhadd ingabar fuq il-palk, u b'vuci wahdatitkanta t-tema principali….***

Ejjewi lkoll, naraw it-triq,
Ejjew naqbdu id f'id
Ejjew……

***B'loghob ta' dawl, u kuluri, tinghalaq il-purtiera bilmod……***

## Tmiem Ta' L-Ewwel Att.

# FEJN MARRU L-ULIED?

## It-tieni att.

### L-EWWEL XENA: LURA F' TAS-SLIEMA 1955

**(Tinstema l-banda tal- Salesian Boys and Girls Brigade. Jekk hu possibli, tkun haga sabiha jekk jidhru fuq il-palk, izda din tkun f'diskrezzjoni tad- Direttur.  Forsi wiehed jahseb sabiex fuq screen fil-fond juri xi parati ta' l-imghoddi!**

**Fuq l-gholja jidhru dawn in-nies kollha li issa m'ghadhomx maghna. Izda l-ispirtu taghhom jibqa jdur fost l-udjenza.**

**Wenzu:** Minn fejn  tara d-duhhan hiereg, ghid li hemm jaqbad in-nar. Min bit-tafal tara mcappas, ghid li daru tal-fuhhar. Hekk kien qalli habib xwejjah tieghi.  Is-sinjuri Lina u Johnny kienu marru qattghu xi snin il-boghod minn pajjizna, u Peter kien ghadu qatt ma ltaqa' ma' huh it-tewmi Pawlu. Issa gew lura Malta, u marru joqghodu f'bini  gdid fi Triq it-Torri f'tas-Sliema.
John u Lina kienu kburin bit-tfajjel li rabbew – Peter u meta semghu il-hoss tat-tnabar u l-fifri, waqfu ghaliex ghelbithom il-kurzita`.

Marija flimkien ma wliedha,  marru joqghodu f'tas-Sliema, lejn l-inhawi ta' fuq il-logog. Dak iz-zmien tal-hamsinijiet, kienu jingabru tfal ta' kull eta', tarhom kollha jigbduha lejn l-Oratorju….. ghand is-Salesjani. Fosthom kien hemm wkoll Pawlu,issa ghandu 12 il-sena.s

Pawlu: ***( Wara l-parata fejn gew spezzjonati t-tfal ghal dak li kien meqjus bhala s-smartest boy!)*** Jiena hsibt li ha nintaghzel. Imbaghad smajthom jghidu li z-zarbun kellu roqa zghira. B'daqshekk x'fiha?

Alfred: Jiena nahseb li l-ismartest boy ikun diga maghzul.  Taf x'qalli darba Dun Gwann, " Jiena ghalija t-tfal tal-Boys Brigade huma kollha rgiel zghar li jaghmlu unur lilna u lilhom infushom."

| | |
|---|---|
| Iro: | Wara kollox, ahna x'jimpurtana min hu l-ismartest boy, l-aqwa li nkunu nistghu nilghabu xi loghba futbol u mmuru camping.e Ahna darba ftehemna li nibnu kamp fl-ghalqa ta' quddiem it-teatru. |
| Pawlu: | Le le gbin. Il-kamp taghna diga bnejnieh fl-ghalqa tal-bombu. |
| Alfred: | Jekk trid ejja hemmhekk. Niltaqghu mal-klikka ta Joey. |

***(Jersqu vicin Is-Sur Johnny, Lina, u Peter)***

| | |
|---|---|
| Johnny: | Kontu tassew 'smart' qiskom suldati zghar. |
| Iro: | Grazzi Sir, l-ewwel darba li rajtna? |
| Johnny: | Nghidlek is-sew, le, din mhux l-ewwel darba. Jiena meta kont zghir kont noqghod in-naha ta' Ta'Xbiex, u l-papa' tieghi, ma kienx jiehu gost nersaq lejn dawn l-inhawi. |
| Pawlu: | U allura int, issa li t-tifel tieghek, sejjer thallieh jersaq l-hawn |
| Johnny: | Nahseb li b'daqshekk m' hemm xejn hazin. |
| Lina: | Peter, trid toqghod titkellem ftit ma dan it-tifel, sakemm ahna mmorru naraw it-tabib. Nergghu niltaqghu mieghek hawnhekk, tajjeb, fil-kantuniera ta' l-ispizerija. |
| Peter: | O.K. mum. See you later. |

***(Johnny u Lina jwarrbu ftit u jibqaw Iro, Alfred, Pawlu u Peter.)***

| | |
|---|---|
| Pawlu: | Int Ingliz? |
| Peter: | No, jiena Malti bhalek,imma konna nghijxu l-Ingilterra. |
| Pawlu: | Kemm ghandek Zmien? |
| Peter: | Ha naghlaq hdax il-sena.... |
| Pawlu: | Mela daqsi. Jiena wkoll ghandi ghaxar snin. |

Peter: Dalwaqt il-birthday tieghi.

Pawlu: Meta hu l-birthday tieghek?

Peter: On the 29th June ,...... Il-mummy qaltli li jisimni Peter, ghal festa ta' St.Peter u St. Paul

Alfred: Mela t-tnejn tweliddtu fl-Imnarja, il-festa ta' San Pietru u San Pawl.

Iro: Mela, ommok mhux ghalhekk semmietek Pawlu.

Peter: What a co-incidence......

Alfred: Vera, x'kkumbinazzjoni hux....

Pawlu: Vera what a combination!! (B-Inlgiz nfarrak)

Iro: Isma inthom gejjin fil-kamp taghna?

Peter: Fejn, xkamp hu dan.

Alfred: Bnejna speci ta'kamp fl-ghalqa tal-bombu. Hemm inzommu xi sigrieti u xi loghob li niddubbaw fil-premjazzjoni....

Peter: What is Premjazzjoni?

Pawlu: (Johrog il-kartiera tipika maghmulha minn zewg kartuncin u miksija b'xi santi, fejn it-tfal ta'l-Oratorju kienujzommu t-tessra!)
Ara, Pet, hawnhekk inzommu t-tessera. Qed tara, kulljum meta mmorru, l-oratorju, jaghmlulna l-boll. Qed tara.....imbaghad min ikollu l-izjed timbri jaghzel xi rigali darba kull tlett xhur.

Alfred: Pawlu dejjem ikollu t-tembri kollha.

Pawlu: Mhux bil-fors, jekk jiena mmur kulljum. Mela bhalek, tiga meta thallik il-mama!

Iro: U aqtaghha tibdiex titkellem fil-vojt.

Alfred: Inti ghandek t-tembri kollha ghax tiftiehem ma dak it-twila, biex jaghmillek it-tembri kollha meta jkunu vojta!

Pawlu: Ejja maghna, u ejja l-mama' mhux ghand it-tabib marret. Dik min jaf f'x'hin tigi!

Peter: O.K. tlaqna. Shall we be friends?

Pawlu: O ye mate....we be friends. Hbieb tal-qalb gbin.

***(Jaqbdu id-f'id u erhilhom lejn l-ghalqa tal-bombu)***

Wenzu: Tafu x'kienu jaghmlu dawn ix-xadini , jekk kien jghidilhom Dun Carm. Xi kull tant niltaqa' mieghu. Bniedem minn taghna... ghadu jmur dik il-mixja kull nhar ta' Tnejn, lejn l-inhawi ta' Bahar Ic-Caghaq! (Hekk kien jaghmel meta kien haj). L-imqareb Pawlu, kien jaghmel imhatra ma' shabu biex jixxabbat mal-hajt ta' l-iskola tal-gvern. Kien idahhal subghajh bejn il-fili u tarah tiela' qisu xadina. Ftit kien jahseb li jekk jitlef il-bilanc, seta' jispicca fuq il-ponot tal-hadid li hemm mad-dawra ta' l-iskola. Kif jghidu d-demm jigbed. It-tewmin Pietru u Pawlu malajr saru hbieb tal-qalb.

## IT-TIENI XENA: FL-GHALQA TAL-BOMBU.

**(Nsibu ruhna fl-ghalqa tal-Bombu, b'erba gebliet fuq xulxin, li kienu isejjhulu 'kamp' moghtti b'xi bicca xkora...)**

Pawlu: Dan huwa l-headquarters taghna. Trid toqghod attent ghax hawn vicin joqghodu l-fizzjali tal-Brigade, Is-Sur Briffa hemm isfel, u s-Sur Falzon wara l-kantuniera. Alla hares ikunu jafu li nigu hawn. Tajjeb Pet. Dan huwa sigriet.

Peter: Promise, cross my heart. Lil hadd ma jien sejjer nghid.

Alfred: Ejja idhol..... (L-erba t-itfal jidhlu u filwaqt jibda jibexbex, jinstemghu jidhqu minn wara l-gebel.)

*(Johnny u Lina jidhru nkwetati filwaqt li xi hadd jaqsam il-Palk)*

Johnny: Skuzi, sinjura, ghal li jista jkun ma' rajtx xi tfajjel liebes blazer 'Il-hawn?

Sinjura: Le, ghaddew xi tfal tal-Brigades sejrin lejn Strada Santa Liena, imma ma jidhirliex li kien hemm tifel maghhom bil-blazer.

Lina: X'wahda din John. nispera li ma nqala xejn.

Johnny: Xi tridu jinqala. Forsi mexa ftit ma' dawk it-tfal li ltaqa . Maghhom.

Lina: Nahseb li ahjar immorru nistennewh hdejn l-ispizerija. Mhux int ghedtlu biex joqghod jistenna.

Johnny: Ara, Lina, int mur hemmhekk u jiena ndur dawra ma' dawn l-inhawi, tajjeb? Bhal issa hajdoqqu t-tmienja . Fit-tmienja u nofs, jekk ghal li jista jkun ma'n nsibux lil Peter, jiena nigi hdejn l-ispizerija.

Lina: Mela sejra hemm. (Johnny jdur lejn n-naha l-ohra)

Tfal: tmur? (Minn gol-Kamp) Nahseb li telqu.... Ejja Pet, mhux ahjar

Peter: Kemm haddt gost maghkom. Meta nerghu niltaqghu? Dik xi tkun? **<u>(Jirreferi ghal "catapolt" li tkun f'ghamla ta' Y u jisparaw biha)</u>**

Pawlu: Ejja ha nurik. **<u>(Jigbed il-lastiku u jinstema hoss fuq wara tat teatru)</u>** Ha, trid tispara wahda......ara oqghod attent ma tkissirx xi hgieg!

**<u>(Jispara Peter u jinstema' hoss ta' hgiega tinkiser! Jidhqu bejniethom)</u>**

Pawlu: Ghax ma' tibdiex tigi l-oratorju. Ghada l-Hadd u fil-ghaxija jkun hemm it-talkies. Ahna nidhlu b'xejn. Imma int tista tigi wkoll.

Iro: Trid thallas u tidhol

Peter: Kemm trid thallas?

Alfred: Xelin u giex soldi….. Ghid lill-mama' taghtik tmintax irbieghi u tkun tista tixtri borza crips u flixkun luminata!

Pawlu: Il-ahwa tieghi kif sirt. Ahjar titfarfar ftit….. ghax jekk taqbdek il-mama' nahseb addio t-talkies ghada.g

Peter: O.K. Thanks….. Paul,,…. Ghandek xi rikordju tieghek? I mean xi ritratt….

Pawlu: Qed toghgbni din ta' Paul. (lil shabu) minn issa l-quddiem, jien Paul u mhux Pawlu. Ftehena jew?

Alfred: (Biex jghaddieh biz-zmien) Ajma Paul , Lets go Paul….

Iro: Isma gbin, ara jekk trid taghmilha maghna, ahna m'ahniex tal-pepe'. Fhimt jew.

Peter: No problem. Anzi lili , call me Pietru. Il-mama' tghidli Peter, u nannu baqa jghidli Pietru.

Pawlu: (Ihares lejn il-kartiera) Hawn ara, Peter, Pietru, ghandi ritratt tieghi u tal-Mama '. Ghandi tnejn, tista tiehu wiehed minhom. Jekk ma nibqghux hbieb, bil-patt li taghtijuli lura.

Peter: Wow….kemm hi helwa l-mama' tieghek. X'jisimgha?

Pawlu: Marija. Il-papa tieghi mejjet. Miet fil-gwerra qabel ma twelidt jien. Il-papa' tieghi Wenzu. Kieku ma kienx hu, il-Maltin kollha mietu bil-guh bil-gwerra. Il-mama' qalti li hu kien li gab il-convoy Malta, f'Santa Marija.

Alfred: Hallieh jghid. Dan aqta kemm jivvinta u jigdeb.

Peter; Ha naghtik il-wallet tieghi, u inti aghtini dik il-haga.

Pawlu: Il-kartiera trid?. Dik, ahna naghamluha. Imbaghad nurik kif taghmel wahda.

Peter: Great. That's great. Hawn.

***(Jidhol Johnny)***

Johnny: Thank God. Ma' gara xejn. Peter, fejn mort?

Peter: Gejt ma' dan il-habib tieghi inwasslu bicca triq. Hu joqghod hemmhekk hdejn dawk l-arkati.

Pawlu: Fuq il-logog sinjur.

Johnny: Allura sirtu hbieb mill-ewwel '1 hawn?

Peter: Iva Papa'. Sirna hbieb specjali!

Johnny: O.k. lets go. Good night lads

Alfred: Il-lejl it-tajjeb sir.

Iro: Narawk ghada Pietru?

Peter: Forsi, issa nistaqsi lil mummy. Fi x'hin hu t-talkies?

Pawlu: Fis-sitta u kwart u jispicca gha- habta tad-disa.

Johnny: Imbaghad naraw. Hawn fejn kont, ara kif sirt!

Pawlu: Kien hemm wiehed qieghad ibajjad il-faccata u ntlejna trab, sir.

Johnny: Ejja Peter, ghax il-mummy sejra tiehu hsiebek bis-serjeta.

(Johrog kulhadd u jibqa Wenzu wahdu……)

Wenzu: Fis-snin hamsinijiet, ma kontx ssib Televisions fid-djar. Min kien forsi jiflah xi ftit, kien ikollu xi Radju jew wisq izjed kaxxa li kienu jsibuha 'Ir-Redffusion" . Fis-sajf kien ikollna kaxxa tas- silg u npoggu fiha fliexkien t' l-ılma bi ftit qtar tal-

lumi. Kull nhar ta' Hadd tarahom ghaddejjin b'xi turtiera tal-patata jew ross , ghal ghand tal-forn. Kien jaghtik numru zghir taz-zingu. Kif idoqq nofs in-nhar kulhadd ghal ghand tal-forn , nigbru l-bukkun taghna. Marija tieghi, kienet taghmel l-istess, u tara kif tqancac minn hawn u minn hemm. It-tfal kibru, xi whud minnhom telqu lejn L-Awstralja, u ohrajn emigraw lejn l-America. Il-familja tfarrket u ftit li xejn baqghu jiktbu hlief xi kartolina ghall- habta tal-milied.

Uliedi t-tewmin, Pietru u Pawlu saru jafu lil xulxin, minghajr ma' qatt basru li huma tewmin. Pietru beda jinvolvi ruhu s-sewwa, sakemm ommu ghodwa wahda sabet dak ir-ritratt li kien tah Pawlu......

## IT-TIELET XENA: FID-DAR TAS-SUR JOHNNY.

***(Fid-dar ta Johnny waqt l-ikel. Fuq mejda...... fil-ghaxija)***

Lina: Nistqarr li s-Sur-Carm Galea vera ragel gentlom. Mort tajjeb hafna fil-play li ghamilt. Dak Paul, lanqas biss kien jaf il-linji,...kemm beda jhawwad!

Johnny: U mhux tfal huma. L-importanti li huma hadu gost, u ahna wkoll hrigna kuntenti.

Peter: Ma, li gara jiena hawwadt kollox, ghaliex haddt il-linji li suppost qal Paul imbaghad biex ma nidhirx li hawwaddt jien, Paul kompla mieghi, imbaghad thawwdu l-ohrajn. Mn'Alla kien hemm is-sur Cutajar li minn dik il-kaxxa ta' quddiem il-palk qalli x'irrid nghid!

Johnny: Ha nghidlek, hadd ma' sema xejn.

Lina: Le, tridx tmur, kullhadd sema' l-versi darbtejn!

Next time Peter, qies li tkun taf l-lines tieghek, halli ma taqax ghax-cajt.

Peter: Yes mum. I am grateful to Paul, li ghazel li jaqa ghac-cajt hu minfolk jien.

Lina: Lil dak Paul, donni nafu xi mkien. Fejn joqghod. ?

Peter: Joqghodu go dar fuq il-logog. Hekk jghid Paul. Jiena ezatt, ezatt ma' nafx, imma xi darba meta tigi ghalija , nurik. Hawn ara, ghandi ritratt tieghu, flimkien mal-mama' tieghu.

Lina: Ha nara ftit. (Kif taqbad ir-ritratt thares lejh b'sorpriza kbira) Johnny, din mhux qisa Marija, is-seftura li kellna fi zmien il-gwerra.?

Johnny: Ma nafx, nghidlek is-sew, jiena bil-kemm rajtha sitt darbiet. Jiena kont siefirt, u mbaghad meta twieled Peter, int xtaqt li ma tigix aktar. Possibli ftakart wiccha?

Lina: Kif nista ninsa lil Marija, x'kull wahda wkoll. Peter, ahjar tmur torqod ghax ghada trid tqum kmieni ghall- iskola.

Peter: Goodnight mum. (Jaghti bewsa lil ommu u lil missieru)

Johnny: Goodnight Peter.

Lina: **<u>(Hosbiena ghall-ahhar, wara li rat ir-ritratt ta Pawlu m'ommu)</u>**Il-kumpanija li qieghed jaghmilha maghhom xejn ma toghogobni. Ma smajtux x'kien qieghed jghid l-ewwel. Mela dak kliem tat-tfal.

Johnny: U ejja Lina, Peter qieghed jikber, m'ghadux xi tifel. Trid tieqaf tpoggieh go bozza. Il-lejl it-tajjeb.

**<u>(Id-dawl jitbaxxa fil-kamra ta' Lina, u Wenzu jidher f'nofs il-palk bi spot light fuqu)</u>**

Wenzu: Kulhadd jixtieq il-gid lil uliedu. Min jaf kemm il-darba tlabna li wliedna taghna jilhqu xi haga, u hallina nagamlu weghdi ghall-iskopijiet taghna. Nixghelu xemghat, u nimxu hafjin wara l-purcissjoni. Kelma bejnietna, ghandi d-dubji tieghi jekk jaghtix kaz ta' dawn l-uzanzi! Halli mmur nistaqsih ftit, imbaghad nghidilkom…….Izda qabel ma nwarrab xi ftit ghandkom tkunu

tafu li dawk iz-zmienijiet ghand is-Salesjani kienu jingabru mijiet ta'-tfal. Hafna minnhom kienu jilghabu l-ballun fil-bitha.... Mhux hdax kontra hdax, imma aktar ikunu sittin kontra sittin. Xi tqassam il-ballun. Jekk jigi f'saqajk tara kif taghmel biex ma titilqux u jkollok iddur mhux biss ma' ta' kontra tieghek, izda wkoll ma' shabek stess..... u kulhadd jghajjat,...".qassam ftit" **(Jidhaq wahdu ghax donnu qieghed jara' dik l-istampa cara quddiemu)**

## IR-RABA XENA: FIL-BITHA TA' L-ORATORJU.

**(Issa nsibu ruhna fil-bitha ta' l-Oratorju. Kemm jista' jkun hemm tfal u tinstema l-katina tal- Passa thabbat ma' l-arblu tal-hadid... u fil-boghod tinstema' l-kelma...... li kien jghid Carm Galea, " Erba........" li tfisser, biex jinzlu erba' li jkunu jduru mal-passa u jergghu jitilghu erba ohra"**

**(Fost it-tfal insibu lil Peter u Pawlu.)**

Pawlu: E ejja toqghodtx tibza. L-importanti hu li zzomm ruhek lura u bil-piz tieghek, timxi la gemba imbaghad tintelaq mar-rih. U hallik iddur...

Alfred: Meta nkunu fl-arja, imbaghad naghmlu huta...hekk ara ftit ***(Jurih kif jintelaq minn tulu....)***

Erba..... ***(Minn gewwa...jew fuq siggu fil-genb, ragel bil-lobja f'rasu_)***

Pawlu: Tlaqna... Pietru.....
Peter: O.K.

Wenzu: Il-passa kienet speci ta' bandla. Arblu ohxon tal-hadid li fuq it-tarf tieghu wiehed isib rota li maghha jintrabtu erba' ktajjen. Fit-tarf taghhom ikun hemm bicca njama li t-tfal ipoggu fuqha. U erhilhom iduru mar-rih, u jinxtehtu minn tulhom, xi kulltant jitkaxkru ma' l-art, u f'hin iehor tarahom jitilghu mas-sema...... id-dinja ddur u l-holm tat-tfulija jtir mar-rih.

Mal-kelma erba, tarahom itiru minn fuq l-injama fil-waqt li r-rota tibqa' ddur….u mbaghad mhux l-ewwel darba li……

Peter: Ajma, ajma…… ma ajma…… ghandi d-demm qsamt mohhi….

Pawlu: Kemm int salvagg. Mela int hekk titlaqa' l-katina. Ara' ftit x'ghamiltlu lil siehbi….

Peter: **(Jidher mohhu kollu demm fil-waqt li dak ix-xwejjah bil-lobja jdur bih. Tinstema l-qanpiena ddoqq u tfal jingabru ghal kwiet….)**

Wenzu: Dik kienet l-ahhar darba li Peter resaq lejn l-Oratorju. Lina u Johnny, halfu li dak ma kienx loku! Izda l-hbiberija li nibtet bejn Pawlu u Pietru kibret aktar. Kienu jiltaqghu bil-mohbi

**(Jidhlu Lina u John fl-inhawi ta' l-Oratorju….)**

Is-Sur Carm: Jiddispjacini sinjura. Imma m'ghandux affarijiet kbar. Jahasra kemm nghidilhom biex joqghodu ftit attenti meta jitilqu l-bandla.

John: Imma mhux ghal xi haga tafx, dik vera perikoluza, u ma nafx kif ma jweggghux it-tfal fuqha!

Is-Sur Carm: It-Tfal huma bhal friefet sinjur. Hfief u jtiru mas-smewwiet. Wara kollox il-Mulej u Don Bosco dejjem izommujdejhom fuqhom. Skuzawni ha jkolli nhallikom ghaliex hallejt it-tfal wahedhom, u kif ghid int, jistghu ikorru! Sahha u l-lejl it-tajjeb…

**(Iwarrab is-Sur Carm)**

Lina: John nahseb li wasal iz-zmien li Peter imur il-kullegg u jkun ta' gid ghal kulhadd jekk ikun boarder imbaghad jigi d-dar fil-weekend.

John: Dan ghall- gid tieghek Peter. Hemmhekk issir ragel u taghmel hbieb godda.

Peter: Imma jiena diga ghandi hbieb. L-ikbar habib tieghi huwa Paul. Jiena u hu qisna ahwa! B'daqshekk x'fiha? Ghalkemm huwa fqir, ma jfissirx li huwa xi delinkwent! Wara kollox missieru mejjet.

Lina: Look Peter, jiena m'ghandi xejn kontra Paul. Imma jehtieg tifhem li huwa mhux tal-klassi taghna.

Peter: So what?

John: Ha nghidlek x'naghmlu. Immorru naraw ftit il-kullegg u tara kemm hemm sabih. Malajr taghmel hbieb godda.

**(Peter jidher li qed jissupervja filwaqt li kollha johorgu mix-xena)**

**(Tidher spot light fuq il-palk u naraw lil Fr.Patrick – l-ispirtu tieghu idur fostna)**

## IL-HAMES XENA : DINJA OHRA.

Fr.Patrick: Wenzu fl-ahhar sibtek.

Wenzu: Fr.Patrick. Mela int hawn qieghed?

Fr.Patrick: Kont in-naha l-ohra, ma' hbiebi Irlandizi.. izda hassejt il-htiega li nigi nara xi hbieb antiki.

Wenzu: Kemm qed niehu gost narak Patrick. Allura ghidli ftit x'kien sar minnek?

Patrick: Ghamilt hafna snin f'ST.Patricks. Imbaghad mort lura l-Irlanda. Smajt li kellek hafna tfal.

Wenzu: Imbaghad fl-ahhar ghamilt is-siggill billi kelli tewmien!

Patrick: Qed i nzomm ghajnejja fuq Peter. Hawnhekk iz-zmien qatt ma jaghddi, izda fl-art donnu qieghed igerbeb ukoll.

Wenzu: Sewwa qed tghid. Issa Peter u Paul kibru, saru zghazagh.

Patrick: Nghidlek is-sew, nixtieq b'xi mod nghidilhom li huma ahwa.

Wenzu: Din il-kelma , "destin" dejjem hawwditni. Hdejn il-kobor li hawn madwarna ma nistax nasal biex nifhem, anki issa li ninsabu f'dan l-istat.

**(Jidhru Peter u Paul. Issa kibru u ghandhom madwar 18 il-sena.)**

Patrick: Peter kompla jistudja u dahal fin-negozju ma' missieru.

Wenzu: Hares ftit lejn Paul. Il-vizzju li kellu meta kien zghir baqa' bih. **(Inaddaf imniehru! U jfaqqa' subghajh!)**

Patrick: Il-bniedem jinbidel kemm il-darba jkun irrid. Ghadhom jaghmlu l-istess mossi ta' meta kienu ghadhom tfal. Hares ftit.

**(Naraw lil Peter u Paul ihabbtu l-ponn flimkien, jaghtu daqtejn fuq il-pala ta' l-id, biex b'hekk wiehed jaghti l-impressjoni li ghadhom l-istess karattri, ghalkemm, naturalment, issa kibru)**

Peter: Inti f' xhin qalulek li gejjin?

Paul: Fis-sebgha, kellhom ikunu hawn. Jekk ma ftehemux li niltaqghu Ghar id-Dud!

Peter: Imma kif bqajt l-istess Paul. Lanqas messagg semplici m'i nt kapaci twassal!

Paul: Ghax jiena ma mortx il-College hej. Allura b'daqshekk. Imma int mintiex kapaci tibni vapuri kif naghmel jien

Peter: Rajtekx. It-tarzna fuqek qeghda zzomm.

Paul: Isma, kemm hi helwa Anna. Ha nghidilha tibda tohrog mieghi.

Peter: Isma meta tiga ghidilha biex naghmlu "Date" nhar is-sibt.

Paul: Mela int hekk jew? L-ewwel kellek tistaqsi lili, imbaghad jiena nghidlek jekk tohrogx ma' Anna

Peter: U go to hell, minn jisimek wkoll!

***(Jidhlu erba tfajliet. Tlieta minnhom jidhru jduru ma Peter, filwaqt li Anna tmur biex tkellem lil Paul)***

Anna: Ahna morna Ghar id-dud, u minhabba l-fatt li ma kien hemm hadd, ghedt, zgur li rega hawwad xi wahda Paul.

Paul: Imma jiena m'ghedlekx biex niltaqghu quddiem St.Patricks?

Anna: Jista jkun, imma jiena min ghalija ghedtli li niltaqghu quddiem tal-gelati, f'Ghar id-dud.

Peter: Insomma, issa hawn qeghdin. X' ha naghmlu?

Marthese: Ejjew nidhlu ftit il-club taghkom.

Paul: Le ma tistghux. Hemmhekk i rgiel biss.

Marthese: Kemm ghadkom lura.

Peter: Imma x'aktarx l-affarijiet jinbidlu. Hemm qassis modern, imma minn dak li smajt, mhux kulhadd qieghed jaqbel.

Anna: Imma nghid jien x' fiha li jiltaqghu flimkien tfajliet u guvintur. Mhux sejrin nibilghu lil xulxin.

Paul: X'ha naghmlu. Tlaqna d-dawra tal-bahar.

Peter: Tridux immorru naraw film.

Marthese: Mhux ideja hazina. Tlaqna. Issa jhallas Peter. Dak tat-tajjeb.

Peter: E bilhaqq..... sejrin narmaw karru tal-karnival? Ejjew ftit, niggarantilkom li niehdu gost. Ahna wara kollox mhux biex nirbhu xi konkors. L-importanti hu li nkunu flimkien.

Paul: Peter, mela ma tafx kemm jigi jqum karru tal-karnival?

| | |
|---|---|
| Peter: | U ejja Paul, tkunx tifel issa. Jekk Anna ghandha grazzja mieghi, x'nista naghmel jien?. |
| Paul: | Missek ma tajtiex wicc. Bhal dak li qallu mhux kullhadd rak Tiffitaha qisek mekkuk, qbadt maghha u ma rridtx titlaqa. |
| Peter: | Qed tigdeb. Hi qabdet mieghi. |
| Paul: | Lanqas qatt ma kont nobsor li sejjer tasal biex taqlibieli. Ma kontx taf li Anna qeghda tohrog mieghi.? Jiena bniedem fqir u ma niflahx inhallas ic- crieket bil-fosos, kif taghmel int, imma qalbi kapaci naghtieha b'kull ma tiflah. Ghax missierek , inzerta tat-tajjeb, min ghalik tkun tista taghmel li trid?. |
| Peter: | X"ghandu x'jaqsam missieri Paul. Qed titkellem bhat-tfal. Mela nsejt kemm kont naghtik flus meta konna tfal. |
| Paul: | U aqtaghha ghax tqallali l-istonku kif titkellem. Kieku ma kontx jien ghalik, kont dejjem tkun ma' djul ommok. |
| Peter: | Daqs kemm hemm tfajliet fil-grupp taghna, bilfors trid taqbad ma' Anna.? |
| Paul: | Kemm int wiccek tost. Mela jiena ma nistax nghidlek l-istess haga.? Jiena lil Anna ili naf minn mindu kienet zghira. Meta int kont maqful fil-kullegg. Imbaghad gie l-artist hej! minghalik li bil-flus li ghandek ha tixtri lil kulhadd.... |
| Peter: | Haqq il-flus li jeziztu. Billi tahsbu li jien sinjur, tahseb li kont ferhan t-tfuliti. Ghadni niftakar meta kont nigi ghandek meta kont tifel, kemm kont niehu gost. Kont inhossni qieghed ghand ommi. Meta nara lil ommok ghadni sal-lum inhoss gibda specjali. Ghaliex qed titkellem b'dan il-mod? |

**(Tidhol Anna izda tibqa fuq wara minghajr ma jindunaw biha)**

| | |
|---|---|
| Paul: | Kull ma kelli f'hajti kollox tar mar-rih. Mela nsejt meta kont tigi d-dar, kemm kienet iddur bik ommi?. Kont inhossha li |

qeghda twarrab lili. Taf li darba kellha l-wicc li lilek taghtik bicca cikkulata u jiena bqajt b'xejn…….

Peter: ***(Biex jaghddi z-zmien bih)*** Iva hawn ha,….. mur ixtri bicca cikkulata…..

Paul: Kemm inti kiesah **(Jaqbdu minn sidru u fil-pront tidhol Anna)**

Anna: Paul, ieqaf,…ieqaf nitolbok,….tweggawx aktar lil xulin.

Paul: Kollox sew….trid tohrog ma' Peter?…kollox sew…mur. Mur dak ghandu l-flus. Dak negozjant u jiena tat-tarzna, bicca haddiem. Hawn ha, hudu l-arlogg li tajtni. Zommu ….ftakar fil-hin li qatajna flimkien meta konna zghar, sakemm rega' tfacca dan l-iblah…..

Peter: Iblah missierek (Jaghtih daqqa ta' Ponn)….

Anna: Paul le….Paul le….. ma riedx jaghtik daqqa ta' ponn…

Paul: Sejjer sejjer Pet. Biss ara qatt tghid li xi darba konna hbieb, jien u int. Mur ghand boxxla xjaten. U int, gustuza j'Alla ssib dik il-kuntentizza li tixtieq. Lili nsini, jiena ghalik ma neziztix. Mhux lili trid, mur mieghu, mur u lili hallini wahdi,….mur

Peter: Ejja Anna, hallieh dan l-imdejjaq…

Paul: Ma natikx erba' daqqiet ta' ponn u nhallik hemm, b'rispett Ta' Anna u tat-tarbija li qed iggorr……

Peter: U tivvintax ja mignun….

Paul: Staqsiha…..ghidlu Anna ghidlu…… l-artist

Peter: Wara kollox it-tarbija hija tieghi….Ghidlu Anna….

Anna: Ma nafx, ma nafx……kont fis-sakra u ma kontx naf x'qed naghmel….ma nafx…… lghabt man-nar, iva. Imma issa x'ha naghmel? Ghiduli ftit….x'ha naghmel….?

Paul: Min ghalija ghandi xi mara mieghi. Ja mahmuga li int. Kont fis-sakra hej…..

Peter: Ejja Anna, ejja mmorru. Issa naraw n'nistghu naghamlu….u lilna int tkellimniex aktar. Lilna ma tafniex.

Paul: **(Filwaqt li jibki b'mod pjjutost iddisprat, Anna u Peter johorgu)**

Wenzu: Pietru telaq ghal rihu u mexa skond kif deherlu hu. Ix-xitan malajr jikxiflek ghawwarek, ghaliex kull darba li wiehed jipprova jistkenn taht gwenhajh jaghalaqhom, jitilqek ghal riehek u fuq kollox idoqq it-trumbetti bik.

Dolor: Kien hawn fostna dak iz-zmien ir-rih tal-bidla. Bla razan ta' xejn, bla riedni. Ghadda rih hazin minn fuq Pawlu, u halef filwaqt li ghajnejh faru bid-dmugh. Halef li lil siehbu Pietru ma jkellmux aktar. Dik il-halfa li hadu fi tfulithom taret mar-rih.

Wenzu: Peter stqarr ma' missieru x'kien gara, u sabiex kollox ikun emistur minn ghajnejn is-socjeta, Lina hadet hsieb biex torganizza zwieg bejniethom.

Rita Pron Left Matthew for wedding static

## IS-SEBA XENA: IT-TIEG U L-AHBAR KERHA!

**(Hawnhekk naraw waqt il-festin tat-tieg ta' Peter u Anna fuq naha tal-palk u fuq in-naha l-ohra, jidhru Paul ma' ommu.**

Marija: Paul, jiena ma nistax nifhem kif waqajt hekk fis-skiet. Hadd ma jista jkellmek. Imma ghidli ftit. X'inqala?. Iftah qalbek mieghi. Jiena ommok, u nara kif nista nghinek mill- ahjar li nista.

Paul: Ma, mela ha nghidlek. Inti taf kemm konna hbieb jiena u Peter. Jiena kelli grazzja ma' Anna, u minghajr ma lanqas kont naf, Anna bdiet tohrog ma' Peter bil-mohbi tieghi. Jiena kelli xi nghid mieghu u hlift li ma nkellmux aktar.

Marija: Imma ibni daqs kemm kontu hbieb. Kontu qiskom ahwa.

**(Tigdem ideja ghax qalet kelma zejda!)** Ha nilbes u mmur s'ghand is-sinjura Lina u nara kif nista nghaddi kelma ghall- gid.

Paul: U fejn trid tmur ma. Peter illum izzewweg lil Anna.

***(Blackout....spot fuq Anna u Peter jizfnu flimkien waqt il-festin....izda wara ftit Peter jidher ihossu hazin)***

John: X'gara Peter, poggi bil-qeghda. Habat tajjeb li fost il-mistednin hawn it-tabib..... Dot ejja ftit, jekk joghgbok. Ejjew nidhlu fl-istudju.

**(Filwaqt li Anna, Peter, John u n-nanniet li kienu mistiedna ghat-tieg jidhlu fil-istudju, Lina tkompli man-nies u sselmilhom. Fl-istess hin it-tabib qieed jinvista lil Peter fl-istudju.)**

Tabib: Ghamluli pjacir, ghandi l-borsa fil-karrozza. Jimporta tnewluhieli ftit?.

***(Johrog in-nannu u jmur igib il-borsa)***

John: Tahseb li hemm xi haga serja Dot?

Tabib: Issa naraw, il-polz baxx hafna. Jista jkun ukoll minhabba l -ecitament tat-tieg. Ghidli ftit Peter, x'qed thoss?

Peter: Dan l-ahhar qed ihossni bla sahha. Qisni bicca carruta tal-platti! Mhux hekk jghidu?

Tabib: Jiena tal-parir li ghall- lum tmorru tistriehu imbaghad, ghada niltaqghu l-isptar u naghmlu xi testijiet bir-reqqa. Imma toqghodux tallarmaw ruhkom.

**(Sa dan it-tant il-mistednin hargu kollu u Lina tidhol fil-istudju)**

Lina: Minn dejjem ihobb jitfissed Peter. Imma issa ghandu lil Anna biex iddur bih. Mhux hekk my dear

Peter: Ma, kemm nixtieq li qieghed nirrcta!

Anna: Fil-fatt ilu jghidli li mhux qieghed ihossu f'sietu. Peter hallik mill- honeymoon. Ghada mmorru l-isptar imbaghad niehdu btala aktar tard.

**<u>Blackout. Gimgha wara.</u>**

John : Ghandi ahbar xejn m' hi sabiha. Peter ghandu forma ta' Lukemja.

N-Nanna: X'jigifieri John. Tkellem car, ahna m'ahniex tobba.

John: Il-Professur qalli li ghandu marda fid-demm u ghalhekk qieghed ihossu daqshekk debboli. Jinhtieg li kull xi zmien wiehed jaghtih demm gdid. Qalli wkoll li dan l-ahhar qeghdin jaghamlu xi esperimenti godda li x'aktarx wiehed jista jfieq minnha.

Lina: X'esperimenti huma dawn?

John: Jahsbu li jekk ikun hemm xi hadd tal-familja, ~~li lest li jaghmel dak li qeghdin isejhulu , Tranplant tal-mudullun~~, hemm tama kbira li jerga jaghti l-hajja lic—celluli tad-demm…..

Nannu: Nahseb li miraklu biss jista jkun biex Peter ifieq min dak li ghandu.

Lina: Xi trid tghid biha xi hadd tal-familja? Jiena lesta li naghmel minn kollox biex narah jiehu r-ruh.

John: Id-demm u l-mudullun iridu jkunu ta' l-istess tip. Hafna drabi l-omm tkun taqbel…… Ghada Lina, mmorru jiena u int u naraw x'jista jsir. ***<u>(Lina mhssba ghaliex hi biss taf li mhux ommu vera)</u>***

## <u>IT-TMIEN XENA: LURA GHAND MARIJA</u>

**<u>Black Out. Lura ghand Marija.</u>**

Marija: Kemm qed niehu gost Rita ***(It-tifla li kienet soru)*** li gejt tarana ftit.

Rita: Ma, Paul dan l-ahhar xejn ma qieghed joghgobni. Inqafel fih innifsu u donnu ma jrid ikellem lil hadd.

Marija: Pawlu ghandu qalbu daqs gungliena. Malajr jiddispjacih. Mindu kellu xi jghid mal-habib tieghu Peter, ma ried ikellem lil hadd. Imbaghad meta Peter izzewweg lil Anna hass qalbu tinghafas u ddispjacih hafna. Sal-lum ghadhom ma jitkellmux.

Rita: Mhux sew qieghed jaghmel f'qalbu. Issa li hemm hemm. Id-dinja tibqa ddur. Nista nifhem kif harget qalbu maghha meta sar jaf li Anna ghazlet lil Peter. Imma jekk jibqa sejjer hekk malajr taqbdu xi marda u jinbaram.

Marija: Hemm arah….dejjem maqful fil-kamra tieghu u ma jkun irid ikellem lil hadd…

Rita: ha mmur inkellmu ftit…..

**(Wara ftit ihabbat il-bieb u jidhru John u Lina qabel jaqsmu l-palk)**

**…..hawnhekk Lina tigi biex titlob bil-hniena lil Marija biex huh Pawlu jkun hu li jaqsam mieghu l-operazjoni…. Anna li tidher tqila, tibqa barra.**

John: Anna, isma minni , ahjar tibqa hawn ghal issa. Stenna ftit hemm.

Nahseb li mhux ser tiehu fit-tul…

Marija: **(tmur tiftah il-bieb)** Is-sinjura Lina. Ara x'qala' l-bahar! Ghaddi sinjura. Kif inti, sur Johnny.?

Lina: Marija, ahna gejna ghandek ghax ghandna bzonn pjacir kbir hafna.

Marija: Pjacir minn ghandi! X'kull wahda wkoll! Bil-qalb kollha, jekk kemm il-darba nkun nista naqdikom.

John: Qabel xejn, Marija, jiena f'isem marti nitlob mahfra ghall-agir taghna.

Marija: Emmini, qed inhossni mbarrazata hafna. Ghaliex, qeghda tibki sinjura Lina?

John: Nixtieq nghidlek li Lina qaltli kollox, u ghalhekk dak li sejrin nghidulek, jekk joghgbok, nitolbok bil-hniena biex tkun kawta kemm jista jkun.

Lina: Marija, inti taf kemm minn dejjem xtaqna li ahna jkollna l-ulied. Izda, qatt ma kien m'n'Alla. Meta inti kont……, jiena naf,….. kontra qalbek, ghaddejt lil Peter lilna, ma stajna qatt inkunu aktar ferhana minn hekk.
Lil Peter habbejnieh bhal li kieku kien taghna. Ghamilna minn kollox ghalih, u llum huwa parti mill-familja taghna. Ghandu sezzjoni tan-negozju f'idejh.
Inti taf li Anna, il-mara tieghu qeghda tistenna tarbija, nahseb li sejra titwieled qabel iz-zmien….

John: …….. issa jew sejrin nitkellmu b'qalbna miftuha jew inkella…

Lina: Sew qieghed tghid John. Anna harget tqela qabel iz-zwieg imma, sa fejn naf jien, jidher li jhobbu lil xulxin, u j'Alla l-frott ta' din l-imhabba tghaqqadhom aktar flimkien….

Marija: Ghadni kif lestejt ftit te, naghmlilkom kikkra? (Sinjal b'rashom..iva) La darba qeghdin tifthu qalbkom mieghi, huwa xieraq li daqstant naghmel jien. Pawlu tieghi jidher li kien tefa' ghajnejh fuq Anna wkoll, u milli jidher kisruha bl-ikrah bejniethom.

Lina: Kemm kienu hbieb…. Jghidu li kienu jinhabbu bhal li kieku kienu ahwa. Mur ghidilhom!

Marija: Pawlu qieghed fil-kamra tieghu. Hemm ohtu s-soru qed tipprova tghidlu kelma ghal- gid. Ghandi nifhem li lil Peter qatt ma tkellimtu mieghu fuq dan is-sigriet li ghandha bejnietna.

John: Le, u propju ghalhekk gejna llum…

Marija: Imma ahna hlifna li qatt m' ghandhom isiru jafu b'dak li ghamilna ahna...

Lina: Hallini nispjega r-raguni tal-mawra taghna. Peter, ghandu marda serja, u jekk ma jsir xejn, jista jmut....

Marija: Madonna tal-hniena! Peter tieghi?

John: Iva, Peter ,....taghna!

Marija: Imma x'ghandu, x'wahda din?

Lina: Kont ili ghal xi zmien narah sejjer lura. Dejjem kien jghidli li jhossu bla sahha....

John: Jiena kont nghidlu li qed jahdem hafna, ghaliex vera jmidd idejh ghal kollox

Marija: Mela mhux bhal Pawlu, ghaliex, minn daqshekk ma tantx ihabbrek.

Lina: Dik in-nahar tat-tieg, ghamilna festin zghir, bejn il-hbieb tal-qalb u xi membri tal-familja taghna..... meta mbaghad f'daqqa wahda, hassu hazin u donnu ntilef minn sensieh ghal ftit mumenti. (Tibki...ma tiflahx tkompli...)

John: Habat tajjeb li kien hemm it-tabib tal-familja li hu habib tal-qalb. Ghall- -ewwel ma seta jsib l-ebda raguni, u ghamel suggeriment li ahjar jasal wasla sa l-isptar u jsiru l-ezamijiet mehtiega...

Lina: Fi ftit kliem, sabu li Peter ghandu, dak li qaluli, cancer fid-demm. Inti taf, Marija, ahna ma nifhmux. Staqsejna x'jista jsir u fil-fatt, wara li Anton, it-tabib taghna, ghamel xi stharrig, sab li hemm forma ta' kura barra minn Malta. John lest li jonfoq gidu kollu, basta jarah imfejjaq.

Marija: Imma, jiena m'inhiex nifhem. Ghalfejn gejtu ghandi?

John: Dan jinhtieg li ssir operazzjoni serja hafna. Milli qalli t-tabib, hemm speci ta' kura, li ghalkemm qeghda fil-bidu, kien hemm xi kazijiet li, bl-ghajnuna t'Alla, min kellu din it-tip ta' marda, fieq.

Marija: Ghidli sur Johnny, xi jrid jsir?

Lina: Jiena haddt interres kbir u komplejt nistaqsi fuq din il-kura. Ara, Marija,. kif qallek John, Peter ghandu marda fid-demm u ghalhekk jehtieg li ssir forma ta' trattament lid-demm tieghu. Sejrin jaghamlu tip ta' raggi biex joqtlu dak, li nistghu nghidulu, mikrobu, izda l-problema hija, li fl-istess hin, jinqatlu wkoll dawk, li jghidulhom, celluli tajbin.

Marija: Skuzi ftit, imma jiena x'nista naghmel, inthom tafu li flus m'ghandix.

John: L-imhabba qatt ma tinxtara bil-flus Marija....

Lina: L-intervent li qieghed jigi ssuggerit huwa.... Anzi ha nipprova nispjega ~~ftit iehor~~.... Ara Marija, dawn ic-celluli, hares ftit fuq il-mejda (Ihares lejn iz-zokkor li jkun ghadu kif waqa') . Qed tarah dan iz-zokkor? Immagina ftit li dan il-frak huma kollha celluli. Qaluli, li l-mudullun taghna jkabbar dawn ic-celluli. Minhabba l-fatt li waqt ir-raggi, dawn ic-celluli jistghu imutu, jinhtieg li jinghata mudullun ta' hadd iehor...

Marija: Jiena jahasra, lesta li naghtih ghajnejja t-tnejn. Dak xorta wahda nqisu bhal ibni... mhux hekk,.... Mhux ibni baqa....

John: Ismaghni ftit Marija. Qaluli, li sabiex din l-operazzjoni tirnexxi ma jistax ikun aqwa milli huh it-tewmi jaghtih ftit mill-mudullun tieghu.

Marija: Imma kif sejra nghidlu lil Pawlu dan kollu? Isir jaf li Peter huwa huh it-tewmi. (Wenzu jkun fosthom, fil-genb minghajr ma jghid kelma)

Lina: Jekk hemm bzonn, jiena lesta li nistqarr kollox ma' Pawlu. Niehu t-tort kollu jiena.....

Marija: Kelma tghid, tiehu t-tort int. U jiena x'naghmel meta Pawlu jsir jaf li jiena giddieba. Ghid lil kullhadd li |Peter miet matul il-lejl u difnuh minghajr hadd ma mar ghall-funeral tieghu.... Kelma tghid.... Madonna tal-hniena, x'wahda dhalt fija.

Lina: Nista' nkellmu lil Pawlu?

Marija: Pawlu mhux qieghed f'qaghda li jirraguna. Ghandu dwejjaq kbar u bil-kemm qieghed ikellem lil add...

John: Nitolbok Marija, hallina nkellmuh. Tista tajjatlu?

***(Sa dan it-tant jidhru fil-bieb Rita u Pawlu)***

Rita: Ma, Pawlu jixtieq ikellmek ftit. Jiena ghamilt il-bicca tieghi, u issa sar il-hin. Sour Theresa qeghda ghand ommha li toqghod vicin. Sejrin il-kunvent flimkien, ghaliex m'ghandkomx ideja kemm hi fitta l-Madre. (Bit-tbissima) Tibza li sejrin ihebbu ghalina.....!!!

Marija: Rita, nitolbok li tibqa ftit maghna.....importanti hafna ghalija.

Lina: Ghandi pjacir Rita. Jiena Lina u John huwa r-ragel tieghi.

Rita; Is-sinjura Lina ta' Ta'Xbiex? Mhux fejn kont tmur taghmel xi xoghol meta konna zghar?

Lina: Iva Rita..... minn dak iz-zmien ilha gejja din l-istorja taghna...

John: Pawlu.... Tiftakar meta ltaqaajna l-ewwel darba flimkien. Peter kellu forsi ghaxra , tnax il-sena. Ma niftakarx bl-ezatt. Kif jghaddi z-zmien. Ili ma narak... kif inti?

Pawlu: Jiena u Rita tkellimna fit-tul. Intom tafu li jien u Peter ksirniha bil-kbir. Hassejtha wisq. Kif jghidu, daqqa ta' stallet f'qalbi. Intom tafu xi tfisser l-imhabba. Minn daqs dawk tfajliet, Peter kellu jitfa ghajnejh fuq it-tfajla tieghi. Jiena bniedem fqir. Ma nistax inhallas ir-rigali li kien jaghtiha Peter. Mill-paga li kelli kont qieghed inwarrab xi haga, biex inhallas rigal ghal-post li kont diga mort nara. Kif warrabt hames mitt lira, kont sejjer

naghteha sorpriza lil Anna. Dak in-nahar tal-karnival kullhadd xorob, kullhadd fis-sakra. Nistqarr li forsi zbaljajna…. Bluha taz-zoghzija…

Lina: Pawlu, gejna nitolbok mahfra>

Pawlu: Mahfra ta' x'hiex sinjura?

Lina: Min jaf kemm il-darba lil Peter ghedtlu biex ma jaghmiliex mieghek. Kont nghidlu li int mhux tal-qatgha tieghu…

Pawlu: Imma ahna xorta konna hbieb tafx.

John: Tiftakru dan ir-ritratt Pawlu?

Pawlu: Dazgur li niftakru…

~~Marija: Dak kif qieghed ghandek?~~

John: Pawlu kien tah lil Peter meta kienu zghar. Qallu li ghandu ritratt tieghu izda kien ma' ommu.

Lina: U Peter, niftakar qisu l-bierah, qabel ma mar jorqod, kien qalli, "ara Ma,dan hu l-habib tal-qalb tieghi… my best friend… Paul…malajr bidilha…Pawlu qalli. Niftakru jghid kemm ghandu Mama helwa….

Pawlu: Jghaddi z-zmien. Illum ahna rgiel, u smajt, li Peter dalwaqt isir Papa. Kemm xtaqt li kont minn floku. Ghalkemm illum, m'ghadniex nitkellmu, nixtieq li xi darba nerga' niltaqa 'mieghu.

Lina: Paul….. ghandek tkun taf li Peter qieghed imut!

Marija: Paul, ~~ghax ghandek tkun taf~~ li Peter huwa……***(tkun sejra tistqarr kollox)….***

John: ~~Paul, ghandek tkun~~ taf. li Peter talabna biex nigu hawn ghaliex jixtieq ikellmek.

| | |
|---|---|
| Pawlu: | Fejn qieghed, ejja mmorru.... |
| Lina: | Ma tistax tarah. Peter qieghed jiehu l-kura barra minn Malta... |
| John: | .....u ghandu bzonn l-ghajnuna tieghek... |

***(Tfaqqa sajjetta u tibda niezla x-xita.....)***

| | |
|---|---|
| Lina: | Marija.....barra hemm Anna, tlabtha biex tistenna barra. |
| Marija: | Ghid li hi tqila.... Rita mur ghidilha tidhol.... |
| Rita: | Halli mmur nara fejn qeghda.... |
| Pawlu: | Imma jiena m'ghandiex flus biex insiefer u mmur narah... |
| John: | Thabbilx rasek Pawl. Inhallas kollox jien,...izda jekk vera thobb lil Peter, ghandu bzonn pjacir kbir minn ghandek... |
| Pawlu: | Ghidli sur Johnny... (Tidhol Anna, b'xaghra mxarrab) |
| Anna: | Paul, I am sorry..... (Iharsu lejn xulxin, u minghajr ma jafu kif jitghannqu...b'rispett ta'l-imhabba ta' l-imghoddi.) |
| Pawlu: | Ili ma narak. Kif int. Hawn dalwaqt issir mama'. Nifrahlek. |
| Anna: | Paul, bhal issa emmini lanqas naf fejn ninsab. Ghada sejra hdejn Peter biex naghmillu ftit kuragg. Nitlob kulljum li kollox jaghddi b'wicc il-gid. Hekk il-hajja Paul. Forsi li kieku jiena bqajt nohrog mieghek, ma kien jigri xejn minn dan...... imma t-toroq t'Alla ma jafhom hadd. |
| Rita: | Anna, t-toroq t'Alla huma kollha ward.... Xi kull tant niltaqghu ma' xi xewk, imma fil-pjan tieghu hemm kollox imfassal. Kif ta, jiena niltaqa' ma' hafna ghawc fejn nghix. Trabi li jitilquhom wara l-bieb, minghajr hadd qatt ma jsir jaf min hi ommhom, trabi msawwta, lanqas biss ghandkom ideja. Ghallinqass it-tarbija li int dalwaqt iggib fid-dinja, sejra ssib imhabba u paci..... |

Anna: Grazzi Rita. Ghedtulu ghalfejn gejna hawn?

John: Pawl, kont bdejt biex nghidlek. Wara kollox ma nafx kemm hu minnu, imma kif qalet ohtok Rita, nhallu f'idejh….

Pawlu: X'nista naghmel jien? Ghiduli, wara kollox Peter, kien l-aqwa habib li kelli…. Mhux hekk sinjura Lina…. My best friend?

Lina: Inti taf li Peter u int twelidtu fl-istess gurnata. Fid-29 ta Gunju, fl-imnarja?. Peter ghandu bzonn lil xi hadd li jaghtih ftit tad-demm…..u forsi ,….. (**bit-tlaqliq ghaliex jaf li mhux minnu),** peress li twelidtu taht l-istess stilla, huwa possibli li d-demm ikun jaqbel…..

John: Marija, jekk Paul lest li jsiefer maghna, nitolbok, ejja inti wkoll. Issa t-tfal kollha kibru u m'ghandek lil hadd mieghek. Nitolbok ejja maghna

Rita: Mur ma…. Inti taf kemm kien ihobbok Peter. Jiena kont dejjem nahseb li huwa hija. Dejjem jiccajta…..

Lina: Ghadek tkanta Rita…kont niehu gost nisimek il-knisja…

Rita: Il-kunvent ma tantx inkanta hlief il-vespri! Imma meta nigi ghand ommi, niftahlu r-rediffusion… hekk ara….

**(Kif tgholli r-rediffusion.. tinstema l-kanzunetta Seasons in the sun, u Rita tkanta maghha….Tinghaqad maghha Dolor u Marija,. filwaqt li d-dawl u l-muzika titbaxxa bilmod, u tinxtghel spot fuq Wenzu li 'issa hareg mill-kamra u resaq lejn in-naha l-ohra biex jiltaqa' ma' Patrick……Filwaqt li fin-nofs tal-palk jidhru zewg imwejjed li fuqhom sejrin jaghmlu l-operazjoni Peter u Paul)**

Seasons in the sun.

Goodbye to you my trusted friend
We've known each other since we were nine or ten
Together we climbed hills and trees
Learned of love and ABC
Skimmed our hearts and skimmed our knees

Goodbye my friend its hard to die
When all the birds are singing in the skies,
Now that spring is in the air,
Pretty girls are everywhere,
Think of me and I'll be there.

We had joy we had fun
We had seasons in the sun
But the hills that we climbed
Were just seasons out of time.

Goodbye papa please pray for me,
I was the black sheep of the family
You tired to teach me right from wrong
Too much wine and too much songs
Wondered how I get along.

Goodbye papa its hard to die
When all the birds are singing in the sky
Now that spring is in the air
Little children everywhere
When you see me I'll be there

We had joy we had fun
We had seasons in the sun
But the wine and the songs
Like the seasons have all gone

Goodbye susan my little one
You gave me love and helped me find the sun
When the times I was down
You will always come around
And my feet fall back on the ground

Goodbye susan its hard to die
When that spring is in the air
Pretty flowers everywhere
I wish that we could both be there

We had joy we had fun
We had seasons in the sun
But the stars we could reach
Were just shellfish on the beech

We had joy we had fun
We had seasons in the sun
But the wine and the songs
Like the seaons have all gone

All our lives we had fun
We seasons in the sun
But the hills that we climbed
Were just seasons out of time…….

**Waqt li tinstema dawn il-versi…. Ghal-ewwel kulhadd jipprova jkanta maghhom, imbaghad ix-xena tinbidel fl-isptar gewwa Londra.**

Peter & Paul enter from right via switch

## ID-DISA XENA: L-ISPTAR F'LONDRA.

Nurse Ingliza: Hello Paul, jiena nurse Josette Chapmam, Jiena Maltija izda mizzewga hawnhekk, fl-Ingilterra.

Paul: Ghandi pjacir nurse. Ghallinqas inti Maltija bhali, ghaliex nghidlek is-sew, bzajt li jkellmuni bl-Ingliz u ma nifhimhomx.

Nurse Ingliza: Thabbilx rasek Paul. Jiena ha nidhol maghkom u jekk kemm il-darba jkollok bzonn xi haga, ghemizni wahda! Hekk ara!…..tajjeb?

Peter: Josette tassew minn taghna. Miskina m'ghandekx idea kemm daret bija.

Nurse Ingliza: Sewwa jghidu li d-dinja zghira. Diga ghidt lil Peter. Taf xejn li jiena u omm Peter konna l-iskola flimkien Malta. Ommok kienet tassew imqarba tafx! Is-sorijiet, hadd ma kien ilahhaq maghha.

Paul: Skuzi nurse, imma jiena nghidlek is-sew m'ghandekx idea kemm nibza. Tista tghidli ftit x'ha naghmlu?

Nurse Ingliza: Ara Paul, l-ewwel haga, m'ghandekx ghalfejn toqghod thabbel rasek. Dan huwa ntervent zghir, speci ta' operazzjoni…

Paul: Iva, dak nafu imma….

Nurse Ingliza: Inti taf li Peter ghandu ftit demm fjakk. Peress li d-demm tieghek, sirna nafu li jaqbel ma tieghu, sejrin naghmlu operazzjoni zghira biex bil-hila tieghek, Peter, jekk Alla jrid, jerga jiehu l-qawwa, jiehu sahhtu mill-gdid. Tajjeb? Barra minn hekk, sejrin niehdu ftit mill-mudullun tieghek, biex tifhimni ahjar, dik s-sustanza li nsibu fl-ghadam li tghati l-hajja lic-celluli li wiehed isib fid-demm.

Paul: **(Jgholi ghajnejh ghaliex xorta wahda ma fehem xejn!)** Kollox sew!

Peter: Paul, thanks a lot. Ma nafx kif qatt nista nhallsek lura.

Paul: U ejja Peter, mela ahna hbieb ta xejn. Imma 'isma, meta titwieled it-tarbija, jekk ikun tifel, taf x'imissek issemmieh? Pierre Paolo, xi tghid ghal Peter u Paul.

Peter: O.K. Wara l-operazzjoni, nghidilha lil Anna.

Nurse Ingliza: Kemm qed niehu gost narakom daqshekk 'in good spirit'.

**(Peter u Paul jkunu t-tnejn libsin l-abjad, lesti ghall-operazjoni.)**

Nurse Ingliza: Paul, naf li nti qed tibza. Sabiex verament ma thoss xejn issa jghatukom ftit tal-loppju u torqdu. Wara ftit, tqumu u tistghu tkomplu tirrakuntaw il-grajjiet ta' tfulitkom . Come lets go, and God be with you…..

Go in ~~of~~ behind paravento

Kitt. front right

Wenzu: Kif Pawlu ltaqa' ma' Pietru, ftakru fi tfulithom u l-praspar li kienu jaghmlu. Hadu b'idjn xulxin u stqarru…. Li hbieb konna u mija nibqghu!

Front center stage

Dolor: Illum il-medicina kibret izda f'dawk iz-zmenijiet l-intervent kien meqjus bhala wiehed difficli. Kullhadd kien hemm. Lina u Johnny, Anna u Marija. Kemm xtaqet tghannqu maghha lil binha Peter, ghaliex kien jidher ma jiflahx sewwa. Kien bajdani u jidher bla sahha. Fil-waqt li Pawlu kien jidher lest ghal dak kollu li jkun hemm bzonn. Missierhom, Wenzu, ghalkemm kien jaf bid-destin taghhom, ma felahx. Ried ikun hdejhom, fil-qrib, sabiex ikun jista jaqbdilhom idejhom, u ……..

**(Tinstema L-muzika "Sorrow mis-sound track Gladiator" filwaqt li jkun ghaddej l-intervent. Jidhru Peter u Paul bil-libsa bajda…. Jitghannqu. Peter jghaddi l-kartiera li kienu taw lil xulxin meta kienu zghar, u li fiha jkun hemm xi santi li t-tnejn ibusu b'qima u talb sabiex l-intervent jirnexxi. Qabel ma jpoggu fuq il-mejda ta'l-operazzjoni, jghannqu lil Marija, u Lina…… John izomm ftit lura, u Anna mitlufa! Marija, donnha ma tkunx trid thalli lil Peter, u John bilmod jifridhom. It-tnejn iroddu s-salib u jpoggu. In-nurses mad dawra… jingibed paraventu…. U minflok Peter u Paul, ikun hemm tnejn ohra li joqghodu fuq il-mejda, bil-maktur abjad ma rashom.)**

Patrick: It-toroq t'Alla kollha mistura. Il-bniedem jipproponi u Alla…. Bil-flus taghmel triq fil-bahar. …. Izda….

**(Minn wara l-paraventu….)**

Tabib: My good Lord…. What is happening?e….We've lost them. Nurse please …anaestethist…watch the ……
One two, three…… one two three…… both of them come on…. Don't panic…… one two three……. **(Jaqa l-Paraventu u jidhru jippruvaw minn kollox sabiex isalvawhom! ) (Kemm jista jkun isir b'mod mediku realistiku!) Sa dan it-tant, l-ispirti ta' Peter u Paul jidhru flimkien ma' Wenzu, li jaqbdilhom idejhom u jehodhom bilmod fuq it-tarag li jkun hemm fil-fond sakemm ma jidhrux aktar…… It-tabib idur fuq il-genituri u b'sinjal jaghrrafhom li Peter u Paul m''ghadhomx maghna.**

**Marija b'ghajta kbira bhal ta' omm li ghada kif tilfet, mhux wiehed minn binha, izda t-tnejn. Lina aktar riservata ssib wens f'Johnny, filwaqt li Anna wahedha gharkuptejha ssabbarha n-nurse. Izda imbaghad, Lina u Marija jidhru jitghannqu u jaghtu wens lil xulxin.**

start going out

Dolor: Meta Wenzu sab lil uliedu, Pietru u Pawlu, qalhom kollox. Din il-grajja tat- tewmin Pietru u Pawlu, li twieldu fl-Imnarja ta' l- 1944. Kienu hbieb, minghajr qatt ma saru jafu li huwa tewmin…… Izda l-hajja tibqa' sejra…. U f'Malta sehhew bosta grajjiet. Lina u Marija saru hbieb u ta' sikwit kienu jmorru flimkien taht is-sigar tac-cipress isellmu lil mahbubin taghhom. U t-tarbija ta' Anna rat id-dawl nhar il-31 ta' Jannar , gurnata li ghal bosta tfisser hafna. Forsi kien hemm raguni ghaliex Brian kien twieled dak in-nhar….. min jista jghid?
Anna baqghet tghix gewwa ta'Xbiex, flimkien ma' Lina u Johnny, u kienet tghid ma' shabha li donna thoss vicin hdejha lil Pawlu u lil Pietru, tnejn li kienet thobb, u li ma setghet qatt taqsam hajjitha maghhom. Dolor exits

## L-GHAXAR XENA: ANNA SARET OMM- TWIELED BRIAN .

**(Hawnhekk tidher Anna, bit-tarbija f-idejha filwaqt li Pietru u Pawlu jkunu hdejha, naturalment minghajr ma tintebah. Id-dawl jitbaxxa fil-kamra tal-genb fejn tkun hemm Marija u fuq il-Palk naraw numru kbir ta' zghazagh waqt disco…… muzika moderna bil-beat qawwi. Qassis idur fosthom, u ragel imdahhal fiz-zmien li kien jaghti daqqa t'id idur b'fanal f'idejh, pjuttost biex jinbexx u jfakkar lil dawk li jkunu prezenti l-ambjent li kien ikun hemm waqt l-ewwel discos fl-oratorju f'Tas Sliema!)**

## L-GHAXAR XENA TKOMPLI: FL-ORATORJU FIS-SNIN TMENIN.

Fran left

Fr. Joe: O.K. Wasal il-hin biex nieqfu ghax il-girien jibdew jilmentaw mill-istorbju.

Brian: U ejja Fr. Ftit hin iehor. Paceville ikun lanqas ghadu beda bhal issa.

| | |
|---|---|
| Fr.Joe: | Mela issa inthom sejrin Paceville.? Mhux bizzejjed, ilkom taqbzu mis- 7.30! |
| Sara: | Fr, imissna dawn id-discos naghmluhom aktar ta' spiss. Jiena nahseb li jekk isiru regolari, n-numru jikber |
| Petra: | Il-hbieb igibu lil hbieb....u forsi niehdu permess biex indumu ftit tal-hin iehor. |
| Matthew: | Jew inkella wara l-11.30 inbaxxu l-volume! |
| Fr.Joe: | U intom ma tqumux fis-6.00 ta' filghodu. Jiena rrid immur inqaddes l-ewwel xoghol, imbaghad ghada wara l-ikel ghandna loghba mportanti hafna fil-league tal-basketball tat-tfajliet. |
| Sara: | Ghada niehdu l-league. We need support. Ihom gejjin hux vera? |
| Brian: | Jekk ma nigux ahna, l-loghba lanqas tintlaghab. |
| Fr.Joe: | Isma bil-haqq Brian, (Jigbdu fil-genb). Ma kienx hemm ghalfejn tizfen b'dak il-moghod. Mela hsibt li ha tahrablek... |
| Brian: | Sewwa qed tghid li tahrablek....billi m'hawnx minn irid johrog ma' Sara. Come on Fr. Joe. Id-dinja qed tinbidel. |
| Fr.Joe: | Qabel ma ninsa Brian. Dak il-mutur sejjer taghmel xi storja bih Ghalfejn dak is-sewqan kollu. Dan biex turi u ssemma lil kulhadd x'mutur ghandek? |
| Brian: | Power, Fr. Power is the word..... |
| Fr.Joe: | Hallik mill-power. Il-mama cemplitli u nghidlek is-sew qaltli biex intarraflek xi haga f'widnejk. Imma ghidli ftit..... Id-distanzi hawn Malta tant huma qosra, li sewqan esagerat ma jaghmel l-ebda differenza. Forsi tasal minuta u tnejn qabel. Lanqas li kienet ha taqa' d-dinja! |

Brian: Anzi jiena nilbes il-crash helmet, u ha nghidlek, min jirkeb mieghi, jekk ma joghogbux jista jinzel. Inti taf li jekk ikollok mutur qawwi, tista tevita hafna ncidenti.

Fr.Joe: Xi trid tghid bija? Jiena nibqa nghidlek li aktar ma ssuq aktar hemm ic-cans li ddabbar xi wahda. Wara kollox, hafna drabi mhux kif issuq int, imma kif isuq hadd iehor. Daqs kemm hawn boloh…..

Petra: Goodnight everyone….. il-papa' gie ghalija. Kemm inti lucky Sara li sejra ma' Brian bil-mutur.

Sara: Il-papa lanqas jaf li nirkeb mieghu, ghax li kieku ibqa' zgur li joqtolni!

Brian: Ibqa zgur li joqtolni….Isma jekk ma tridx tirkeb mieghi , mhux problema, ahjar, ghax nibqa sejjer Paceville mill-ewwel.

Sara: Ahna ftehemna li ma tmurx wahdek hemmhekk…

Brian: Jaqaw qed tghir jew. So what. Jekk m'intix lesta li tavdani, ahjar iddabbar rasek l-hemm.

Sara: Minn mindu ghandek dak il-mutur, kibritlek rasek,. Dalwaqt ma jibqax jigik dak il-crash helmit.

Brian: Funny…… dahhaqtni hej. Insomma inti gejja jew le?….

Fr.Joe: Goodnight everyone. Narakhom ghada. U grazzi tal-ghajnuna.

***(Fr. Joe jibqa wahdu…….)***

## IL-HDAX IL-XENA: IL-QASSIS IL-HADD FIL-GHAXIJA.

**(Silta mill hsiebijiet ta \Michel Quost "The Priest on a Sunday evening".)**

Fr.Joe: Kulhadd telaq. Waqa' l-kwiet. Issa ninsab wahdi Mulej. Il-genn li kien hawn ftit tal-minuti qabel, waqa' f'hemda, u dan il-kwiet

inhossu jifnini. Il-bierah, is-sibt,imxejt id-dawra tas-soltu, tard fil-ghaxija. Iltqajt ma' hafna li jafuni. Min sellimli u dahaqli, ohrajn waqfu jitkellmu, fuq hwejjeg bla sens.... Xtaqt naqsam hsiebijieti ma' xi habib, izda ma sibt lil hadd min jifhimni! Donnhom ma jixtiequx li l-lejl jispicca, u baqghu jobghodu s-sighjat bikrin ta' filghodu. Harist lejn it-tfal jilghabu ma' djul ommhom. Iggustajthom Mulej, u fhimt li dawn l-ulied qatt ma setghu ikunu tieghi! U llum il-Hadd, wara gurnata ta' fejda, fejn issuktajt nghaddi xi kelma ghall-gid, ninsab wahdi mill-gdid. .....u issa dan il-kwiet qieghed ibezzghani, qieghed jinkwetani, ghax ninsab wahdi.

Mulej, illum ghandi 33 sena, daqshekk. Ghandi x-xewqat li forsi kellek int, ghadni fl-aqwa tieghi, lest li nhobb bhal hadd iehor, lest li nkun missier bhal hadd iehor, izda ghazilt li narmi kollox ghalik u ninsab wahdi. Ghidli li kellek bzonni u nifhmek, ghax daqstant hawn xoghol.

Tifhem li mhux facli li taghti lilek innifsek ghal hadd iehor, u tinsa x-xewqat tieghek?
Tifhem li mhux facli li thobb lil hadd iehor u ma twennes lil hadd mieghek?
Tifhem li mhux facli meta tohrog idejk u tqawwi dik il-qalb imgarrfa, minghajr ma hadd jikkonsla lilek?
Tifhem li mhux facli li tkun dejjem lest biex taghti minghajr ma tircievi xejn lura?
Tifhem li mhux facli li zzomm f'qalbek mistura dak kollu li tisma, u li ggorr il-piz ta' haddiehor?
Tifhem Mulej, li mhux facli li tkun wahdek.. ...wahdek quddiem kullhadd, wahdek quddiem id-dinja, wahdek quddiem min hu mwegga', wahdek quddiem il-mewt.....
Mulej......ninsab wahdi u qieghed nibza.....hawn is-skiet.

***(Ipoggi bilqeghda u jidfen wiccu fil-pali ta' jdejh u Patrick li kien fil-qrib iwiegbu li tkun il-vuci tal-kuxjenza.....)***

Patrick: Joe, u jiena nghidlek li m'intix wahdek. Hawn hafna minn shabi li minghajr ma taf jaghtuk idejhom. Qalli biex nghidlek li Huwa ghandu bzonnok. Ghandu bzonnok biex tissokta tghid kelma ghall-gid, Ghandu bzonnok biex tkompli tbierek u twennes,

tkompli tisma, tkompli thobb, Ghandu bzonnok biex tkun wahdek halli kull min ghandu bzonnok, isibek. Lest sabiex iggorr in-niket taghhom, sabiex tfarrag, sabiex tqawwi l-qlub. Mhux facli Joe, izda ahna li tlaqna qablek, ninsabu hdejk, ninsabu fil-qrib, sabiex meta thossok niezel, nerfawk.... Qed tifhem Joe?

puts hand on shoulder

***(Ihabbat il-bieb bil-qawwi, jinhasad, u jmur jiftah......)*** — Patrick exits — up the stairs

Mrs. Vassallo: Fr. Joe, nitolbok , tista tigi d-dar ghax ir-ragel ha jaghmel wahda tinkiteb.

Fr. Joe: X'gara, Mrs Vassallo, iva ghaddi. Ikallma ftit.

Mrs. Vassallo: Ghax it-tifel, fettillu jiehu l-karrozza ta' missieru bil-mohbi, u habat biha. Hemm hafna hsarat u jrid ihebb ghalih... Biex niffrankaw xi haga, l-Insurance ghamilha li tkopri biss lil Dennis u lili....

Fr. Joe: Imma t-tifel wegga?

Mrs. Vass: Le, kieku ghall-grazzja t'Alla ma gralu xejn, imma nahseb li l-karrozza ma tissewwiex!

Fr.Joe: Allura issa Dennis u t-tifel fejn qeghdin?

Mrs.Vass: It-tifel, issakkar f'kamartu u Dennis irid jifqa l-bieb biex...

Fr.Joe: Ejja mmorru, nipprova nikkalma s-sitwazzjoni. Inti bil-karrozza qeghda?....

Mrs. Vass: Le, ahna karrozza wahda ghandna, gejt bil-mixi, ma riddtx immur ghand il-Pulizija, biex ma nkabbarx l-problema....

Fr.Joe: Habat tajjeb, ghandi l-karrozza wara l-bieb...tlaqna, kollox Jirranga, l-importanti li t-tifel ghadu qawwi u shih, biex jisma u jitghallem!!

**(Fr.Joe u Mrs. Vassallo johorgu u jibqa jidher Patrick. Wara ftit johrog Wenzu, Paul u Peter, u ohrajn. Kullhadd jimxi bil-mod, donnhom qeghdin iharsu mill-boghod lejn dak kollu li kien qieghed jigri…… x'misteru ta' hajja!)**

Wenzu: Kif qeghdin taraw, ahna li tlaqna qabilkom, ta' sikwit niltaqghu, u nghidu kelma bejnietna. Naraw kif nghaddu z-zmien, min jimxi, min ikanta, min jilghab, min itir minn post ghall- iehor f'kull rokna tad-dinja. Le m'ahniex il-boghod hafna. Hawnhekk, iz-zmien m' ghandux hin, u l-hin ma jispicca qatt. Niltaqghu ma' nies ta' kull gens u twemmin, minn kull epoka u zmien….

***(Hawn inhalli f'idejn id-direzzjoni, biex jidhru jimxu nies ta' epoka Rumana, Francisa, nies ta' kulur iehor li projament jfissru dak li qieged jgid Wenzu)*** Basket ball

***Jidhru grupp ta' tfajliet bi Track Suits lesti sabiex imorru jilghabu. ghazagh ohra fil-qrib b'xi bnadar. Jidhru wkoll xi genituri li gew biex jaghtu s-'support' lit-team. Fil-genb tal-palk jidher motor cycle, u Brian bil-crash helmet f'idejh….***

Brian: Sara, inti ejja mieghi u hallieh jghid u jgorr kemm irrid.

Sara: Ghax ma tantx jiehu gost li jarani nirkeb mieghek qabel il-loghba…

Brian: Mhux qabel il-loghba biss, imma l-hin kollu. Lanqas li ma nafx insuq….. u ejja , hawn ha, ilbes il-helmet, dalwaqt gej halli mmur nixtri xi haga…..

Fr.Joe: Sara, mela m'intix gejja maghna bil-mini bus?

Sara: Fr. Please,,…nitolbok, halli nirkeb ma' Brian, ghaliex meta nkun mieghu , ma jsuqx hafna, ghax nibda noqorsu!!!

Fr.Joe: Ee, mela hekk ghamel, halli jitlef il-kontroll…

Sara: Hekk jew hekk., lanqas noqghodu kollha. Daqs kemm hawn supporters illum.

Fr. Joe: Tajjeb kollox sew, ejjew immorru bil-mod, Issa dalwaqt il-hamsa u naslu tajjeb fil-hin ghax il-loghba fis-sitta. .... Habat tajjeb ukoll li hawn xi genituri..... Brian, ara suq bil-mod...

**(Sakemm Brian jidhol gewwa, peres li forsi ma jsuqx mutur, johrog iehor liebes bhalu, jistartja l-mutur u jidhol bejn il-kwinti......Il-palk jizvojta u jinxtghel id-dawl fuq il-genb tal-palk, fid-dar ta' Anna, Lina u John)**

## IT-TNAX IL-XENA: NISIMGHU L-INEWS,.....ID-DIFNA.

Get in very furious John first Lena

John: Hawn ha, zewg cittazzjonijiet ohra. Abbuz ta' Sewqan, Sewqan b'manjiera perikoluza..... Din id-darba m'hiniex bi hsiebi nqabbad avukat, biex jerga jilliberah.... J'Alla jehel suspenzjoni.....

Anna: Ma nafx ghaliex hareg hekk dak it-tifel. Izjed ma jonqsu xejn Izjed m'hemmx li jrabbi ftit tal-ghaqal.....

Lena: John, jiena t-tort kollu lilek naghtih. Kieku m' ghamiltix tal-galantom u mort tixtri dak il-mutur kif appena dahal l-universita, llum m'ghandix dan l-inkwiet.

John: Ma jistax ikun jibqa sejjer hekk. Dan x'min ghalih lahaq. Hadd ma jista' jkellmu. Jaghmel biss dak li jidhirlu rasu u ma juri l-ebda rispett lejn hadd.......

Lena: John, ixghel it-television, halli tisma' ftit kif marru l-investimenti llum. Jehtieg li niehdu parir, jekk jibqghu nezlin b'din ir-rata, dalwaqt jispiccaw fix-xejn.....

*(Jinxtghel it-TV u jibqghu jitkellmu......)*

John: Mela kelli ragun li xtrajt dik l-art u sejjer nizviluppah a fi Flattijiet.

N-Nanna: Ieqfu ghax ma tantx nisma jien........ghollilu ftit....

Lena: Mela vera ttaraxt int!!!

***(Jinxtghel it-Tel. Dan jista' jkun xi playback fuq TV/Video ta' recording. Jekk jista jkun wiehed jaghmel uzu minn xi hadd familjari bhala xandar)***

Xandar: u ghalkemm qed isir kull sforz mill-gnus maghquda sabiex isehh il-paci fil-lvant nofsani, naraw li xi ghaqdiet ghadhom jissuktaw bit-twemmin taghhom ta' qerda…..

***(Icempel it-tel. Fuq id-desk tax-xandar…..)***

Xandar: kollox sew….. sinjuri, ghadha kif dahlitilna l-ahbar ta' tracedja ohra li sehhet ftit tal-minuti ilu, fit-triq tar- Rabat. Zaghzugh li kien qieghed isuq mutur flimkien ma' rikkieba tfajla zaghzugha ohra, li x'aktarx kienu fi triqthom lejn il-paviljun ta' l-isports f' ta'Qali, tilef il-kontroll tal-mutur tieghu u habat ma' karozza ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta. Jidhel li sfortunatament, it-tfajla tilfet hajjitha fuq il-post ta' l-incident. Is-sewwieq tal-mutur ghalkemm wegga ', jinsab f'kundizzjoni stabbli…

Reaction ×

Rita get up and move

Dan huwa d-disa incident din is-sena li fih kien hemm fatalita'. Kulhadd jaqbel li hemm bzonn ta' razan fis-sewqan u li ghandu jkun hemm sorveljanza ikbar mill-awtorita'….. Issa nghaddu….

Lina: Madonna tal-hniena….dan zgur Brian…..

Ommi naraw x'genn Anna

× Anna takes care

## XENA TLETTAX: ID-DIFNA.

**Black out. Fuq il-palk jidher kullhadd liebes l-iswed. Il-funeral ta' Sara… Mill- plateja jidhlu erba' zghazagh igorru tebut, filwaqt li l-kotra tan-nies tkun qeghda fuq il-palk tistenna…….**

Patrick: M'hemmx li nitghallmu. Glied, qtil, u mwiet ma' l-erba' irjihat tad-dinja. Bhal mewg tal-bahar, wahda fuq l-ohra thabbat mal-blat, tixxellef, titkaxkar helu helu fuq ir-ramel, u tmur lura lejn il-bahar,iillum, ghada u ghal dejjem, bhal dari…..u l-mewg jissielet bla' ma jaqta' qalbu, jissara bla serhan.

In the meantime they go in with coffin

Brian etc family at left from corridor and friends on the right and father in the middle

Zaghzugha ohra tilfet hajjitha fil-fjur taghha. Izda forsi hekk kien id-destien taghha. Min jaf…….

Fr. Joe: Hbieb tieghi, ingbarna llum flimkien sabiex naghtu tislima ghal l-ahhar darba lil Sara, tfajla kollha hegga, ferrieha, u b'tama qawwija ghal gejjieni. Bha- lum, ma nistax insib kliem ta' farag ghall- genituri taghha, ghall-hbiebha u aktar u aktar ghal dawk li forsi f'qalbhom ihossu li kienu l-kagun ta' dan l-imrar kollu li jinsab quddiemna.

Xtaqt li dak- it-tebut kien abjad minnflok sewdieni, ghaliex inhoss f'qalbi li wara kollox issa li Sara bdiet triq ohra,. il-vuci tal- kuxjenza tieghi tghidli li Sara qeghda maghna, ghalkemm hadd ma jista jaraha, tinsab fil-qrib. Iddur ma' dawk li kienet thobb….. tlesti t-triq ghalina wkoll. Kif tafu, Sara kienet thobb tikteb xi versi u fid-djarju taghha, f'lejliet it-tracedja kitbet dawn il-precisi kelmiet… u kien xieraq li ommha tinsisti li jinkitbu fuq qabritha:
"Fejn qeghdin intom illum,
Kont jiena l-bierah….
Fejn qeghda llum jiena,
Tkunu ghada inhom
Illum qed tirfsu minn fuqi
U ghada sejrin jirfsu lilkom……

Kemm huma kliem meqjusa……. Kull kelm' ohra tkun fierha. Grazzi Sara. Itlob ghalina u mexxi int, b'mod specjali lil dawk li kienu fil-qrib ta' qalbek.

Fl-isem tal-Missier…. / coffin goes down

**(Ibierek it-tebut… u johorgu bil-mod. Jinzlu t-tarag tal-palk u jduru mat-teatru fuq sfond ta' muzika – Vangelis No 6- Jerusalem. Sa dan it-tant, il-palk jinbidel f'cimiterju…..)**

**(Xena ta qsim il-qalb min kull min kien prezenti….. Brian jidher bil-krozzi. Jinzel it-tebut…. Fjuri, tikhila fuq fuq, u bilmod kulhadd iwarrab. )**

Rita- goes out with Gilarda

John: Ejja Brian, ha nserrah mieghek…..

Anna: Ejja mieghi…… nahseb li Brian…

Brian: Nixtieq nibqa ftit wahdi…..

**(Kulhadd johrog, u jitbaxxa d-dawl……Brian jibqa' wahdu fuq il-qabar ta' Sara. Sara tohrog bi spot light fuqha…. Tidher vicin ta' Brian.)**

**Tinstema' fil-background, sound track ta' City of Angels.**

Brian: Sara…. Ninsab wahdi issa . Kemm nixtieq li zzomli jdejja!
Din hija l-ahhar kitba tieghek.

Wahdi qalb il-hdura ta' cipress gholi ,
F'din l-ghodwa mcajpra tal-harifa, sewda.
Weraq nezlin, qajl qajla fuq it-trejqa,
Tal-hajja tieghi…..

U jiena issa ktibtlek hekk ghaziza tieghi….

Meta warrbet il-kotra,
Qbajt ftit wahdi hdejk
Fuq dik is-sodda mfewwha gdida
Sabiex inkun nista' nkellmek f'widnejk.

Donni rajtek tistahba
Wara s-sigar tac-cipress
Rajt li ma kontx qed nhewden,
Izda smajt lehnek jidwi mar-rih.

"kemm huma boloh jibkuni qeghdin
ma jafux li jien ninsab fil-mistrieh"

Sara she goes upstairs to go to heaven

Imbaghad donni rajt il-fjuri jinfetqug
B'idejk tiggebbed, donnok qed tilqa' ballun
Harist madwari, kullhadd kien warrab,
Sakemm gejt fuqi u tajtni blanzun…..

**(Waqt dawn il-versi tinstema' silta mill track ta' City of Angels u minn fuq il-qabar, tohrog id, li donnha trid taqbad lil Brian….. imbaghad min wara l-'epitaph' tidher Sara liebsa l-abjad……)**

Sara: Brian….Brian, m'hemmx ghalfejn tibqa' tigi hawn biex tkellimni. Jiena ninsab fil-qrib kull fejn tkun minghajr ma tintebah. Il-ferita li ghandek f'qalbek dalwaqt tibda tfieq minnha. Naf, li qieghad thoss bidla fik. Nifhem li mhux facli li thares lejn il-hajja b'mod iehor, izda rridek tifhem li hajti issa bdiet! Brian, ohlom dak li tixtieq tohlom, mur fejn tixtieq tmur, u kun dak li tixtieq tkun. Ftakar Brian, dawn il-kelmtejn,…sakemm nergghu niltaqghu….. Brian ftakar…..ftakar…….

***(Sakemm ma tidhirx aktar……Brian jibqa' fuq il-qabar u jidhru dawk in-nies kollha li telqu qabel li llum ma baqghux maghna….. Iharsu lejh minghajr ma jitkellmu donnhom kollha jixtiequ jgaddulu messagg. )***

Brian: Imma jiena qed niggenen …. Jew qed nohlom! Xi hadd jghidli, imma m' hawn hadd….. ninsab wahdi, madankollu qieghed inhossni mdawwar bin-nies, jigru mieghi…..

Wenzu: Ghandek bzonn xi haga habib tieghi….

Brian: Int min int, minn fejn gejt?

Wenzu: Kont ili xi ftit nosservak. Inti tigi ta sikwit hawn, sinjal li tlift lil xi hadd li kont thobb bis-serjeta'.

Brian: Jien kont il-kagun tal-mewt tat-tfajla tieghi, f'incident li kellna bil-mutur.

Wenzu: Smajt. Kienet disgrazzja kerha! Kemm hemm kliem sabih fuq il-qabar taghha. Il-hajja taghna tant hija qasira, li bilkemm wiehed jirrejalliza li f'qasir zmien ma nkunux hawn aktar, jew inkella jahsbu li m' ghadniex maghhom. Trid timxi ftit mieghi?

Brian: Int hiereg barra?

Wenzu: Iva, waslu biex jaghalqu. Mhux ahjar tingabar issa…..

## XENA ERBATAX: BNIEDEM GDID.

**(Fid- Dar Ta' Johnny u Lena.)**

John: Ma nistax nifhem kif inbidel Brian. Kien qisu kaxxa genn.

Anna: Nispera li huwa f'siktu. Qieghed jingabar fih innifsu, kif kien jaghmel Peter.

Lena: It-telfa ta' Sara hadha bi kbira wisq. Donnu ma jistax jaccetta li Sara issa m'ghadhiex maghna. Tarah ta' sikwit jigbed lejn ic-cimiterju. Jghidli li hemmhekk biss isib il-wens u l-paci f'qalbu.

Brian: ***(Minn gewwa)*** Wasalt jien…..

John: Biddlu d-diskors ghax jahseb li …..

Brian: llum grali xi haga li nahseb ha tiswieli l-kumplament ta' hajti…

Lena: Mela xi gralek Brian?….tidher hosbien hafna dan l-ahhar….

Brian: Dan li sejjer nghidilkom, forsi ghall-ewwel sejjer jahsadkom xi ftit, imma ili zmien intella' u nnizzel u llum nahseb li hadd id-decizjoni ta' hajti……

John: Iva aqlaghha kemm ser iddum gej biha….

Brian: Meta kont fuq il-qabar ta' Sara, hassejtha tkellimni fil-qrib. Hassejtha hdejja, lanqas temmnu, kont qieghed inhares lejn ghajnejha u qalti
"Brian, ohlom dak li tixtieq tohlom, mur fejn tixtieq tmur, u kun dak li tixtieq tkun…..

Anna: Kompli ibni, kompli imbaghad x'gara…

Brian: Dort u ma rajtiex aktar, izda ma nafx min tfacca , resaq lejja ragel minn taghna hafna u filwaqt li pogga jdejh fuq spallti, imxejna flimkien 'll barra, imbaghad gara l-istess haga…..

John: Ha nghidlek x'naghmlu Brian. Int ghandek bzonn holiday halli tinsa ftit l-ghawg li dhalt fih dan l-ahhar....Il-gimgha d-diehla ghandi bzonn nitla Londra fuq xi negozju. Ejja mieghi, xejn xejn izzomli kumpanija...

Brian: Grazzi Nannu. Izda ghadni m' ghedilkomx kollox. Tidhqux b'dak li sejjer nghidilkom.... Tweghduni.....

Lena: Biex inti gej illum Brian?

Brian: Shabi kollha qaluli kemm tbiddilt dawn l-ahhar tlett xhur. Ghandhom ragun. Jiena bniedem gdid. Jiena bniedem iehor. Nixtieq li ninghaqad mas-Salesjani.

***(Kulhadd ihares b'sorpriza kbira lejn xulxin)***

John: Int bis-serjeta qed tghid, jew trid tigbdilna saqajna llum?

Brian: Ibqa zgur nannu, li qatt ma tkellimt aktar bis-serjeta' mill-lum.

## L-AHHAR XENA: IL-BNIEDEM MISTERU.

**(Black out fil-kamra. Spot in-naha l-ohra fejn tidher il-genb tal-knisja)**

Dolor: Wenzu kien kellmu f'widnejh. Fost affarijiet ohra qallu li lkoll kemm ahna ghanda hajja wahda f'din id-dinja. Qallu li jehtieg li tkun ferhan, sabiex tferrah lil haddiehor, qallu li kien jehtieg li tghaddi min zmenijiet koroh, sabiex tkun tista' tfarrag lil hadd iehor, li tkun garrabt soghba bizzejjed, biex tifhem kemm tista ssoffri l-qalb, u b'hekk tkun tista' dejjem tittama li ssib it-triq......

Wenzu: U t-triq saba. Ghaliex dawk in-nies kollha li huma tassew kuntenti, ikunu daqu l-imrar tal-hajja, dawk li batew, dawk li jfittxu (searched) l-verita, jistghu jifhmu u jghadru lill- ohrajn. L-imhabba lejn l-ohrajn tibda bi tbissima, tkompli b'bewsa u tispicca b'demgha. Il-gejjieni huwa mibni fuq li fihmghoddi, mibni fuq dak li zbaljajna fih fl-mghoddi.

***(Hawnhekk jidher Brian liebes ta' qassis, ghadu kif lehaq, imdawwar biz-zghazagh, ommu, u dawk kollha li telqu qablu….***

Brian: Is-snin ta' l-istudju malajr gerrbu u llum, quddiem ommi, in-nanniet, u l-buzz nanna li ghalqet mitt sena, izda ghadha tisma' daqs zaghzugha, imma mhux qeghda tilghab it-tennis aktar! Ninsew ftit ic-cajt, ghalkemm kif jafni kulhadd, is-serjeta ma nafx fejn toqghod. Ninsab quddiemkom liebes dawn il-hwejjeg li jfissru xi haga specjali. Illum jiena haddt l-ewwel quddiesa tieghi, u nixtieq li naqsam maghkom il-ferh kollu. Sirt naf, il-verita kollha fuq il-familja tieghi, u din sejra tibqa f'qalbi u f'qalb ommi. Din il-verita' tqawwili r-rieda tieghi biex naghti hajti, kollha kemm hi ghall-gid taz-zghazagh. Il-qassis ma jaghmlux il-kullar, u l-libsa sewda fil-granet tal-lum. Il-qassis huwa dak li jissokta jiddeffes, fin-night clubs, fid-discos, fuq il-bankijiet tax-xoghol. Il-qassis huwa dak li verament lest li jinsa lilu nnifsu u jaghti kollu kemm hu l-ohrajn. Naf li mhux facli izda naf ukoll, li hemm dawk kollha li telqu qabilna, fosthom in-nannu Wenzu. Ma nafx kif, izda nhossu fil-qrib kull fejn inkun. Ma nistax illum ma nsemmix lil ghazeza tieghi Sara. Min qatt kellu jghidli li dik d-disgrazzja wasslet biex jiena llum qieghed quddiemkom. Hbieb tieghi, grazzi ta' kollox, ftakru li t-toroq t'Alla ma jafhom hadd!

Il-folla: Prosit Fr. Brian. Awguri dejjem…. (Capcip)

Wenzu: Qeghdin taraw kif gerrbu mitt sena. Qeghdin taraw kif filli kont tfajjel ckejken indur fix-xatt tas Sliema, iz-zmien li qattajt fil-kullegg, meta ltqajt ma' Marija fir-rewwixta ta' Gunju, l-ulied li kelli, fosthom it-tewmin Pietru u Pawlu, u l-frott ta' l-imhabba taghhom - li llum sejjer ikompli fejn ~~bdew~~ trelleeo ta' qablu….

Dolor: U qeghdin tifhmu ghaliex qabel ghedna li l-hajja hija misteru. B'elf ghagna, elf lemha u fehma. Misteru ta' mhabba u mibgheda, il- bniedem li jaghraf u jitbissem, jithabbeb. Misteru ta' waqa u ndiema, ta' fidwa, tahlita ta, mhabba u sensi.

Wenzu: U nerga nghidilkom, li jekk tharsu ftit fil-genb taghkom, thossu li dawk li telqu qabilkom…..jekk tharrek idejk il-fuq thoss lil missierek jehodlok b'idejk, **(JIellem lill- udjenza b'mod**

**individwali) ,** u int; hdejk hemm huk, U int ghandek lil zewgek, lil bintek, lil siehbek, lil ommok…lil martek.. dawk li habbejtu f'hajjitkom. U hekk hi l-hajja, rota ta' zmien, u l-bniedem jibqa' jittama ghall-gejjieni ghaliex huwa:

Patrick: Jitwieled, jixxettel u jikber.

Battist: Jithenna u jithabbeb….

Gillarda: Iwelled u jkabbar….

Sur Fons: Idakkar u jsebbah….

Marija: Iseddaq u jkattar…..

Fr. Joe: narawh jintilef fil-gholi tas-sema….

John: ikasbar lill- ghajru, lill- hbiebu u lill- hutu…

Lena: ifittex dinja ohra sabiha….

Brian Imbeghda mill-hazen u l-qerda.

Sara: Il-bniedem x'misteru ta' dnewwa u hena

~~Madre:~~ Jitwieled biex jifrah u jibki…

Pietru ~~Fredu:~~ Jitghaxxaq u jithabbeb,

Anna ~~Carmela:~~ jinfired u jintilef

Fizjal: Imbaghad jindifen u jintesa

***Ikoll b'vuci wahda filwaqt li jinstema r-rittmu ta' tamborlin:***

In-nisa: Mitt bniedem, mitt ghagna, mitt lemha mitt fehma

L-Irgiel: Elf grajja, elf bikja u mhabba,

Lkoll: Elf mewta, elf qabar, elf tama, elf xewqa, u elf qawma….

Wenzu: U kif l-lejla tohorgu minn hawn u kulhaddd jingabar lejn daru, ftakru, ftakru li intom qatt ma tinsabu wahedkom, hdejkom hemm ahna lkoll li tlaqna qabilkom. Hemm dejjem ukoll dawk l-ulied; u xi darba tifhmu…….tifhmu tassew "FEJN MARRU L-ULIED!".

(KULHADD JINGABAR FUQ IL-PALK….KULL MINN HA SEHEM, B'KOSTUMI TA' KULL EPOKA, TFAL, MIN HU MLAQQAT, MIN HU PULIT, SULDATI U PULIZIJA, TFAL BL-UNIFORMI TAL –BRIGADE, U QASSISIN……. KULLHADD B'VUCI WAHDA JAGHLAQ B'DAWK IL-VERSI……LI NSTEMGHU DIVERSI DRABI MATUL IL-PRESENTAZZJONI U LI JIBQGHU JIDWU F'WIDNEJN L-UDJENZA. HUWA MPORTANTI LI WAQT L-GHELUQ TAL-PURTIERA, IL-MUZIKA LI NTUZAT TUL IL-PRODUZZJONI TIBQA TINSTEMA SAKEMM L-UDJENZA TOHROG MIT-TEATRU.